Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0384(COD)

24.6.2026

EMENDI
36 - 318

Abbozz ta' rapport
Nicolas Bay, Bartłomiej Sienkiewicz
(PE788.848v01-00)

Il-monitoraġġ u l-kontroll tal-prekursuri tad-droga u t-tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 273/2004 u (KE) Nru 111/2005

Proposta għal regolament
(COM(2025)0747 – 2025/0384(COD))

Emenda 36
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi adottata fi Vjenna fid-19 ta' Diċembru 1988 ("il-Konvenzjoni tan-NU") hija parti mill-isforz dinji għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti. L-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni tan-NU permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE[3].	(1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi adottata fi Vjenna fid-19 ta' Diċembru 1988 ("il-Konvenzjoni tan-NU") hija parti mill-isforz dinji għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti ***u għalhekk tifforma l-bażi għar-regolazzjoni tal-prekursuri kimiċi***. L-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni tan-NU permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE[3].
[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 1990 fir-rigward tal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (ĠU L 326, 24.11.1990, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1990/611/oj).	[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 1990 fir-rigward tal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (ĠU L 326, 24.11.1990, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1990/611/oj).

Or. en

Emenda 37
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU jirrikjedi li l-Partijiet tagħha jieħdu l-miżuri li jqisu xierqa biex jipprevjenu d-devjazzjoni ta' sustanzi li huma inklużi fit-tabelli annessi mal-Konvenzjoni u użati	(2) L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU jirrikjedi li l-Partijiet tagħha jieħdu l-miżuri li jqisu xierqa biex jipprevjenu d-devjazzjoni ta' sustanzi li huma inklużi fit-tabelli annessi mal-Konvenzjoni u użati

għall-fini tal-manifattura illeċita tad-drogi (prekursuri tad-droga). L-adozzjoni ta' regoli għall-monitoraġġ u l-kontroll ta' dawn il-prekursuri tad-droga ġiet implimentata fl-Unjoni bir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], rigward il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ fis-suq intern; u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005[5] dwar il-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/273/oj).

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (ĠU L 22, 26.1.2005, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/111/oj).

għall-fini tal-manifattura illeċita tad-drogi (prekursuri tad-droga) ***u jobbligahom jissoġġettaw ruħhom għat-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ***. L-adozzjoni ta' regoli għall-monitoraġġ u l-kontroll ta' dawn il-prekursuri tad-droga ġiet implimentata fl-Unjoni bir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], rigward il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ fis-suq intern; u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005[5] dwar il-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi. ***Għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib mal-INCB (il-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi).***

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/273/oj).

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (ĠU L 22, 26.1.2005, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/111/oj).

Or. en

Emenda 38
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Kif rikonoxxut fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u l-mandat tal-EUDA, il-politika dwar id-drogi jenħtieġ li tkun multidimensjonali u tinkludi perspettivi kemm tas-saħħa pubblika kif ukoll tas-sigurtà. Ir-reazzjonijiet ta' politika kemm

fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu miżuri li jiġġieldu l-kummerċ illegali tal-prekursuri tad-droga kif ukoll miżuri tas-saħħa pubblika, politiki għat-tnaqqis tal-ħsara għall-persuni li jużaw id-drogi, u azzjonijiet preventivi li għandhom l-għan li jnaqqsu d-domanda għad-drogi u l-ħsara relatata.

Or. en

Emenda 39
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Evalwazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni dwar il-prekursuri tad-droga[6] wriet li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali fir-rigward tal-prekursuri designer. Il-prekursuri designer huma sustanzi relatati mill-qrib ma' prekursuri tad-droga kkontrollati, mingħajr użu leġittimu magħruf, u li jevadu l-kontrolli stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 273/2004 u 111/2005. Dawk ir-Regolamenti nħolqu biex jindirizzaw id-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga tradizzjonali minn kanali leċiti lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, u ma jinkludux regoli speċifiċi li jindirizzaw il-prekursuri designer. L-evalwazzjoni indikat ukoll il-ħtieġa li ***jittieħed approċċ olistiku fir-regolamentazzjoni tal-prekursuri tad-droga, biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-iżviluppi reċenti tal-politika fil-livell tal-Unjoni kontra t-traffikar tad-droga.*** L-iżviluppi reċenti jinkludu l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi, l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1322[7] dwarl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi, l-Istrateġija Diġitali Ewropea u l-adozzjoni tar-	(3) L-Evalwazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni dwar il-prekursuri tad-droga[6] wriet li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali fir-rigward tal-prekursuri designer. Il-prekursuri designer huma sustanzi relatati mill-qrib ma' prekursuri tad-droga kkontrollati, mingħajr użu leġittimu magħruf, u li jevadu l-kontrolli stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 273/2004 u 111/2005. Dawk ir-Regolamenti nħolqu biex jindirizzaw id-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga tradizzjonali minn kanali leċiti lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, u ma jinkludux regoli speċifiċi li jindirizzaw il-prekursuri designer. L-evalwazzjoni indikat ukoll il-ħtieġa li ***jiġi mmodernizzat il-qafas regolatorju għall-prekursuri tad-droga sabiex ikun hemm rispons għal forom ġodda ta' ċirkomvenzjoni tal-kontrolli eżistenti***. L-iżviluppi reċenti jinkludu l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi, l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1322[7] dwarl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi, l-Istrateġija Diġitali Ewropea u l-adozzjoni tar-

Regolament (UE) 2022/2399[8].

[6] (6)Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2020 - Evalwazzjoni tar-regolamenti tal-UE dwar il-prekursuri tad-droga (COM/2020/768 final).

[7] (7)Ir-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1322/oj).

[8] (8)Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).

Regolament (UE) 2022/2399[8].

[6] (6)Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2020 - Evalwazzjoni tar-regolamenti tal-UE dwar il-prekursuri tad-droga (COM/2020/768 final).

[7] (7)Ir-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1322/oj).

[8] (8)Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-terminu "approċċ olistiku" ma għandu l-ebda kontenut legali ċar u ma jipprovdix gwida suffiċjenti għall-interpretazzjoni tar-Regolament. Il-premessa għandha tidentifika b'mod aktar preċiż il-problema speċifika, li hija l-emerġenza ta' disinni tal-prekursuri ġodda u l-ħtieġa ta' monitoraġġ aktar effettiv tal-użu tagħhom.

Emenda 40
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-kontrolli tal-prekursuri tad-droga huma komponent kruċjali ***tal-politika dwar it-tnaqqis tal-provvista tad-droga kif deskritta fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025[9]***. Barra minn hekk, ***il-***	(4) Il-kontrolli tal-prekursuri tad-droga huma komponent kruċjali ***tal-isforzi biex jitrażżnu l-produzzjoni illeċita u t-traffikar tad-drogi***. Barra minn hekk, ***hemm ħtieġa*** li tiġi indirizzata l-isfida

Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025[10]jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida ppreżentata mill-prekursuri designer. ***Barra minn hekk, il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-2023 għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata[11] jisħaq fuq*** il-ħtieġa li jiġu stabbiliti ***modi innovattivi*** biex jitħaffef u jitwessa' l-approċċ kurrenti għar-regolamentazzjoni tal-prekursuri tad-droga b'reazzjoni għal metodi ġodda ta' produzzjoni illeċita tad-droga. ***Bl-istess mod, bħala parti mill-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga l-ġodda, imħabbra fi ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna[12],*** l-UE ***se*** tagħti spinta lill-isforzi operazzjonali biex jitwaqqaf l-influss ta' prekursuri tad-droga, inklużi l-prekursuri designer.

ppreżentata mill-prekursuri designer. ***Hemm*** il-ħtieġa li jiġu stabbiliti ***mekkaniżmi effettivi u xierqa*** biex jitħaffef u jitwessa' l-approċċ kurrenti għar-regolamentazzjoni tal-prekursuri tad-droga b'reazzjoni għal metodi ġodda ta' produzzjoni illeċita tad-droga. ***Jenħtieġ li*** l-UE tagħti spinta lill-isforzi operazzjonali biex jitwaqqaf l-influss ta' prekursuri tad-droga, inklużi l-prekursuri designer.

---

[9] (9)Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, 14178/20, it-18 ta' Diċembru 2020.

[10] (10)Il-Komunikazzjoni COM(2020) 606 final tal-24 ta' Lulju 2020 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - L-Aġenda u l-Pjan tal-Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025.

[11] (11)Il-Komunikazzjoni COM (2023) 641 final tat-18 ta' Ottubru 2023 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-pjan direzzjonali tal-UE biex jiġi miġġieled it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata.

[12] (12)Il-Komunikazzjoni COM(2025) 148 final tal-1 ta' April 2025 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-premessa għandha tiġġustifika l-ħtieġa tar-Regolament propost abbażi ta' problemi speċifiċi relatati mal-produzzjoni ta' drogi illegali. Ir-referenzi għal diversi strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni u komunikazzjonijiet ta' politika ma humiex essenzjali biex jiġi spjegat l-iskop tar-regolament u t-tħassir tagħhom itejjeb iċ-ċarezza tat-test.

Emenda 41
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adottati regoli ġodda dwar il-prekursuri tad-droga, biex jiġu indirizzati aħjar l-iżviluppi fil-manifattura illeċita tad-drogi, u b'mod partikolari, il-proliferazzjoni tal-prekursuri designer. Dawn ir-regoli l-ġodda jkunu jagħtu effett ukoll lill-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU.	(5) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adottati regoli ġodda dwar il-prekursuri tad-droga, biex jiġu indirizzati aħjar l-iżviluppi fil-manifattura illeċita tad-drogi, u b'mod partikolari, il-proliferazzjoni tal-prekursuri designer***, kemm online kif ukoll offline***. Dawn ir-regoli l-ġodda jkunu jagħtu effett ukoll lill-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU.

Or. en

Emenda 42
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Jenħtieġ li s-simplifikazzjoni amministrattiva u d-diġitalizzazzjoni previsti f'dan ir-Regolament ma jirriżultawx fi tnaqqis sproporzjonat fil-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jimmonitorjaw il-movimenti intra-Unjoni tal-prekursuri tad-droga li jippreżentaw riskju għoli ta' devjazzjoni lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati għodod proporzjonati għat-traċċabbiltà u l-analiżi

tar-riskju, filwaqt li jiġi rrispettat il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Or. en

Emenda 43
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kurrenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jiġu fużi f'Regolament wieħed. Dan ***għandu*** jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq intern. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għas-sustanzi li jinsabu fil-prekursuri tad-droga koperti minn dan ir-Regolament, bħar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[13], ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[14] jewir-Regolament (UE) 2019/1148[15]. Jenħtieġ li japplika wkoll mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[16]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għad-dwana, għall-pulizija, għall-forzi armati u għal-laboratorji tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jkunu qegħdin jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, peress li r-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga f'każijiet bħal dawn huwa minimu. Il-pussess u l-użu ta' prekursuri tad-droga mill-ispiżeriji u mill-ispiżeriji veterinarji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet regolari tagħhom jenħtieġ li jkunu wkoll	(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kurrenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jiġu fużi f'Regolament wieħed. Dan ***jenħtieġ li*** jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq intern***, filwaqt li jiżgura wkoll livell għoli ta' protezzjoni tas-sikurezza pubblika u l-prevenzjoni effettiva tal-użu ħażin tal-prekursuri tad-droga għall-manifattura illeċita tad-drogi***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għas-sustanzi li jinsabu fil-prekursuri tad-droga koperti minn dan ir-Regolament, bħar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[13], ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[14] jewir-Regolament (UE) 2019/1148[15]. Jenħtieġ li japplika wkoll mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[16]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għad-dwana, għall-pulizija, għall-forzi armati u għal-laboratorji tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jkunu qegħdin jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, peress li r-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga

eżentati mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament, peress li tali operaturi diġà huma soġġetti għal regoli stretti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti formalitajiet issimplifikati għal negozjanti esterni speċifiċi, bħall-ispiżeriji u l-ispiżeriji ta’ prodotti veterinarji, jenħtieġ li tinżamm biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi bi profil ta’ riskju baxx.

f’każijiet bħal dawn huwa minimu. Il-pussess u l-użu ta’ prekursuri tad-droga mill-ispiżeriji u mill-ispiżeriji veterinarji fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-attivitajiet regolari tagħhom jenħtieġ li jkunu wkoll eżentati mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament, peress li tali operaturi diġà huma soġġetti għal regoli stretti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti formalitajiet issimplifikati għal negozjanti esterni speċifiċi, bħall-ispiżeriji u l-ispiżeriji ta’ prodotti veterinarji, jenħtieġ li tinżamm biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi bi profil ta’ riskju baxx.

---

(13) (14)Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

(14) (15)Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

(15) (16)Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ prekursuri tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013

(13) (14)Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

(14) (15)Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

(15) (16)Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ prekursuri tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013

(ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1148/oj).

[16] (17)Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/oj).

(ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1148/oj).

[16] (17)Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi jrid ikun ibbilanċjat b'miżuri xierqa biex tiġi protetta s-sikurezza pubblika u tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata marbuta mal-produzzjoni ta' drogi sintetiċi.

Emenda 44
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kurrenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jiġu fużi f'Regolament wieħed. Dan għandu jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq intern. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għas-sustanzi li jinsabu fil-prekursuri tad-droga koperti minn dan ir-Regolament, bħar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[13], ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[14] jew ir-Regolament (UE) 2019/1148[15]. Jenħtieġ li japplika wkoll mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi f'konformità	(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kurrenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jiġu fużi f'Regolament wieħed. Dan għandu jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq intern ***u jindirizza l-isfida tal-prevenzjoni tal-użu tal-prekursuri tad-droga fil-manifattura illeċita tad-drogi***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għas-sustanzi li jinsabu fil-prekursuri tad-droga koperti minn dan ir-Regolament, bħar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[13], ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[14] jew ir-Regolament (UE) 2019/1148[15]. Jenħtieġ li japplika wkoll mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli

mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[16]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għad-dwana, għall-pulizija, għall-forzi armati u għal-laboratorji tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jkunu qegħdin jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, peress li r-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga f'każijiet bħal dawn huwa minimu. Il-pussess u l-użu ta' prekursuri tad-droga mill-ispiżeriji u mill-ispiżeriji veterinarji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet regolari tagħhom jenħtieġ li jkunu wkoll eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, peress li tali operaturi diġà huma soġġetti għal regoli stretti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti formalitajiet issimplifikati għal negozjanti esterni speċifiċi, bħall-ispiżeriji u l-ispiżeriji ta' prodotti veterinarji, jenħtieġ li tinżamm biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi bi profil ta' riskju baxx.

nazzjonali dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[16]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għad-dwana, għall-pulizija, għall-forzi armati u għal-laboratorji tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jkunu qegħdin jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, peress li r-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga f'każijiet bħal dawn huwa minimu. Il-pussess u l-użu ta' prekursuri tad-droga mill-ispiżeriji u mill-ispiżeriji veterinarji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet regolari tagħhom jenħtieġ li jkunu wkoll eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, peress li tali operaturi diġà huma soġġetti għal regoli stretti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti formalitajiet issimplifikati għal negozjanti esterni speċifiċi, bħall-ispiżeriji u l-ispiżeriji ta' prodotti veterinarji, jenħtieġ li tinżamm biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi bi profil ta' riskju baxx.

---

[13] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[14] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-

[13] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[14] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-

ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).	ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).
[15] Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 (ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1148/oj).	[15] Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 (ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1148/oj).
[16] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/oj).	[16] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/oj).

Or. en

Emenda 45
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kurrenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jiġu fużi f'Regolament wieħed. Dan għandu jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq intern. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għas-sustanzi li jinsabu fil-prekursuri tad-droga koperti minn dan ir-Regolament, bħar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[13], ir-Regolament	(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri kurrenti u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jiġu fużi f'Regolament wieħed. Dan għandu jiffaċilita wkoll il-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi fis-suq intern. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għas-sustanzi li jinsabu fil-prekursuri tad-droga koperti minn dan ir-Regolament, bħar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[13], ir-Regolament

(KE) Nru 1272/2008[14] jew ir-Regolament (UE) 2019/1148[15]. Jenħtieġ li japplika wkoll mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[16]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għad-dwana, għall-pulizija, għall-forzi armati u għal-laboratorji tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jkunu qegħdin jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, peress li r-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga f'każijiet bħal dawn huwa minimu. Il-pussess u l-użu ta' prekursuri tad-droga mill-ispiżeriji u mill-ispiżeriji veterinarji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet regolari tagħhom jenħtieġ li jkunu wkoll eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, peress li tali operaturi diġà huma soġġetti għal regoli stretti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti formalitajiet issimplifikati għal negozjanti esterni speċifiċi, bħall-ispiżeriji u l-ispiżeriji ta' prodotti veterinarji, jenħtieġ li tinżamm biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi bi profil ta' riskju baxx.

(KE) Nru 1272/2008[14] jew ir-Regolament (UE) 2019/1148[15]. Jenħtieġ li japplika wkoll mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[16]. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għad-dwana, għall-pulizija, għall-forzi armati u għal-laboratorji tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jkunu qegħdin jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, peress li r-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga f'każijiet bħal dawn huwa minimu ***u huwa kkontrollat b'mod adegwat permezz tal-miżuri ta' kontroll intern eżistenti***. Il-pussess u l-użu ta' prekursuri tad-droga mill-ispiżeriji u mill-ispiżeriji veterinarji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet regolari tagħhom jenħtieġ li jkunu wkoll eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, peress li tali operaturi diġà huma soġġetti għal regoli stretti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali. Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti formalitajiet issimplifikati għal negozjanti esterni speċifiċi, bħall-ispiżeriji u l-ispiżeriji ta' prodotti veterinarji, jenħtieġ li tinżamm biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi bi profil ta' riskju baxx.

---

[13] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396,

[13] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396,

30.12.2006, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[14] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

[15] Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 (ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1148/oj).

[16] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/oj).

30.12.2006, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

[14] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

[15] Ir-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 (ĠU L 186, 11.7.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1148/oj).

[16] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/oj).

Or. en

Emenda 46
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Id-devjazzjoni illeċita u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga evolvew b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari permezz tat-tfaċċar rapidu ta' drogi sintetiċi ġodda, prekursuri tad-droga mhux skedati li ma għandhomx obbligi legalment vinkolanti, metodi sofistikati ta' ħabi u trasformazzjoni

kimika u ż-żieda fl-użu ta' pjattaformi online u ktajjen tal-provvista transfruntieri. Dawk l-iżviluppi biddlu b'mod sostanzjali n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-fenomenu tad-droga fl-Unjoni u jirrikjedu qafas legali koerenti, modern u adattabbli. F'dak il-kuntest, huwa kruċjali li d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tiġi vvalutata mill-ġdid u, fejn xieraq, riveduta sabiex jiġi żgurat li l-qafas legali tal-Unjoni jibqa' effettiv, proporzjonat u adattat għall-iskop tiegħu fl-indirizzar tal-isfidi attwali u emerġenti relatati mal-manifattura illeċita tad-droga, it-traffikar illeċitu tad-droga u d-devjazzjoni illeċita tal-prekursuri tad-droga. Allinjament imsaħħaħ bejn dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali tal-Istati Membri, kif ikkoordinat fil-qafas tal-Unjoni, isaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubblika madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 47
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom,	(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom,

jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ ***leġittimu*** b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.

jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ ***leċitu*** b'mod effettiv ***u fejn xieraq, jiżguraw it-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet***, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom ***minn networks kriminali*** lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati.

Jenħtieġ li jkun hemm djalogu kontinwu u strutturat mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk identifikati bħala li jippreżentaw riskju għoli ta' devjazzjoni u traffikar, bl-appoġġ/assistenza tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi ("l-Aġenzija"), f'kollaborazzjoni mal-UNODC (l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità), u l-korpi internazzjonali rilevanti, sabiex jissaħħu l-monitoraġġ, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni li għandhom l-għan li jipprevjenu d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga għall-manifattura illeċita tad-drogi, filwaqt li jiġu identifikati u indirizzati l-ostakli mhux meħtieġa għall-kummerċ leċitu.

Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.

Or. en

Emenda 48
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom,	(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom,

jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ leġittimu b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.	jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ leġittimu b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati***, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u operaturi bi profil ta' riskju baxx***. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri ta' kontroll għandhom ikunu proporzjonati għar-riskju. Meta jiġi implimentat ir-Regolament, huwa xieraq li titqies il-pożizzjoni speċjali tal-intrapriżi u l-entitajiet żgħar u ta' daqs medju li għalihom ma jkunx ġie identifikat riskju akbar ta' użu ħażin tal-prekursuri tad-droga.

Emenda 49
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ leġittimu b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.	(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ leġittimu b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati ***għall-operaturi leġittimi***. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.

Or. en

Emenda 50
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ leġittimu b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li jżommu d-	(7) Il-prekursuri tad-droga skedati fihom sustanzi koperti mill-annessi ta' dan ir-Regolament jew jikkonsistu minnhom. L-annessi jenħtieġ li jinkludu s-sustanzi kollha diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005. Tali sustanzi jew huma koperti mill-Konvenzjoni tan-NU jew jitqiegħdu taħt kontroll fil-livell tal-Unjoni, b'reazzjoni għal riskji speċifiċi ta' devjazzjoni identifikati fl-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern u l-kummerċ estern tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-kummerċ leġittimu b'mod effettiv, bil-ħsieb li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Kif inhu l-każ skont ir-regoli kurrenti, l-operaturi jenħtieġ li jibqa' jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet suspettużi ***immedjatament***. Dan huwa sors importanti ta' informazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti biex jiskopru attivitajiet illeċiti. L-obbligu jenħtieġ li jiġi estiż għal għajbien sinifikanti u serq, peress li inċidenti bħal dawn jistgħu jindikaw ukoll devjazzjoni possibbli lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Bl-istess mod, l-operaturi jenħtieġ li jżommu l-obbligu tagħhom li jżommu d-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga skedati. Sabiex tiżdied il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru evidenza dwar attivitajiet illeċiti, l-obbligu li

dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.	jżommu d-dokumentazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga skedati tal-ogħla riskju u d-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal.
	Or. fi

Emenda 51
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali.	(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward ***tal-identifikazzjoni u*** tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. ***Fid-dawl tal-użu dejjem akbar ta' servizzi online għall-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' prekursuri tad-droga, jenħtieġ li l-fornituri tas-swieq online jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati biex jipprevjenu d-devjazzjoni u l-kummerċ illeċitu tal-prekursuri tad-droga permezz tas-servizzi tagħhom, inkluż billi jistabbilixxu mekkaniżmi li jippermettu d-detezzjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettuż.*** L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali. ***Jenħtieġ li l-fornituri ddeżinjati bħala pjattaformi online kbar ħafna jew magni tat-tiftix online kbar ħafna skont ir-Regolament (UE) 2022/2065, meta rilevanti għall-funzjonament u l-użu tas-servizzi tagħhom, iqisu r-riskji relatati mad-devjazzjoni u l-kummerċ illeċitu tal-prekursuri tad-droga fil-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 34 ta'***

dak ir-Regolament u jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, proporzjonati u effettivi skont l-Artikolu 35 tiegħu. L-implimentazzjoni ta' dawk l-obbligi jenħtieġ li tiżgura l-koerenza mar-Regolament (UE) 2022/2065 u jenħtieġ li ma timponix obbligi ġenerali addizzjonali ta' monitoraġġ.

Or. en

Emenda 52
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali.	(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali. ***F'konformità mar-Regolament (…) li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, il-fornituri tas-swieq online jenħtieġ li jitqiesu bħala l-importaturi għall-bejgħ mill-bogħod. Sabiex jingħalaq id-distakk regolatorju qabel ma jidħol fis-seħħ il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni rivedut, jenħtieġ li dawk il-fornituri jaħtru persuna responsabbli stabbilita fl-Unjoni, mogħtija s-setgħa li tirrappreżentahom fil-materji kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 53
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali.	(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali. ***Għal raġunijiet ta' ċarezza, dment li jkunu koperti mid-definizzjoni ta' importaturi skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni modernizzat, is-swieq online huma soġġetti għall-obbligi fuq in-negozjanti esterni stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 54
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ	(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ

ġenerali.	ġenerali***, u lanqas obbligu li jfittxu b'mod attiv fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-operaturi tas-swieq online ma għandhomx jinżammu responsabbli għall-kontenut jew għat-tranżazzjonijiet li ma jkollhomx għarfien dwarhom. L-obbligi għandhom jinħolqu biss wara li tinkiseb informazzjoni speċifika dwar ksur possibbli tar-regolamenti legali.

Emenda 55
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali.	(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-swieq online fir-rigward tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi bi prekursuri tad-droga skedati li jseħħu fuq is-siti web tagħhom jew li jużaw is-servizzi tal-computing tagħhom, ladarba jkunu saru konxji mill-informazzjoni li twassal għal tali suspett. L-obbligi fuq is-swieq online skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jammontawx għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali***, sakemm l-awtorità nazzjonali ma tqisx li dan ikun meħtieġ***.

Or. fi

Emenda 56
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Dan ir-Regolament għandu

japplika għal prekursuri tad-droga skedati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż fejn tali prekursuri jintremew, jintremew, irritornati jew ittrasferiti għar-rimi, għall-irkupru jew għat-trattament finali, sakemm isiru inutilizzabbli u mhux rekuperabbli b'mod irriverisibbli bħala prekursuri tad-droga. Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà u tiġi pprevenuta d-devjazzjoni fi tmiem il-katina tal-provvista, l-operaturi involuti fil-ġbir, il-qerda jew it-trattament downstream tal-prekursuri tad-droga skedati jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rekwiżiti xierqa ta' reġistrazzjoni u żamma ta' rekords.

Or. en

Emenda 57
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli stretti ta' kontroll peress li fihom sustanzi li għandhom rwol ewlieni fil-manifattura illeċita tad-drogi, iżda anke b'użi leġittimi importanti li jżidu r-riskju ta' devjazzjoni minn kanali leċiti. L-operaturi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq, li jimportaw, li jesportaw, li jwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw tali prekursuri tad-droga jenħtieġ li jibqgħu jkunu meħtieġa li jkollhom liċenzja, peress li dan joffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jagħmlu kontroll bir-reqqa tal-intenzjonijiet leġittimi tagħhom qabel ma tkun tista' titwettaq l-attività. Meta jiġu imposti tariffi fil-livell nazzjonali għall-kisba ta' liċenzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġustaw dawn it-tariffi sabiex jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-	(9) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli stretti ta' kontroll ***u monitoraġġ*** peress li fihom sustanzi li għandhom rwol ewlieni fil-manifattura illeċita tad-drogi, iżda anke b'użi leġittimi importanti li jżidu r-riskju ta' devjazzjoni minn kanali leċiti. L-operaturi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq, li jimportaw, li jesportaw, li jwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw tali prekursuri tad-droga jenħtieġ li jibqgħu jkunu meħtieġa li jkollhom liċenzja, peress li dan joffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jagħmlu kontroll bir-reqqa tal-intenzjonijiet leġittimi tagħhom qabel ma tkun tista' titwettaq l-attività. Meta jiġu imposti tariffi fil-livell nazzjonali għall-kisba ta' liċenzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġustaw dawn it-tariffi sabiex jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[17]. Jenħtieġ li jinżamm ukoll l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jivverifikaw li l-klijenti tagħhom ikollhom liċenzja, peress li wera li huwa mod effiċjenti ta' verifika tal-affidabbiltà ta' tali klijenti. Madankollu, l-obbligu li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-klijenti jenħtieġ li ma jibqax jinżamm, peress li jwassal għal piż amministrattiv mingħajr benefiċċji ċari f'termini ta' faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Huwa importanti wkoll li jinżamm l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jinnegozjaw fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 li jżommu l-bini sikur, u li dan jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga bħal dawn, minħabba r-riskju għoli ta' devjazzjoni tagħhom.	intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[17] ***biex b'hekk jevitaw piżijiet amministrattivi sproporzjonati fuq dawk l-intrapriżi. Sabiex tiġi promossa applikazzjoni konsistenti ta' tali tnaqqis fl-Unjoni kollha u tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, għandha tiġi żviluppata gwida dwar l-applikazzjoni ta' tnaqqis fit-tariffi għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż l-użu possibbli ta' approċċi gradwati li jirriflettu l-kategorija tad-daqs tal-intrapriża u kriterji oġġettivi u trasparenti relatati mal-ammont ta' xogħol amministrattiv assoċjat mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet***. Jenħtieġ li jinżamm ukoll l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jivverifikaw li l-klijenti tagħhom ikollhom liċenzja, peress li wera li huwa mod effiċjenti ta' verifika tal-affidabbiltà ta' tali klijenti. Madankollu, l-obbligu li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-klijenti jenħtieġ li ma jibqax jinżamm, peress li jwassal għal piż amministrattiv mingħajr benefiċċji ċari f'termini ta' faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Huwa importanti wkoll li jinżamm l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jinnegozjaw fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 li jżommu l-bini sikur, u li dan jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga bħal dawn, minħabba r-riskju għoli ta' devjazzjoni tagħhom.
[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, C(2003) 1422 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).	[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, C(2003) 1422 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).
	Or. en

Emenda 58

Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli stretti ta' kontroll peress li fihom sustanzi li għandhom rwol ewlieni fil-manifattura illeċita tad-drogi, iżda anke b'użi leġittimi importanti li jżidu r-riskju ta' devjazzjoni minn kanali leċiti. L-operaturi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq, li jimportaw, li jesportaw, li jwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw tali prekursuri tad-droga jenħtieġ li jibqgħu jkunu meħtieġa li jkollhom liċenzja, peress li dan joffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jagħmlu kontroll bir-reqqa tal-intenzjonijiet leġittimi tagħhom qabel ma tkun tista' titwettaq l-attività. Meta jiġu imposti tariffi fil-livell nazzjonali għall-kisba ta' liċenzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġustaw dawn it-tariffi sabiex jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[17]. Jenħtieġ li jinżamm ukoll l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jivverifikaw li l-klijenti tagħhom ikollhom liċenzja, peress li wera li huwa mod effiċjenti ta' verifika tal-affidabbiltà ta' tali klijenti. Madankollu, l-obbligu li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-klijenti jenħtieġ li ma jibqax jinżamm, peress li jwassal għal piż amministrattiv mingħajr benefiċċji ċari f'termini ta' faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Huwa importanti wkoll li jinżamm l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jinnegozjaw fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 li jżommu l-bini sikur, u li dan jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga bħal dawn, minħabba r-riskju għoli ta' devjazzjoni tagħhom.	(9) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli stretti ta' kontroll peress li fihom sustanzi li għandhom rwol ewlieni fil-manifattura illeċita tad-drogi, iżda anke b'użi leġittimi importanti li jżidu r-riskju ta' devjazzjoni minn kanali leċiti. L-operaturi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq, li jimportaw, li jesportaw, li jwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw tali prekursuri tad-droga jenħtieġ li jibqgħu jkunu meħtieġa li jkollhom liċenzja, peress li dan joffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jagħmlu kontroll bir-reqqa tal-intenzjonijiet leġittimi tagħhom qabel ma tkun tista' titwettaq l-attività. Meta jiġu imposti tariffi fil-livell nazzjonali għall-kisba ta' liċenzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġustaw dawn it-tariffi sabiex jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[17]***, filwaqt li l-ammont ta' tariffi jenħtieġ li jkun proporzjonat għall-kostijiet amministrattivi effettivi assoċjati mal-ħruġ u l-ġestjoni tal-permess***. Jenħtieġ li jinżamm ukoll l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jivverifikaw li l-klijenti tagħhom ikollhom liċenzja, peress li wera li huwa mod effiċjenti ta' verifika tal-affidabbiltà ta' tali klijenti. Madankollu, l-obbligu li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-klijenti jenħtieġ li ma jibqax jinżamm, peress li jwassal għal piż amministrattiv mingħajr benefiċċji ċari f'termini ta' faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Huwa importanti wkoll li jinżamm l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jinnegozjaw fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 li

jżommu l-bini sikur, u li dan jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga bħal dawn, minħabba r-riskju għoli ta' devjazzjoni tagħhom.

(17) (18)Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, C(2003) 1422 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

(17) (18)Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, C(2003) 1422 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Ir-reġimi ta' awtorizzazzjoni ma jridux jimponu piż finanzjarju sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi. It-tariffi għandhom jirriflettu l-kostijiet amministrattivi reali u ma għandhomx jikkostitwixxu piż regolatorju addizzjonali.

Emenda 59
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli stretti ta' kontroll peress li fihom sustanzi li għandhom rwol ewlieni fil-manifattura illeċita tad-drogi, iżda anke b'użi leġittimi importanti li jżidu r-riskju ta' devjazzjoni minn kanali leċiti. L-operaturi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq, li jimportaw, li jesportaw, li jwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw tali prekursuri tad-droga jenħtieġ li jibqgħu jkunu meħtieġa li jkollhom liċenzja, peress li dan joffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jagħmlu kontroll bir-reqqa tal-intenzjonijiet leġittimi tagħhom qabel ma tkun tista' titwettaq l-attività. Meta jiġu imposti tariffi fil-livell nazzjonali għall-	(9) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jkunu soġġetti għal regoli stretti ta' kontroll peress li fihom sustanzi li għandhom rwol ewlieni fil-manifattura illeċita tad-drogi, iżda anke b'użi leġittimi importanti li jżidu r-riskju ta' devjazzjoni minn kanali leċiti. L-operaturi li jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq, li jimportaw, li jesportaw, li jwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw tali prekursuri tad-droga jenħtieġ li jibqgħu jkunu meħtieġa li jkollhom liċenzja, peress li dan joffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-possibbiltà li jagħmlu kontroll bir-reqqa tal-intenzjonijiet leġittimi tagħhom qabel ma tkun tista' titwettaq l-attività. Meta jiġu imposti tariffi fil-livell nazzjonali għall-

kisba ta’ liċenzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġustaw dawn it-tariffi sabiex jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[17]. Jenħtieġ li jinżamm ukoll l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jivverifikaw li l-klijenti tagħhom ikollhom liċenzja, peress li wera li huwa mod effiċjenti ta’ verifika tal-affidabbiltà ta’ tali klijenti. Madankollu, l-obbligu li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-klijenti jenħtieġ li ma jibqax jinżamm, peress li jwassal għal piż amministrattiv mingħajr benefiċċji ċari f’termini ta’ faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta’ tranżazzjonijiet suspettużi. Huwa importanti wkoll li jinżamm l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jinnegozjaw fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 li jżommu l-bini sikur, u li dan jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga bħal dawn, minħabba r-riskju għoli ta’ devjazzjoni tagħhom.

[17] (18)Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta’ mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, C(2003) 1422 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

kisba ta’ liċenzja, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġustaw dawn it-tariffi sabiex jissalvagwardjaw il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[17]. Jenħtieġ li jinżamm ukoll l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jivverifikaw li l-klijenti tagħhom ikollhom liċenzja, peress li wera li huwa mod effiċjenti ta’ verifika tal-affidabbiltà ta’ tali klijenti. Madankollu, l-obbligu li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-klijenti jenħtieġ li ma jibqax jinżamm***, sakemm l-awtorità nazzjonali ma tqisx li dan ikun assolutament meħtieġ***, peress li jwassal għal piż amministrattiv mingħajr benefiċċji ċari f’termini ta’ faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni ta’ tranżazzjonijiet suspettużi. Huwa importanti wkoll li jinżamm l-obbligu eżistenti tal-operaturi li jinnegozjaw fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 li jżommu l-bini sikur, u li dan jiġi estiż għall-operaturi li jużaw prekursuri tad-droga bħal dawn, minħabba r-riskju għoli ta’ devjazzjoni tagħhom.

[17] (18)Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta’ Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta’ mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, C(2003) 1422 (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

Or. fi

Emenda 60
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-użu ħażin ta’ servizzi leġittimi tal-kummerċ elettroniku jista’ jiffaċilita d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn

il-manifattura illeċita tad-droga. Minħabba r-riskju għoli ppreżentat mill-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1, il-fornituri tas-swieq online li jiffaċilitaw il-kuntratti mill-bogħod għall-bejgħ tagħhom jenħtieġ li jivverifikaw, permezz tas-sistema elettronika ċentralizzata, li l-operaturi involuti jkollhom liċenzji validi. Din il-verifika mmirata u awtomatizzata hija proporzjonata, tinvolvi kost addizzjonali limitat, tillimita l-ipproċessar tad-data għal dak li huwa meħtieġ, u ma tirrappreżentax obbligu ġenerali ta' monitoraġġ.

Or. en

Emenda 61
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Filwaqt li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ***ikunu ingombranti ħafna kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet*** nazzjonali, ***b'valur miżjud limitat għall-identifikazzjoni*** ta' attivitajiet ***suspettużi***. Għalhekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ffokati ***biss fuq il-kummerċ estern***. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu ***limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali***.	(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Filwaqt li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ***jistgħu jimponu piż amministrattiv u operazzjonali sostanzjali fuq l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet*** nazzjonali, ***mingħajr ma jkunu kompletament proporzjonati mal-livell ta' riskju u l-objettivi tal-identifikazzjoni*** ta' attivitajiet ***illeċiti***. Għalhekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ***proporzjonati mal-livell ta' riskju u*** ffokati ***fuq operazzjonijiet li jippreżentaw riskju akbar ta' devjazzjoni***. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni ***kkonċernati*** jenħtieġ li jkunu ***bbażati fuq***

sistema ta' reġistrazzjoni. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati li jinvolvu sustanzi emerġenti li jistgħu jippreżentaw riskju sinifikanti ta' devjazzjoni lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw ukoll miżuri ta' salvagwardja temporanji u proporzjonati sakemm jiġu adottati miżuri fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 62
Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Filwaqt li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ikunu ingombranti ħafna ***kemm*** għall-industrija ***kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali, b'valur miżjud limitat għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi***. Għalhekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ***ffokati biss*** fuq il-kummerċ estern. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.	(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Filwaqt li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ikunu ingombranti ħafna għall-industrija Għalhekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ***proporzjonati sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati attivitajiet suspettużi mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi. L-enfasi prinċipali tal-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ relatati mal-prekursuri tad-droga tal-kategorija 2 għandha tkun*** fuq il-kummerċ estern. ***Madankollu, fid-dawl tar-riskju sinifikanti ta' devjazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitħallew ukoll ikomplu jimmonitorjaw il-movimenti intra-Unjoni tal-prekursuri tad-droga tal-kategorija 2***. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi

għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.

Or. en

Emenda 63
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Filwaqt li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ikunu ingombranti ħafna kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali, b'valur miżjud limitat għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi. Għalhekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ffokati biss fuq il-kummerċ estern. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.	(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Filwaqt li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ikunu ingombranti ħafna kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali, b'valur miżjud limitat għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi. Għalhekk, il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ffokati biss fuq il-kummerċ estern***, sakemm l-awtorità nazzjonali ma tqisx ukoll li jkun essenzjali li jiġi mmonitorjat il-kummerċ intern***. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.

Or. fi

Emenda 64
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. ***Filwaqt*** li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti, miżuri stretti ta' kontroll ***ikunu ingombranti ħafna kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali, b'valur miżjud limitat għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi. Għalhekk,*** il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ffokati biss fuq il-kummerċ estern. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.	(10) Il-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 huma prekursuri li, għalkemm jintużaw ta' spiss fil-produzzjoni illeċita tad-drogi, jiġu nnegozjati fi kwantitajiet sinifikanti fis-suq intern u fil-kummerċ estern u għandhom użi leġittimi estensivi. Peress li r-riskju ta' devjazzjoni huwa sinifikanti ***għal ċerti prekursuri tad-droga tal-kategorija 2***, miżuri stretti ta' kontroll ***u reġistrazzjoni għadhom meħtieġa għal dawn iċ-ċerti prekursuri tad-droga tal-kategorija 2. Għall-bqija tal-prekursuri tad-droga tal-kategorija 2,*** il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu ffokati biss fuq il-kummerċ estern. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-obbligi għan-negozjanti esterni jenħtieġ li jkunu limitati għar-reġistrazzjoni tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ir-rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.

Or. en

Emenda 65
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li jiġu introdotti prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 biex jiġu indirizzati l-partikolaritajiet u r-riskji għoljin għall-użu fil-produzzjoni illeċita tad-droga assoċjati ma' prekursuri designer li għandhom rwol sinifikanti fil-manifattura illeċita tad-drogi, kif muri mill-proporzjon għoli tagħhom fl-għadd ta' sekwestri f'dawn l-aħħar snin, u li ma għandhom l-ebda użu leġittimu magħruf	(11) Jenħtieġ li jiġu introdotti prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 biex jiġu indirizzati l-partikolaritajiet u r-riskji għoljin għall-użu fil-produzzjoni illeċita tad-droga assoċjati ma' prekursuri designer li għandhom rwol sinifikanti fil-manifattura illeċita tad-drogi, kif muri mill-proporzjon għoli tagħhom fl-għadd ta' sekwestri f'dawn l-aħħar snin, u li ma għandhom l-ebda użu leġittimu magħruf

għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni. Tali prekursuri ma jsegwux ix-xejra tradizzjonali ta' devjazzjoni minn kanali leċiti lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Għalhekk, b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti, huwa importanti li jiġu pprojbiti minn: li jkunu magħmulin disponibbli fis-suq; l-importazzjoni; l-esportazzjoni; l-attivitajiet intermedjarji; u l-użu jew il-pussess tagħhom.

fuq skala kummerċjali jew industrijali għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni. Tali prekursuri ma jsegwux ix-xejra tradizzjonali ta' devjazzjoni minn kanali leċiti lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Għalhekk, b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti, huwa importanti li jiġu pprojbiti minn: li jkunu magħmulin disponibbli fis-suq; l-importazzjoni; l-esportazzjoni; l-attivitajiet intermedjarji; u l-użu jew il-pussess tagħhom***, ħlief għal attivitajiet imwettqa għall-finijiet ta' riċerka xjentifika, żvilupp jew analiżi forensika taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament propost primarjament jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-użu leġittimu tas-sustanzi inkwistjoni u jżid iċ-ċertezza legali fil-kategorizzazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, projbizzjoni sħiħa jista' jkollha impatt sproporzjonat fuq attivitajiet leġittimi ta' riċerka xjentifika u innovazzjoni. L-eċċezzjoni għar-riċerka kkontrollata tippermetti ż-żamma ta' livell għoli ta' protezzjoni kontra l-użu ħażin filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-komunità xjentifika.

Emenda 66
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li jiġu introdotti prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 biex jiġu indirizzati l-partikolaritajiet u r-riskji għoljin għall-użu fil-produzzjoni illeċita tad-droga assoċjati ma' prekursuri designer li għandhom rwol sinifikanti fil-manifattura illeċita tad-drogi, kif muri mill-proporzjon għoli tagħhom fl-għadd ta' sekwestri f'dawn l-aħħar snin, u li ma għandhom l-ebda użu leġittimu magħruf għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni. Tali prekursuri ma jsegwux ix-xejra	(11) Jenħtieġ li jiġu introdotti prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 biex jiġu indirizzati l-partikolaritajiet u r-riskji għoljin għall-użu fil-produzzjoni illeċita tad-droga assoċjati ma' prekursuri designer li għandhom rwol sinifikanti fil-manifattura illeċita tad-drogi, kif muri mill-proporzjon għoli tagħhom fl-għadd ta' sekwestri f'dawn l-aħħar snin, u li ma għandhom l-ebda użu leġittimu magħruf għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni. Tali prekursuri ma jsegwux ix-xejra

tradizzjonali ta’ devjazzjoni minn kanali leċiti lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Għalhekk, b’appoġġ għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta’ drogi illeċiti, huwa importanti li jiġu pprojbiti minn: li jkunu magħmulin disponibbli fis-suq; l-importazzjoni; l-esportazzjoni; l-attivitajiet intermedjarji; u l-użu ***jew*** il-pussess tagħhom.	tradizzjonali ta’ devjazzjoni minn kanali leċiti lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. Għalhekk, b’appoġġ għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta’ drogi illeċiti, huwa importanti li jiġu pprojbiti minn: li jkunu magħmulin disponibbli fis-suq; l-importazzjoni; l-esportazzjoni; l-attivitajiet intermedjarji; u l-użu***,*** il-pussess ***jew il-produzzjoni mhux liċenzjata*** tagħhom.
	Or. fi

Emenda 67
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Madankollu, peress li l-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 jistgħu jintużaw fir-riċerka u fl-innovazzjoni u użi leġittimi oħra jistgħu jiġu skoperti wara l-inklużjoni ta’ diversi sustanzi fl-anness ta’ dan ir-Regolament, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu lill-operaturi jwettqu attivitajiet bi prekursuri bħal dawn. Jekk ikunu meħtieġa kwantitajiet żgħar ta’ prekursuri designer għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-operaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jippreżentaw notifika minn qabel lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Dan se jħeġġeġ ir-riċerka u l-innovazzjoni billi ma jiġux imposti formalitajiet għaljin u twal għat-tranżazzjonijiet ta’ kwantitajiet baxxi u għalhekk b’riskju baxx. Jekk l-operaturi jeħtieġu prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 fi kwantitajiet ogħla jew għal skopijiet leġittimi għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni, dawn jenħtieġ li mbagħad ikunu meħtieġa jiksbu liċenzja f’konformità mad-dispożizzjonijiet għall-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1, peress li r-riskji huma simili.	(12) Madankollu, peress li l-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 jistgħu jintużaw fir-riċerka u fl-innovazzjoni u użi leġittimi oħra jistgħu jiġu skoperti wara l-inklużjoni ta’ diversi sustanzi fl-anness ta’ dan ir-Regolament, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu lill-operaturi jwettqu attivitajiet bi prekursuri bħal dawn. Jekk ikunu meħtieġa kwantitajiet żgħar ta’ prekursuri designer għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-operaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jippreżentaw notifika minn qabel lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Dan se jħeġġeġ ir-riċerka u l-innovazzjoni billi ma jiġux imposti formalitajiet għaljin u twal għat-tranżazzjonijiet ta’ kwantitajiet baxxi u għalhekk b’riskju baxx. Jekk l-operaturi jeħtieġu prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 fi kwantitajiet ogħla jew għal skopijiet leġittimi għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni, dawn jenħtieġ li mbagħad ikunu meħtieġa jiksbu liċenzja ***ekwivalenti għal-liċenzja*** f’konformità mad-dispożizzjonijiet għall-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1, peress li r-riskji huma simili.

Or. en

Emenda 68
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Peress li prekursuri designer ġodda jistgħu jinħolqu faċilment billi tiġi mmodifikata l-istruttura kimika tas-sustanzi mqiegħda taħt kontroll, huwa importanti li dan ir-Regolament jiġi adattat biex jipprovdi għall-introduzzjoni kemm ta' lista ta' sustanzi identifikati individwalment kif ukoll ta' gruppi ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3. Kull meta grupp ta' sustanzi jiġi inkluż b'mod ġeneriku, jenħtieġ li tiġi pprovduta lista ta' eżenzjoni biex jiġu eskluži sustanzi individwali li huma parti minn dan il-grupp iżda li għalihom ġie identifikat użu leġittimu għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni u li mhumiex inklużi fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2.	(13) Peress li prekursuri designer ġodda jistgħu jinħolqu faċilment billi tiġi mmodifikata l-istruttura kimika tas-sustanzi mqiegħda taħt kontroll, huwa importanti li dan ir-Regolament jiġi adattat biex jipprovdi għall-introduzzjoni kemm ta' lista ta' sustanzi identifikati individwalment kif ukoll ta' gruppi ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 ***biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni permezz tal-modifika tal-istruttura kimika filwaqt li jippreżervaw l-użi leġittimi u l-proporzjonalità tas-sistema tal-kontroll***. Kull meta grupp ta' sustanzi jiġi inkluż b'mod ġeneriku, jenħtieġ li tiġi pprovduta lista ta' eżenzjoni biex jiġu eskluži sustanzi individwali li huma parti minn dan il-grupp iżda li għalihom ġie identifikat użu leġittimu għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni u li mhumiex inklużi fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2.

Or. en

Emenda 69
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Peress li prekursuri designer ġodda jistgħu jinħolqu faċilment billi tiġi	(13) Peress li prekursuri designer ġodda jistgħu jinħolqu faċilment billi tiġi

mmodifikata l-istruttura kimika tas-sustanzi mqiegħda taħt kontroll, huwa importanti li dan ir-Regolament jiġi adattat biex jipprovdi għall-introduzzjoni kemm ta' lista ta' sustanzi identifikati individwalment kif ukoll ta' gruppi ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3. Kull meta grupp ta' sustanzi jiġi inkluż b'mod ġeneriku, jenħtieġ li tiġi pprovduta lista ta' eżenzjoni biex jiġu eskluži sustanzi individwali li huma parti minn dan il-grupp iżda li għalihom ġie identifikat użu leġittimu għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni u li mhumiex inklużi fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2.	mmodifikata l-istruttura kimika tas-sustanzi mqiegħda taħt kontroll, huwa importanti li dan ir-Regolament jiġi adattat biex jipprovdi għall-introduzzjoni kemm ta' lista ta' sustanzi identifikati individwalment kif ukoll ta' gruppi ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3. Kull meta grupp ta' sustanzi jiġi inkluż b'mod ġeneriku, jenħtieġ li tiġi pprovduta lista ta' eżenzjoni biex jiġu eskluži sustanzi individwali li huma parti minn dan il-grupp iżda li għalihom ġie identifikat użu leġittimu għajr ir-riċerka u l-innovazzjoni u li mhumiex inklużi fil-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2***, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju xjentifikament soda u trasparenti***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' sustanzi fi gruppi definiti b'mod ġenerali għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni trasparenti u xjentifikament soda biex tiġi evitata restrizzjoni mhux intenzjonata ta' attivitajiet ekonomiċi jew ta' riċerka leġittimi.

Emenda 70
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lis-sustanzi li għadhom mhumiex skedati iżda li ġew identifikati mill-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, ta' twissija bikrija jew ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Unjoni bħala li jippreżentaw riskju ta' devjazzjoni għall-manifattura illeċita tad-drogi. Jenħtieġ li l-operaturi jiġu mħeġġa jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti fir-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi li jinvolvu tali sustanzi.

Or. en

Emenda 71
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Ir-rekwiżit għall-kisba ta' awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni jenħtieġ li jitneħħa u jiġi sostitwit b'ġestjoni tal-kwantità, li tinkludi n-notifika tal-kwantità mill-operaturi u mill-verifiki awtomatiċi mill-awtoritajiet doganali għall-importazzjoni u l-esportazzjoni. Dak jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozjanti esterni, filwaqt li fl-istess ħin iżomm kontrolli stretti tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni u jiżgura l-issodisfar kontinwu tal-Konvenzjoni tan-NU mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha.	(14) Ir-rekwiżit għall-kisba ta' awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni jenħtieġ li jitneħħa u jiġi sostitwit b'ġestjoni tal-kwantità, li tinkludi n-notifika tal-kwantità mill-operaturi u mill-verifiki awtomatiċi mill-awtoritajiet doganali għall-importazzjoni u l-esportazzjoni. Dak jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozjanti esterni, filwaqt li fl-istess ħin iżomm kontrolli stretti tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni u jiżgura l-issodisfar kontinwu tal-Konvenzjoni tan-NU mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha***, filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri ta' kontroll addizzjonali meta jkun jeżisti riskju akbar identifikat***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-profili tar-riskju jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jirrispondu għal theddid speċifiku għas-sigurtà.

Emenda 72
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Ir-rekwiżit għall-kisba ta'	(14) Ir-rekwiżit għall-kisba ta'

awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni jenħtieġ li jitneħħa u jiġi sostitwit b'ġestjoni tal-kwantità, li tinkludi n-notifika tal-kwantità mill-operaturi ***u mill-verifiki awtomatiċi mill-awtoritajiet*** doganali għall-importazzjoni u l-esportazzjoni. Dak jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozjanti esterni, filwaqt li fl-istess ħin iżomm kontrolli stretti tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni u jiżgura l-issodisfar kontinwu tal-Konvenzjoni tan-NU mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha.

awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni jenħtieġ li jitneħħa u jiġi sostitwit b'ġestjoni tal-kwantità, li tinkludi n-notifika tal-kwantità ***minn qabel*** mill-operaturi ***ta' kontrolli*** doganali ***bbażati fuq ir-riskju*** għall-importazzjoni u l-esportazzjoni***, appoġġati minn għodod diġitali ta' monitoraġġ u ta' analiżi awtomatizzata***. Dak jenħtieġ li jnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozjanti esterni, filwaqt li fl-istess ħin iżomm kontrolli stretti tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni u jiżgura l-issodisfar kontinwu tal-Konvenzjoni tan-NU mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha.

Or. en

Emenda 73
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) F'konformità mal-Artikolu 12(10) tal-Konvenzjoni tan-NU, l-effettività u l-prattikabbiltà tan-notifiki ta' qabel l-esportazzjoni huma rikonoxxuti bis-sħiħ. ***Madankollu, l-esportazzjonijiet lejn Stati mhux Membri li jipparteċipaw fis-Suq Uniku tal-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi fejn ftehim internazzjonali jirrinunzja n-notifika ta' qabel l-esportazzjoni***, jenħtieġ li ***jkunu eżentati mill-obbligu ta' notifika ta' qabel l-esportazzjoni***.	(15) F'konformità mal-Artikolu 12(10) tal-Konvenzjoni tan-NU, l-effettività u l-prattikabbiltà tan-notifiki ta' qabel l-esportazzjoni huma rikonoxxuti bis-sħiħ. ***Sabiex jiġi żgurat li dan il-mekkaniżmu jibqa' effiċjenti u ma joħloqx pożijiet amministrattivi bla bżonn jew ma jwassalx għall-akkumulazzjoni ta' notifiki pendenti u dewmien fil-kummerċ leġittimu***, ***il-perjodu mogħti lill-pajjiż tad-destinazzjoni biex iwieġeb*** jenħtieġ li ***jkun limitat. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni li l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tkun maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-esportazzjoni għandhom ikunu jistgħu jawtorizzaw l-esportazzjoni wara l-***

iskadenza ta' dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 74
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) F'konformità mal-Artikolu 12(10) tal-Konvenzjoni tan-NU, l-effettività u l-prattikabbiltà tan-notifiki ta' qabel l-esportazzjoni huma rikonoxxuti bis-sħiħ. Madankollu, l-esportazzjonijiet lejn Stati mhux Membri li jipparteċipaw fis-Suq Uniku tal-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi fejn ftehim internazzjonali jirrinunzja n-notifika ta' qabel l-esportazzjoni, jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligu ta' notifika ta' qabel l-esportazzjoni.	(15) F'konformità mal-Artikolu 12(10) tal-Konvenzjoni tan-NU, l-effettività u l-prattikabbiltà tan-notifiki ta' qabel l-esportazzjoni huma rikonoxxuti bis-sħiħ. Madankollu, l-esportazzjonijiet lejn Stati mhux Membri li jipparteċipaw fis-Suq Uniku tal-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi fejn ftehim internazzjonali jirrinunzja n-notifika ta' qabel l-esportazzjoni, jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligu ta' notifika ta' qabel l-esportazzjoni***, dment li dan ma jnaqqasx il-livell ta' protezzjoni kontra l-użu ħażin tal-prekursuri tad-droga u li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' kontroll ekwivalenti***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mir-reġim ta' notifika ta' qabel l-esportazzjoni għandhom ikunu kundizzjonali fuq iż-żamma ta' livell xieraq ta' kontroll. L-għan huwa li jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi ma twassalx għall-ħolqien ta' dgħufijiet fis-sistema ta' monitoraġġ tal-prekursuri tad-droga.

Emenda 75
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(16) Sabiex dan ir-Regolament jiġi infurzat b'mod effettiv, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu ***prova ta' skopijiet leċiti għall-prekursuri*** tad-droga li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni.	(16) Sabiex dan ir-Regolament jiġi infurzat b'mod effettiv, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu ***abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, evidenza li tiġġustifika l-iskop legali tal-prekursuri*** tad-droga li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 76
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-operaturi leġittimi għar-riskji assoċjati ma' prekursuri mhux skedati, biex jiġu appoġġati fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u biex jiġu nnotifikati fuq bażi volontarja. Għalhekk, informazzjoni estensiva dwar il-prekursuri tad-droga, inklużi dawk mhux skedati, u għodda biex tgħin fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prekursuri designer skedati, se ssir disponibbli permezz ta' Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.	(17) Huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-operaturi leġittimi għar-riskji assoċjati ma' prekursuri mhux skedati, biex jiġu appoġġati fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u biex jiġu nnotifikati fuq bażi volontarja. Għalhekk, informazzjoni estensiva dwar il-prekursuri tad-droga, inklużi dawk mhux skedati, u għodda biex tgħin fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prekursuri designer skedati, se ssir disponibbli permezz ta' Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs biex jiġi evitat piż sproporzjonat u r-riskju ta' rapportar żejjed, li jista' jkun ta' piż żejjed għall-awtoritajiet kompetent u jaffettwa l-effettività tas-sistema.***
	Or. en

Emenda 77
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-operaturi leġittimi għar-riskji assoċjati ma' prekursuri mhux skedati, biex jiġu appoġġati fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u biex jiġu nnotifikati fuq bażi volontarja. Għalhekk, informazzjoni estensiva dwar il-prekursuri tad-droga, inklużi dawk mhux skedati, u għodda biex tgħin fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prekursuri designer skedati, se ssir disponibbli permezz ta' Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.	(17) Huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-operaturi leġittimi għar-riskji assoċjati ma' prekursuri mhux skedati, biex jiġu appoġġati fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u biex jiġu nnotifikati fuq bażi volontarja. Għalhekk, informazzjoni estensiva dwar il-prekursuri tad-droga, inklużi dawk mhux skedati, u għodda biex tgħin fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prekursuri designer skedati, se ssir disponibbli permezz ta' Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga***, filwaqt li l-użu ta' tali għodod jenħtieġ li ma joħloq l-ebda obbligu legali ġdid għall-operaturi ekonomiċi lil hinn minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-bażijiet tad-data u l-għodod ta' appoġġ jistgħu jgħinu fil-konformità, iżda ma għandhomx joħolqu obbligi ġodda jew inċertezzi legali għall-operaturi ekonomiċi mingħajr bażi legali espliċita fir-Regolament.

Emenda 78
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-operaturi leġittimi għar-riskji assoċjati ma' prekursuri mhux skedati, biex jiġu appoġġati fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u biex jiġu nnotifikati ***fuq bażi volontarja***. Għalhekk, informazzjoni estensiva dwar il-prekursuri tad-droga, inklużi dawk mhux skedati, u	(17) Huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-operaturi leġittimi għar-riskji assoċjati ma' prekursuri mhux skedati, biex jiġu appoġġati fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u biex jiġu nnotifikati. Għalhekk, informazzjoni estensiva dwar il-prekursuri tad-droga, inklużi dawk mhux skedati, u għodda biex

għodda biex tgħin fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prekursuri designer skedati, se ssir disponibbli permezz ta' Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.

tgħin fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prekursuri designer skedati, se ssir disponibbli permezz ta' Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.

Or. en

Emenda 79
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Jenħtieġ li r-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga jiġi żviluppat, miżmum u aġġornat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi u jenħtieġ li jissostitwixxi l-Lista ta' Monitoraġġ Volontarju eżistenti. Ir-Repożitorju jenħtieġ li jkun fih informazzjoni komprensiva dwar prekursuri tad-droga skedati u mhux skedati, u dwar l-użi leġittimi u illeċiti tagħhom, biex jappoġġa lill-operaturi fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda fil-produzzjoni illeċita tad-drogi.	(18) Jenħtieġ li r-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga jiġi żviluppat, miżmum u aġġornat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi ***f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi u mill-komunità xjentifika*** u jenħtieġ li jissostitwixxi l-Lista ta' Monitoraġġ Volontarju eżistenti. Ir-Repożitorju jenħtieġ li jkun fih informazzjoni komprensiva dwar prekursuri tad-droga skedati u mhux skedati, u dwar l-użi leġittimi u illeċiti tagħhom, biex jappoġġa lill-operaturi fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda fil-produzzjoni illeċita tad-drogi***, filwaqt li l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data jenħtieġ li tkun ta' natura informattiva u jenħtieġ li ma toħloq l-ebda obbligu legali ġdid jew tbiddel l-istatus legali tas-sustanzi skont dan ir-Regolament***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda fil-qasam tad-disinni tal-prekursuri tirrikjedi l-użu ta' għarfien espert mill-Istati Membri, mill-istituzzjonijiet xjentifiċi u mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Emenda 80
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Jenħtieġ li r-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga jiġi żviluppat, miżmum u aġġornat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi u jenħtieġ li jissostitwixxi l-Lista ta' Monitoraġġ Volontarju eżistenti. Ir-Repożitorju jenħtieġ li jkun fih informazzjoni komprensiva dwar prekursuri tad-droga skedati u mhux skedati, u dwar l-użi leġittimi u illeċiti tagħhom, biex jappoġġa lill-operaturi fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda fil-produzzjoni illeċita tad-drogi.	(18) Jenħtieġ li r-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga jiġi żviluppat, miżmum u aġġornat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi u jenħtieġ li jissostitwixxi l-Lista ta' Monitoraġġ Volontarju eżistenti. Ir-Repożitorju jenħtieġ li jkun fih informazzjoni komprensiva dwar prekursuri tad-droga skedati u mhux skedati, u dwar l-użi leġittimi u illeċiti tagħhom, biex jappoġġa lill-operaturi fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi u lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda fil-produzzjoni illeċita tad-drogi. ***L-Aġenzija jenħtieġ li twettaq dawn il-missjonijiet f'konformità mar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u billi tiżgura koordinazzjoni effettiva bejn il-livell nazzjonali u tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 81
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(18a) Il-prevenzjoni effettiva tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u l-identifikazzjoni f'waqtha ta' metodi emerġenti ta' traffikar jirrikjedu kontribut analitiku, operazzjonali u xjentifiku b'saħħtu fil-livell tal-Unjoni. F'konformità mal-mandat tagħha, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi ("l-Aġenzija") tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi tipprovdi valutazzjonijiet tar-riskju, analiżi strateġika u operazzjonali, twissija bikrija u monitoraġġ tat-tendenzi, għarfien espert tekniku u xjentifiku, attivitajiet ta' taħriġ, u appoġġ għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-korpi rilevanti tal-Unjoni u s-sħab internazzjonali. Sabiex jiġi żgurat it-twettiq effettiv u sostenibbli ta' dawk il-kompiti, jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati u prevedibbli, proporzjonati mar-responsabbiltajiet fdati lilha skont dan ir-Regolament u l-isfidi li qed jevolvu ppreżentati mid-devjazzjoni illeċita u t-traffikar tal-prekursuri tad-droga. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-Aġenzija tkun tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 82
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw taħriġ regolari ***biex iżidu s-sensibilizzazzjoni*** dwar ir-riskji tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u r-	(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw taħriġ regolari ***u speċjalizzat għall-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-***

rwol sinifikanti li l-operaturi jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-manifattura illeċita tad-drogi.	***operaturi,*** dwar ir-riskji tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u r-rwol sinifikanti li l-operaturi jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-manifattura illeċita tad-drogi. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri, fejn xieraq, jinvolvu lill-atturi tas-soċjetà ċivili f'dawn l-isforzi, minħabba r-rwol tagħhom fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija tar-riskji, u s-sensibilizzazzjoni ta' gruppi vulnerabbli.***

Or. en

Emenda 83
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw taħriġ regolari biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u r-rwol sinifikanti li l-operaturi jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-manifattura illeċita tad-drogi.	(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw taħriġ regolari***, proporzjonat għar-riskji identifikati u għall-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati,*** biex iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u r-rwol sinifikanti li l-operaturi jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-manifattura illeċita tad-drogi.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-attivitajiet ta' taħriġ għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-proporzjonalità u jqisu l-livell reali ta' riskju fl-Istati Membri u fis-setturi individwali.

Emenda 84
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw taħriġ regolari biex ***iżidu*** s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u r-rwol sinifikanti li l-operaturi jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-manifattura illeċita tad-drogi.	(19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw taħriġ regolari biex ***jiskambjaw l-aħjar prattiki u jżidu*** s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga u r-rwol sinifikanti li l-operaturi jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-manifattura illeċita tad-drogi.
	Or. en

Emenda 85
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu mhux biss il-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi, iżda wkoll is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali li jaħdmu ma' persuni li jagħmlu użu mid-drogi. Il-programmi għat-tnaqqis tal-ħsara, is-servizzi għat-trattament tad-dipendenzi u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-kura tas-saħħa lil persuni vulnerabbli jikkostitwixxu network ta' prevenzjoni importanti u jista' jkollhom rwol komplementari fl-identifikazzjoni tal-użu ħażin tal-prekursuri. Għalhekk huwa meħtieġ li l-kontrolli previsti f'dan ir-Regolament ma jikkompromettux l-aċċess ta' dawk is-servizzi għas-sustanzi li jeħtieġu għall-attivitajiet leġittimi tagħhom, u lanqas il-funzjonament effettiv tagħhom biex jipproteġu s-saħħa pubblika.
	Or. it

Emenda 86
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Il-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga mill-kummerċ leċitu tirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib u sinerġiji effettivi bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, filwaqt li jaġixxu fil-limiti tal-mandati rispettivi tagħhom. L-iskambju ta' informazzjoni u għarfien espert dwar xejriet emerġenti, xejriet suspettużi u metodi ta' devjazzjoni, flimkien ma' mekkaniżmi xierqa ta' feedback, jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-valutazzjoni tar-riskju, l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet fil-ktajjen tal-provvista u l-appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tiġi promossa wkoll b'mod koerenti u kkoordinat il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni, il-ftehimiet internazzjonali u l-attivitajiet tal-korpi tal-Unjoni involuti.

Or. en

Emenda 87
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li tissaħħaħ, ***b'mod partikolari billi jsir rikors għar-Regolament*** tal-Kunsill (KE) Nru 515/97[18].	(20) L-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li tissaħħaħ ***biex jittejbu l-prevenzjoni***, ***id-detezzjoni, u l-prosekuzzjoni tad-devjazzjoni tal-***

prekursuri tad-drogi. Jenħtieġ li din il-kooperazzjoni msaħħa tippermetti skambju aktar rapidu u komprensiv ta' informazzjoni rilevanti u koerenza akbar fl-azzjonijiet meħuda. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jintuża fejn xieraq il-qafas stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97***[19], li jiffaċilita l-assistenza amministrattiva reċiproka u l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti***.

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1997/515/oj).

Or. en

Emenda 88
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jissekwestraw u jikkonfiskaw prekursuri tad-droga kemm skedati kif ukoll mhux skedati, jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli ***jew*** evidenza li l-prekursur tad-droga jkun maħsub għal użu illeċitu.	(21) Sabiex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jissekwestraw u jikkonfiskaw prekursuri tad-droga kemm skedati kif ukoll mhux skedati, jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli ***u dokumentati, appoġġati minn*** evidenza ***fattwali, oġġettiva u verifikabbli*** li l-prekursur tad-droga jkun maħsub għal użu illeċitu. ***Dawn il-miżuri jiġu applikati b'mod proporzjonat man-natura tas-***

sustanza, is-saħħa tal-evidenza, u r-riskju ta' devjazzjoni. Fil-każ ta' prekursuri tad-droga mhux skedati, l-awtoritajiet jagħtu prijorità lid-detenzjoni temporanja, li t-tul ta' żmien tagħha ma jistax jaqbeż sebat ijiem ta' xogħol, biex jippermettu l-verifiki meħtieġa mingħajr ma jfixklu bla bżonn il-kummerċ leġittimu.

Or. en

Emenda 89
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jissekwestraw u jikkonfiskaw prekursuri tad-droga kemm skedati kif ukoll mhux skedati, jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli jew evidenza li l-prekursur tad-droga jkun maħsub għal użu illeċitu.	(21) Sabiex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jissekwestraw u jikkonfiskaw prekursuri tad-droga kemm skedati kif ukoll mhux skedati, jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli jew evidenza li l-prekursur tad-droga jkun maħsub għal użu illeċitu***, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u s-salvagwardji proċedurali rilevanti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Is-setgħa tal-qbid u tal-konfiska tikkostitwixxi interferenza sinifikanti mad-drittijiet tal-proprjetà. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi enfasizzata b'mod espliċitu l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-garanziji proċedurali.

Emenda 90
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li ***jingħataw*** is-setgħa li jissekwestraw u jikkonfiskaw prekursuri tad-droga kemm skedati kif ukoll mhux skedati, jekk ***ikun hemm raġunijiet raġonevoli jew evidenza li l-prekursur tad-droga jkun maħsub għal użu illeċitu***.	(21) Sabiex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li ***jkollhom*** is-setgħa li jissekwestraw u jikkonfiskaw prekursuri tad-droga kemm skedati kif ukoll mhux skedati, jekk ***iqisu li dan ikun iġġustifikat***.

Or. fi

Emenda 91
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) ***Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament,*** l-Istati Membri jenħtieġ li ***jistabbilixxu regoli*** dwar il-pieni ***applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li*** jenħtieġ li ***jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati***.	(22) L-Istati Membri jenħtieġ li ***jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom is-setgħa li jimponu u jimplimentaw penali effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każijiet li fihom l-operatur ekonomiku jkun naqas milli jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Ir-regoli*** dwar il-pieni jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu kif xieraq elementi bħall-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur, il-ksur preċedenti mill-operatur ekonomiku, il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u kwalunkwe fattur mitiganti jew aggravanti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ gwida għall-Istati Membri dwar il-metodu għall-kalkolu tal-penali finanzjarji u l-limiti applikabbli***.

Or. en

Emenda 92
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati.	(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati. ***Dawn ir-regoli u s-sanzjonijiet iridu jiġu kkoordinati mill-qrib fil-livell tal-UE biex tiġi pprevenuta l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni kriminali, fejn in-networks kriminali jisfruttaw id-disparitajiet fit-trattament bejn l-Istati Membri. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet doganali u nazzjonali huma meħtieġa jikkondividu, f'ħin reali permezz tas-sistema ta' informazzjoni tal-UE, kwalunkwe miżura ta' mblukkar, sekwestru, jew ksur identifikat, sabiex jipprevjenu r-ridirezzjonar immedjat ta' vjeġġi suspettużi lejn punt ieħor ta' dħul fis-suq uniku.***

Or. en

Emenda 93
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jkunu effettivi,	(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, ***jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi kriterji għall-penali biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni u jiġu evitati differenzi***

dissważivi u proporzjonati.	***bejn il-qafas regolatorju tal-Istati Membri.*** L-Istati Membri jenħtieġ li ***jsegwu dawk l-istandards billi*** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati.

Or. en

Emenda 94
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati.	(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri***, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità,*** jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati.

Or. en

Emenda 95
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-obbligu ta' rapportar annwali għall-operaturi jenħtieġ li jitneħħa, peress li ma ngħatatx prova li huwa l-aktar mizura effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi, filwaqt li huwa ta' piż kbir għall-industrija. Minflok, l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jiżdiedu fir-rapportar, mingħajr dewmien,	***imħassar***

ta' sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga. Dan jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali minn Stati Membri oħra jkunu jistgħu jimmiraw aħjar il-kontrolli tagħhom.

Or. en

Emenda 96
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-obbligu ta' rapportar annwali għall-operaturi jenħtieġ li jitneħħa, peress li ma ngħatatx prova li huwa l-aktar miżura effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi, filwaqt li huwa ta' piż kbir għall-industrija. Minflok, l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jiżdiedu fir-rapportar, mingħajr dewmien, ta' sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga. Dan jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali minn Stati Membri oħra jkunu jistgħu jimmiraw aħjar il-kontrolli tagħhom.	(23) L-obbligu ta' rapportar annwali għall-operaturi jenħtieġ li jitneħħa, peress li ma ngħatatx prova li huwa l-aktar miżura effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi, filwaqt li huwa ta' piż kbir għall-industrija. Minflok, l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jiżdiedu fir-rapportar, mingħajr dewmien ***bla bżonn***, ta' sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga. Dan jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali minn Stati Membri oħra jkunu jistgħu jimmiraw aħjar il-kontrolli tagħhom***, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-istrateġiji għaċ-ċirkomvenzjoni jew għar-ridirezzjonar tat-trasportazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 97
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-obbligu ta' rapportar annwali għall-operaturi jenħtieġ li jitneħħa, peress	(23) L-obbligu ta' rapportar annwali għall-operaturi jenħtieġ li jitneħħa, peress

li ma ngħatatx prova li huwa l-aktar miżura effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi, filwaqt li huwa ta' piż kbir għall-industrija. Minflok, ***l-isforzi tal-awtoritajiet*** nazzjonali jenħtieġ li ***jiżdiedu fir-rapportar, mingħajr dewmien,*** ta' sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga***. Dan jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali minn Stati*** Membri ***oħra jkunu jistgħu jimmiraw aħjar il-kontrolli tagħhom***.	li ma ngħatatx prova li huwa l-aktar miżura effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet suspettużi, filwaqt li huwa ta' piż kbir għall-industrija. Minflok, ***ir-rapportar mill-awtoritajiet*** nazzjonali jenħtieġ li ***jissaħħaħ sabiex tittejjeb id-detezzjoni f'waqtha*** ta' sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga ***u sabiex jiġi appoġġat l-immirar effettiv tal-kontrolli bejn l-Istati*** Membri***. Tali rapportar jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 98
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Wara l-obbligi tal-Unjoni li tirrapporta fl-Artikolu 12(12) tal-Konvenzjoni tan-NU u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti 1995/20 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni ta' sustanzi inklużi fit-tabella I tal-Konvenzjoni tan-NU u użati fil-manifattura illeċita ta' stimulanti u sustanzi psikotropiċi oħra u 49/3 dwar it-tisħiħ ta' sistemi għall-kontroll ta' sustanzi kimiċi prekursuri użati fil-manifattura ta' drogi sintetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali li jenħtieġ li jintbagħat lill-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi.	(24) Wara l-obbligi tal-Unjoni li tirrapporta fl-Artikolu 12(12) tal-Konvenzjoni tan-NU u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti 1995/20 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni ta' sustanzi inklużi fit-tabella I tal-Konvenzjoni tan-NU u użati fil-manifattura illeċita ta' stimulanti u sustanzi psikotropiċi oħra u 49/3 dwar it-tisħiħ ta' sistemi għall-kontroll ta' sustanzi kimiċi prekursuri użati fil-manifattura ta' drogi sintetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport annwali li jenħtieġ li jintbagħat lill-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi. ***Dan ir-rapport huwa bbażat fuq data operazzjonali ċentralizzata mill-Unjoni, li tiżgura trażmissjoni trasparenti u komprensiva tax-xejriet ta' sekwestru rreġistrati fis-suq uniku.***

Or. en

Emenda 99
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentralizzata biex tiddiġitalizza l-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sistema jenħtieġ li tippermetti lill-operaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jwettqu l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Is-sistema għandha tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' informazzjoni mitluba skont il-Konvenzjoni tan-NU. L-infurzar tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju Doganali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-interkonnessjoni bejn dik is-sistema elettronika u l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora man-Nazzjonijiet Uniti biex possibbilment tgħaqqad is-sistema elettronika mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti bi prekursuri jew għodod oħra, biex jiġi evitat rapportar doppju u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni fis-sistema elettronika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1322 u l-iżvilupp u l-aġġornament tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.	(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentralizzata biex tiddiġitalizza l-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sistema jenħtieġ li tippermetti lill-operaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jwettqu l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Is-sistema għandha tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' informazzjoni mitluba skont il-Konvenzjoni tan-NU. L-infurzar tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju Doganali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-interkonnessjoni bejn dik is-sistema elettronika u l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora man-Nazzjonijiet Uniti biex possibbilment tgħaqqad is-sistema elettronika mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti bi prekursuri jew għodod oħra, biex jiġi evitat rapportar doppju u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni fis-sistema elettronika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1322 u l-iżvilupp u l-aġġornament tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga. ***Is-sistema elettronika għandha tiġi ddisinjata sabiex tiżgura li d-data disponibbli fiha tkun protetta minn aċċess mhux awtorizzat u minn theddid ieħor għall-integrità u għas-***

sigurtà tagħha, li jikkostitwixxi interess pubbliku. Fil-kuntest tal-kompiti relatati mal-iżvilupp, l-ospitar, it-tħaddim u l-manutenzjoni, u kwalunkwe pproċessar ta' data relatat fis-sistema elettronika, kwalunkwe fornitur u fornitur ieħor tas-servizzi, u kwalunkwe sottokuntrattur, għandhom jiżguraw l-affidabbiltà, is-sigurtà u l-indipendenza mill-influwenza tal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 100
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentralizzata biex tiddiġitalizza l-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sistema jenħtieġ li tippermetti lill-operaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jwettqu l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Is-sistema għandha tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' informazzjoni mitluba skont il-Konvenzjoni tan-NU. L-infurzar tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju Doganali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-interkonnessjoni bejn dik is-sistema elettronika u l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora man-Nazzjonijiet Uniti biex possibbilment tgħaqqad is-sistema elettronika mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti bi prekursuri jew għodod oħra, biex jiġi evitat rapportar	(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentralizzata biex tiddiġitalizza l-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sistema jenħtieġ li tippermetti lill-operaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jwettqu l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Is-sistema għandha tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' informazzjoni mitluba skont il-Konvenzjoni tan-NU. L-infurzar tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju Doganali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-interkonnessjoni ***awtomatika*** bejn dik is-sistema elettronika u l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana" ***biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà immedjata tad-data bejn l-Istati Membri***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora man-Nazzjonijiet Uniti biex possibbilment tgħaqqad is-sistema elettronika mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għar-

doppju u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni fis-sistema elettronika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1322 u l-iżvilupp u l-aġġornament tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.

rapportar ta' inċidenti bi prekursuri jew għodod oħra, biex jiġi evitat rapportar doppju u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni fis-sistema elettronika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1322 u l-iżvilupp u l-aġġornament tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga. ***L-iżvilupp u t-tħaddim ta' din is-sistema elettronika jridu jiggarantixxu l-protezzjoni assoluta tad-data kunfidenzjali u tas-sigrieti kummerċjali tal-operaturi ekonomiċi, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/943. L-aċċess għal informazzjoni kummerċjali u industrijali sensittiva jrid ikun strettament limitat għall-awtoritajiet kompetenti fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif, u jridu jintużaw protokolli ta' sigurtà robusti biex jiġi pprevenut kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat jew kxif ta' data.***

Or. en

Emenda 101
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentralizzata biex tiddiġitalizza l-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sistema jenħtieġ li tippermetti lill-operaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jwettqu l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Is-sistema ***għandha*** tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' informazzjoni mitluba skont il-	(25) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentralizzata biex tiddiġitalizza l-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sistema jenħtieġ li tippermetti lill-operaturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament u lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jwettqu l-obbligi ta' rapportar tagħhom. Is-sistema ***jenħtieġ li*** tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' informazzjoni mitluba skont il-

Konvenzjoni tan-NU. L-infurzar tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju Doganali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-interkonnessjoni bejn dik is-sistema elettronika u l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora man-Nazzjonijiet Uniti biex possibbilment tgħaqqad is-sistema elettronika mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti bi prekursuri jew għodod oħra, biex jiġi evitat rapportar doppju u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni fis-sistema elettronika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1322 u l-iżvilupp u l-aġġornament tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.	Konvenzjoni tan-NU. L-infurzar tal-prekursuri tad-droga li jidħlu jew li joħorġu mit-territorju Doganali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-interkonnessjoni bejn dik is-sistema elettronika u l-"Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana". Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora man-Nazzjonijiet Uniti biex possibbilment tgħaqqad is-sistema elettronika mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti bi prekursuri jew għodod oħra***, dment li tinżamm protezzjoni adegwata tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u tal-interessi finanzjarji tal-operaturi ekonomiċi,*** biex jiġi evitat rapportar doppju u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni fis-sistema elettronika biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2023/1322 u l-iżvilupp u l-aġġornament tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.
	Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-iskambju internazzjonali tad-data jrid jirrispetta l-ħtieġa li tiġi protetta informazzjoni kummerċjali sensittiva.

Emenda 102
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Minħabba n-natura sensittiva tal-informazzjoni pproċessata fis-sistema elettronika stabbilita skont dan ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni relatata mal-operaturi, il-flussi kummerċjali u l-moviment tal-prekursuri

	tad-droga skedati, huwa essenzjali li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà, kunfidenzjalità u reżiljenza ta' dik is-sistema. Kif inhu l-każ għas-sistemi doganali, il-protezzjoni ta' tali informazzjoni tikkostitwixxi interess pubbliku importanti, li jirrikjedi li s-sistema elettronika tibqa' taħt il-kontroll effettiv tal-Unjoni u tkun salvagwardjata kontra aċċess mhux awtorizzat, żvelar illegali u influwenza mhux xierqa minn pajjiżi terzi. Għalhekk, id-disinn, it-tħaddim u l-akkwist tas-sistema elettronika jenħtieġ li jikkontribwixxu għas-sovranità diġitali tal-Unjoni, inkluż billi jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, jiżguraw is-sigurtà tal-katina tal-provvista u jiffaċilitaw l-interoperabbiltà u l-portabbiltà.

Or. en

Emenda 103
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679[19] jew tar-Regolament (UE) 2018/1725[20] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom.	(26) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679[19] jew tar-Regolament (UE) 2018/1725[20] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom. ***L-operaturi ekonomiċi u l-individwi għandhom id-dritt li jaċċessaw u jirrettifikaw malajr id-data tagħhom, kif ukoll rimedji legali aċċellerati biex jikkontestaw kwalunkwe mblukkar jew sekwestru mhux ġustifikat tal-merkanzija tagħhom.***
[19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-	[19] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).
3a. L-obbligi skont dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u ma għandhomx jirriżultaw f'piż amministrattiv jew finanzjarju sproporzjonat fuq l-operaturi.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-proporzjonalità fl-eżerċizzju tas-setgħat tal-kontroll.

Emenda 137
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-operaturi għandhom jikkooperaw mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi.

Or. en

Emenda 138
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III, jew, fil-każ ta' taħlita jew organiżmu jew sustanza li tinsab fin-natura, isimha u l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III, li tinsab fit-taħlita, fl-organiżmu jew fis-sustanza li tinsab fin-natura; għall-attivitajiet ta' importazzjoni, esportazzjoni jew intermedjarji, l-isem ***għandu jiġi***	(a) l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III, jew, fil-każ ta' taħlita jew organiżmu jew sustanza li tinsab fin-natura, ***dan l-isem assoċjat, fejn disponibbli, man-numru CAS tagħha;*** isimha u l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III, li tinsab fit-taħlita, fl-organiżmu jew fis-sustanza li tinsab fin-natura; ***dan l-isem assoċjat, fejn***

segwit mit-terminu “PREKURSUR TAD-DROGA”;	***disponibbli, man-numru CAS tagħha;*** għal attivitajiet ta’ importazzjoni, esportazzjoni jew intermedjarji, ***din il-klassifikazzjoni hija integrata numerikament fl-identifikatur standardizzat, u*** l-isem ***huwa*** segwit mit-terminu “PREKURSUR TAD-DROGA”;

Or. en

Emenda 139
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwantità tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III u, fil-każ ta’ taħlita, organiżmu jew sustanza li tinsab fin-natura, il-kwantità jew il-perċentwal ta’ kwalunkwe sustanza bħal din li tinsab fiha; u	(b) il-kwantità ***u l-piż*** tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III u, fil-każ ta’ taħlita, organiżmu jew sustanza li tinsab fin-natura, il-kwantità jew il-perċentwal ta’ kwalunkwe sustanza bħal din li tinsab fiha; u

Or. en

Emenda 140
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal perjodu ta’ 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun seħħet it-tranżazzjoni.	2. L-operaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal perjodu ***minimu*** ta’ 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun seħħet it-tranżazzjoni ***u din trid tkun disponibbli faċilment għal spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba***.

Or. en

Emenda 141
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal perjodu ta' 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun seħħet it-tranżazzjoni.	2. L-operaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal perjodu ta' 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha tkun seħħet it-tranżazzjoni***, sakemm id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali ma jirrikjedix perjodu ta' żamma itwal***.

Or. sk

Emenda 142
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti ***minnufih*** tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti ***u*** serq ta' prekursuri tad-droga skedati. Meta l-fornituri ta' postijiet tas-suq online jsiru konxji ta' kwalunkwe informazzjoni dwar tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati, huma għandhom jirrapportaw minnufih dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.	1. L-operaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti ***mingħajr dewmien żejjed*** tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti ***u/jew*** serq ta' prekursuri tad-droga skedati ***kif ukoll ta' prekursuri tad-droga mhux skedati, fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta l-użu tagħhom fil-manifattura illeċita tad-drogi***. Meta l-fornituri ta' postijiet tas-suq online jsiru konxji ta' kwalunkwe informazzjoni dwar tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati ***jew prekursuri tad-droga mhux skedati***, huma għandhom jirrapportaw minnufih dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti. ***Il-fornituri tas-swieq online għandhom jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati biex***

jipprevjenu d-devjazzjoni u l-kummerċ illeċitu tal-prekursuri tad-droga permezz tas-servizzi tagħhom. Tali miżuri għandhom jinkludu mekkaniżmi li jippermettu d-detezzjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi.

Or. en

Emenda 143
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti minnufih tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati. ***Meta l-forniturи ta' postijiet tas-suq online jsiru konxji ta' kwalunkwe informazzjoni dwar tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati, huma għandhom jirrapportaw minnufih dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.***	1. L-operaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti minnufih tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati.

Or. en

Emenda 144
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti minnufih tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati. Meta l-forniturи ta' postijiet tas-suq online jsiru konxji ta' kwalunkwe	1. L-operaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti minnufih tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati***, iddeterminati abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti stabbiliti skont dan***

informazzjoni dwar tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati, huma għandhom jirrapportaw minnufih dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.	***ir-Regolament***. Meta l-forniturи ta' postijiet tas-suq online jsiru konxji ta' kwalunkwe informazzjoni***, matul l-attivitajiet normali tagħhom,*** dwar tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta' prekursuri tad-droga skedati, huma għandhom jirrapportaw minnufih dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Fl-ewwel parti, il-proposta tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kunċett ta' "kwantità sinifikanti" ma huwiex definit. Kriterji uniformi se jiżguraw iċ-ċertezza legali u l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri kollha. Fit-tieni parti, il-proposta tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu u tikkonferma li d-dispożizzjoni ma tistabbilixxix obbligu ġenerali ta' monitoraġġ.

Emenda 145
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-forniturи ddeżinjati bħala pjattaformi online kbar ħafna jew magni tat-tiftix online kbar ħafna skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 għandhom iqisu r-riskji relatati mad-devjazzjoni u l-kummerċ illeċitu tal-prekursuri tad-droga fil-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament, fejn rilevanti għall-funzjonament u l-użu tas-servizzi tagħhom, u għandhom jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, proporzjonati u effettivi skont l-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 146
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III;	(a) l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III ***u fejn disponibbli, in-numru CAS tagħha***;

Or. en

Emenda 147
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwantità tas-sustanza;	(b) il-kwantità ***u l-piż*** tas-sustanza;

Or. en

Emenda 148
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi involuti fil-katina tal-provvista.	(c) l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi involuti fil-katina tal-provvista ***u tal-uffiċjali responsabbli tagħhom*** **.**

Or. en

Emenda 149
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar bona fide skont din id-dispożizzjoni ma għandux iwassal għal responsabbiltà ċivili, amministrattiva jew kriminali għall-operatur li jirrapporta, għall-fornitur tas-suq, jew għall-persuna fiżika li tirrapporta f'isimhom.

Or. en

Emenda 150
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jikkunsidraw jekk jagħtux liċenzja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV fir-rigward tal-kompetenza u tal-integrità tal-applikant. Il-liċenzja għandha tiġi rrifjutata jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jiddubita l-adegwatezza u l-affidabbiltà tal-operatur jew tal-uffiċjal responsabbli tiegħu.	2. Meta jikkunsidraw jekk jagħtux liċenzja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV fir-rigward tal-kompetenza u tal-integrità tal-applikant. Il-liċenzja għandha tiġi rrifjutata jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jiddubita l-adegwatezza u l-affidabbiltà tal-operatur jew tal-uffiċjal responsabbli tiegħu***, dment li tali deċiżjoni tkun debitament motivata u tkun soġġetta għal rieżami effettiv skont id-dritt nazzjonali***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-termini "adegwatezza" u "affidabbiltà" huma wesgħin. Għalhekk, ir-rifjut tal-awtorizzazzjoni għandu jkun debitament ġustifikat u jista' jiġi rieżaminat sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi.

Emenda 151
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jikkunsidraw jekk jagħtux liċenzja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV fir-rigward tal-kompetenza u tal-integrità tal-applikant. Il-liċenzja għandha tiġi rrifjutata jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jiddubita l-adegwatezza u l-affidabbiltà tal-operatur jew tal-uffiċjal responsabbli tiegħu.	2. Meta jikkunsidraw jekk jagħtux liċenzja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV fir-rigward tal-kompetenza u tal-integrità tal-applikant ***u l-informazzjoni marbuta mal-operatur ekonomiku maħżuna fil-pjattaforma tad-Data Doganali***. Il-liċenzja għandha tiġi rrifjutata jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jiddubita l-adegwatezza u l-affidabbiltà tal-operatur jew tal-uffiċjal responsabbli tiegħu.

Or. en

Emenda 152
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-liċenzja għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV u għandha tingħata għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin, sakemm l-operatur ma jitlobx dan għal perjodu ta' żmien iqsar.	3. Il-liċenzja għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV u għandha tingħata għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin, sakemm l-operatur ma jitlobx dan għal perjodu ta' żmien iqsar ***u dment li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-liċenzja jibqgħu sodisfatti***. ***Madankollu, għall-operaturi ekonomiċi li juru rekord sostnut ta' konformità, dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal 5 snin jew it-tiġdid tal-liċenzja jista' jkun soġġett għal proċedura elettronika simplifikata.***

Or. en

Emenda 153

Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu liċenzji simplifikati għal perjodu ta' żmien mhux limitat, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV.	4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ***fil-prinċipju*** jagħtu liċenzji simplifikati għal perjodu ta' żmien mhux limitat ***iżda dawn jistgħu jiġu sospiżi jew revokati mill-awtoritajiet kompetenti***, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV.

Or. en

Emenda 154
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-liċenzja tista' tiġi sospiża jew revokata mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat il-liċenzja ma jibqgħux issodisfati jew fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.	6. Il-liċenzja tista' tiġi sospiża jew revokata mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat il-liċenzja ma jibqgħux issodisfati jew fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. ***Qabel ma tittieħed deċiżjoni biex jiġi sospiż jew revokat il-permess, l-operatur għandu jingħata l-opportunità li jikkummenta, ħlief meta tali posponiment jista' jipperikola serjament l-iskop tal-miżura.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ id-drittijiet proċedurali tal-entitajiet ikkonċernati u tissottolinja r-rispett għad-drittijiet tad-difiża mingħajr ma tirrestrinġi l-possibbiltà li tittieħed azzjoni f'każijiet urġenti.

Emenda 155
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-liċenzja ***tista'*** tiġi sospiża jew revokata mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat il-liċenzja ma jibqgħux issodisfati jew fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.	6. Il-liċenzja ***għandha*** tiġi sospiża jew revokata mill-awtoritajiet kompetenti kull meta l-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat il-liċenzja ma jibqgħux issodisfati jew fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.

Or. en

Emenda 156
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Id-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga lejn il-manifattura illeċita tad-drogi għandha konsegwenzi sinifikanti għas-saħħa pubblika madwar l-Unjoni. Iż-żieda fid-disponibbiltà tad-drogi sintetiċi tikkontribwixxi għal imwiet relatati mad-droga, ħsara serja għas-saħħa u l-isfruttament ta' persuni vulnerabbli, inklużi n-nisa u t-tfal. Għalhekk, il-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga tikkostitwixxi mhux biss materja ta' sigurtà pubblika iżda wkoll element importanti tal-isforzi tal-Unjoni biex tipproteġi s-saħħa pubblika u tnaqqas il-ħsara relatata mad-droga.

Or. en

Emenda 157
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Negozjanti esterni li jimportaw, li jesportaw jew li jwettqu attivitajiet intermedjarji bi prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 fi kwantitajiet li ma jaqbżux il-limiti tal-kwantità stabbiliti fl-Anness I matul sena kalendarja waħda għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi applikabbli skont l-Artikolu 15.	***imħassar***

Or. en

Emenda 158
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, ***l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-livell tat-tariffa stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Tali tariffa*** għandha ***tiġi imposta b'mod*** mhux ***diskriminatorju*** u ma għandhiex taqbeż il-kost tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.	8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, ***din*** għandha ***tkun proporzjonata, trasparenti u*** mhux ***diskriminatorja,*** u ma għandhiex taqbeż il-kost tal-ipproċessar tal-applikazzjoni. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprevedu tariffi mnaqqsa għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, u jistgħu jirrinunzjaw it-tariffa kompletament meta dan ikun iġġustifikat mid-daqs, mill-fatturat jew mill-kapaċità ekonomika tal-applikant. It-tariffa għandha tiġi eżentata għal universitajiet, organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, istituti tar-riċerka mingħajr skop ta' qligħ, laboratorji tas-saħħa pubblika u laboratorji forensiċi***

rikonoxxuti, meta l-prekursuri tad-droga jintużaw esklużivament għal riċerka xjentifika, medika, forensika jew tas-saħħa pubblika dokumentata. Il-livell ta' kwalunkwe tariffa ma għandux jikkostitwixxi ostaklu għar-riċerka indipendenti, għall-attivitajiet ta' twissija bikrija jew għall-innovazzjoni xjentifika ta' interess pubbliku.

Or. en

Emenda 159
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-livell tat-tariffa stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din il-miżata għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju u m'għandhiex taqbeż l-ispiża tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.	8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja***. Din it-tariffa tista' titnaqqas jew tiġi stabbilita għal żero għall-universitajiet, l-istituti pubbliċi tar-riċerka, is-servizzi tas-saħħa pubblika, is-servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika jew tat-trattament tad-dipendenzi, dment li l-prekursuri jintużaw esklużivament għal riċerka xjentifika, medika jew ta' interess pubbliku u mhux għal skopijiet kummerċjali***. Meta tiġi imposta tariffa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-livell tat-tariffa stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din il-miżata għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju u m'għandhiex taqbeż l-ispiża tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.

Or. it

Emenda 160

Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-livell tat-tariffa stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Tali tariffa għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju ***u*** ma għandhiex taqbeż il-kost tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.	8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġustaw il-livell tat-tariffa stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Tali tariffa għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju***,*** ma għandhiex taqbeż il-kost tal-ipproċessar tal-applikazzjoni ***u ma għandhiex tikkostitwixxi ostaklu bla bżonn għall-aċċess għas-suq għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tappoġġa l-kompetittività tal-SMEs u fl-istess ħin tilħaq l-objettiv li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u finanzjarji.

Emenda 161
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jaġġustaw il-livell tat-tariffa*** stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Tali tariffa għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju u ma għandhiex taqbeż il-kost tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.	8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-operaturi jħallsu tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għal liċenzja. Meta tiġi imposta tariffa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***japplikaw tnaqqis u proporzjonijiet abbażi tad-daqs u l-fatturat tagħhom*** stabbilit għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Tali tariffa għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju u ma għandhiex taqbeż il-kost tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 162
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' tnaqqis fit-tariffi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż dwar mudelli ta' tnaqqis gradwat li jirriflettu l-kategorija tad-daqs tal-intrapriża, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, u dwar il-kriterji oġġettivi u trasparenti li jistgħu jitqiesu għall-fini li jiġi rifless l-ammont ta' xogħol amministrattiv assoċjat mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

Or. en

Emenda 163
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi msemmija fl-Artikolu 9(1) għandhom jaħtru uffiċjal responsabbli stabbilit fl-Unjoni li jkollu s-setgħa li jirrappreżentahom fi kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	1. L-operaturi msemmija fl-Artikolu 9(1) għandhom jaħtru uffiċjal responsabbli stabbilit fl-Unjoni li jkollu s-setgħa li jirrappreżentahom fi kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Din il-funzjoni tista' titwettaq ukoll minn persuna li fl-istess ħin twettaq funzjonijiet oħra ta' ġestjoni jew ta' konformità fi ħdan l-operatur.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proposta żżomm l-obbligu li persuna responsabbli tiġi nominata, iżda fl-istess ħin tiċċara li ma huwiex rekwiżit li tinħoloq pożizzjoni ta' impjieg indipendenti ġdida. Ħafna negozji żgħar u ta' daqs medju diġà għandhom persunal responsabbli għall-konformità regolatorja jew għall-kontroll intern. Il-permess li din il-funzjoni titwettaq fi ħdan l-istrutturi eżistenti jnaqqas il-kostijiet amministrattivi mingħajr ma jimmina l-objettivi tar-Regolament.

Emenda 164
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta fornitur ta' suq online jiffaċilita l-bejgħ mill-bogħod ta' prekursuri tad-droga skedati importati minn pajjiżi terzi fl-Unjoni, dak il-fornitur għandu jitqies bħala l-importatur.
	Tali fornituri għandhom jaħtru persuna responsabbli stabbilita fl-Unjoni li jkollha s-setgħa li tirrappreżentahom f'materji relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 165
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw jew iwettqu attivitajiet intermedjarji bi prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 għandhom jiżguraw li l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I ***jiġi indikat*** fuq l-imballaġġ jew fuq it-tikketta tiegħu, jew, fil-każ ta' prodotti fornuti bl-ingrossa, fid-dokumenti ta'	L-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw jew iwettqu attivitajiet intermedjarji bi prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 għandhom jiżguraw li l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness I ***kif ukoll in-numru CAS korrispondenti, fejn disponibbli, jiġu indikati*** fuq l-imballaġġ jew fuq it-tikketta tiegħu, jew, fil-każ ta'

akkumpanjament.	prodotti fornuti bl-ingrossa, fid-dokumenti ta' akkumpanjament.

Or. en

Emenda 166
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu d-dokumentazzjoni għal perjodu ta' 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha kellhom fil-pussess tagħhom il-prekursur speċifiku tad-droga għall-aħħar darba.	2. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu d-dokumentazzjoni għal perjodu ***minimu*** ta' 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha kellhom fil-pussess tagħhom il-prekursur speċifiku tad-droga għall-aħħar darba ***u din trid tkun disponibbli faċilment għal spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba***.

Or. en

Emenda 167
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi għandhom jagħmlu disponibbli fis-suq prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 biss wara li jkunu vverifikaw li l-operaturi l-oħra involuti f'tali tranżazzjoni jkollhom liċenzja valida.	L-operaturi għandhom jagħmlu disponibbli fis-suq prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 biss wara li jkunu vverifikaw ***permezz ta' konsultazzjoni awtomatizzata tas-sistema elettronika ċentralizzata tal-Unjoni*** li l-operaturi l-oħra involuti f'tali tranżazzjoni jkollhom liċenzja valida.

Or. en

Emenda 168

Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Verifika tal-operaturi mill-fornituri tas-swieq online
	Il-fornituri tas-swieq online għandhom jippermettu lill-operaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod għall-bejgħ ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 biss wara li jkunu vverifikaw, permezz tas-sistema elettronika ċentralizzata msemmija fl-Artikolu 35, li l-operaturi involuti f'kuntratt ta' dan it-tip ikollhom liċenzja valida.

Or. en

Emenda 169
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jagħmlu sikuri l-bini tan-negozju u l-postijiet tal-użu kontra t-tneħħija mhux awtorizzata ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1.	L-operaturi għandhom jieħdu miżuri adegwati ***u proporzjonati, abbażi tad-daqs tal-istruttura tagħhom, in-natura tal-attivitajiet tagħhom u l-volumi ta' sustanzi li jżommu*** biex jagħmlu sikuri l-bini tan-negozju u l-postijiet tal-użu kontra t-tneħħija mhux awtorizzata ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw tali miżuri.***

Or. en

Emenda 170

Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operaturi għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jagħmlu sikuri l-bini tan-negozju u l-postijiet tal-użu kontra t-tneħħija mhux awtorizzata ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1.	L-operaturi għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jagħmlu sikuri l-bini tan-negozju u l-postijiet tal-użu kontra t-tneħħija mhux awtorizzata ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1***, u tali miżuri jridu jkunu proporzjonati għan-natura tal-attività mwettqa, il-kwantità ta' prekursuri tad-droga kkonċernati u l-livell tar-riskju identifikat***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tuża t-terminu "miżuri adegwati" mingħajr ma tispeċifika l-kriterji li skont dawn għandha tiġi vvalutata l-proporzjonalità. Iż-żieda ta' fatturi essenzjali li għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti żżid iċ-ċertezza legali u tippromwovi l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri. Fl-istess ħin, huwa żgurat li r-rekwiżiti tas-sigurtà jikkorrispondu mal-livell reali tar-riskju u ma jimponux obbligi sproporzjonati fuq entitajiet li jaħdmu bi kwantitajiet limitati ta' prekursuri.

Emenda 171
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Negozjanti esterni involuti f'attivitajiet ta' importazzjoni, esportazzjoni jew intermedjarji li jinvolvu prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 għandhom jirreġistraw informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. ***Dan l-obbligu ma għandux japplika għal:***	1. Negozjanti esterni involuti f'attivitajiet ta' importazzjoni, esportazzjoni jew intermedjarji li jinvolvu prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 għandhom jirreġistraw informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.

Or. en

Emenda 172
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rappreżentanti doganali diretti u trasportaturi meta jaġixxu biss f'dawk il-kapaċitajiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 173
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 trażbordati, imqiegħda taħt ħażna temporanja, maħżuna f'żona ħielsa jew li jitilqu mit-territorju doganali tal-Unjoni permezz ta' notifika ta' riesportazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 174
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2, reġistrazzjoni tista' tkun valida għal perjodu ta' żmien mhux limitat, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness	***imħassar***

V.

Or. en

Emenda 175
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tan-negozjant estern tista' tordna lin-negozjant estern jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti mir-reġistrazzjoni, meta r-reġistrazzjoni ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament***;*** il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati; jew, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.	5. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tan-negozjant estern tista' tordna lin-negozjant estern jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti mir-reġistrazzjoni, meta r-reġistrazzjoni ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament***,*** il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati; jew, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. ***Qabel ma tittieħed tali deċiżjoni, l-operatur tal-kummerċ barrani għandu jingħata l-opportunità li jikkummenta, ħlief meta tali posponiment jista' jipperikola serjament l-iskop tal-miżura.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Deċiżjoni li tiġi sospiża jew itterminata attività jista' jkollha konsegwenzi ekonomiċi sinifikanti. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-entità kkonċernata jkollha l-opportunità li tinstema' qabel ma tittieħed deċiżjoni, filwaqt li tiġi ppreżervata l-possibbiltà ta' intervent immedjat f'każijiet urġenti.

Emenda 176
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tan-negozjant estern ***tista'*** tordna lin-negozjant estern jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti mir-reġistrazzjoni, meta r-reġistrazzjoni ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament; il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati; jew, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.	5. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tan-negozjant estern ***għandha*** tordna lin-negozjant estern jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti mir-reġistrazzjoni, meta r-reġistrazzjoni ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament; il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati; jew, meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.

Or. en

Emenda 177
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Għall-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 li jippreżentaw riskju għoli ta' devjazzjoni lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, li huma elenkati fl-Anness II, il-Parti III, l-operaturi għandhom ikunu soġġetti għal notifika elettronika li tippermetti l-monitoraġġ ta' movimenti intra-Unjoni, biex jiġi żgurat livell adegwat ta' traċċabbiltà u biex tiġi pprevenuta d-devjazzjoni lejn il-manifattura illeċita.

Or. en

Emenda 178
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Reġistrazzjoni tal-kolletturi, ta' dawk li jeqirdu d-droga u tal-operaturi downstream
	1. L-operaturi involuti fil-ġbir, fil-qerda jew fit-trattament downstream ta' prekursuri tad-droga skedati għandhom jirreġistraw informazzjoni dwar dawk l-attivitajiet tagħhom mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti qabel ma jwettqu tali attivitajiet.
	2. Ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi mill-inqas l-identità tal-operatur, il-post fejn jitwettqu l-attivitajiet, il-kategoriji u l-kwantitajiet tal-prekursuri tad-droga skedati kkonċernati u, fejn applikabbli, il-metodu ta' qerda jew it-trattament downstream użat.
	3. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, mingħajr dewmien, jirreġistraw fis-sistema elettronika r-riċevuta, it-trasferiment, il-qerda jew it-trattament downstream tal-prekursuri tad-droga skedati kkonċernati u għandhom itellgħu jew jagħmlu disponibbli evidenza dokumentarja ta' dan, inkluż, fejn xieraq, ċertifikati ta' qerda, dokumenti tat-trasport, ritratti jew rekords ekwivalenti li jippermettu t-traċċabbiltà.
	4. L-informazzjoni u l-evidenza msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinżammu għal perjodu ta' 5 snin mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha twettqet l-attività.
	5. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tista' tordna lill-operatur jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti mir-reġistrazzjoni, meta r-reġistrazzjoni ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati, jew meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni ta' prekursuri tad-droga skedati lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.

Or. en

Emenda 179
Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Obbligu ta' notifika
	Għall-prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 li jippreżentaw riskju għoli ta' devjazzjoni, l-operaturi għandhom ikunu soġġetti għal notifika permezz tas-sistema elettronika dwar il-movimenti intra-Unjoni ta' dawn il-prekursuri.

Or. en

Emenda 180
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Kapitolu III – Taqsima 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a Prekursuri tad-droga tal-kategorija 2A
	Artikolu 15a
	Reġistrazzjoni
	1. L-operaturi li jintroduċu fis-suq prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2(a) li jaqbżu l-limiti tal-kwantità stabbiliti fl-Anness II għandhom jiksbu reġistrazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti qabel ma jqiegħdu fis-suq sustanzi skedati tal-kategorija 2A tal-Anness II.
	2. Kull operatur li jkollu reġistrazzjoni għandu jipprovdi sustanzi skedati tal-

kategorija 2A tal-Anness I biss lil operaturi oħra li jkollhom ukoll reġistrazzjoni.

3. Meta jqisu jekk għandhomx jagħtu reġistrazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, b'mod partikolari, l-kompetenza u l-integrita tal-applikant. Huma għandhom jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni jekk ikun hemm bażi raġonevoli għal dubju dwar l-idoneità u l-affidabbiltà tal-applikant jew tal-uffiċjali responsabbli għall-kummerċ ta' sustanzi skedati. Huma jistgħu jissospendu jew jirrevokaw ir-reġistrazzjoni kull meta jkun hemm bażi raġonevoli li twassal biex wieħed jemmen li d-detentur ma għadux persuna kompetenti u idonea li jżomm ir-reġistrazzjoni, jew li l-kundizzjonijiet li taħthom ingħatat ir-reġistrazzjoni ma għandhomx issodisfati.

Or. en

Emenda 181
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Operaturi li beħsiebhom iqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, ikollhom fil-pussess tagħhom, jużaw jew iwettqu attivitajiet intermedjarji li jinvolvu prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 għar-riċerka u l-innovazzjoni fi kwantitajiet li ma jaqbżux il-limitu massimu tal-kwantità stabbilit fil-Parti I tal-Anness III, għandhom jinnotifikaw l-attivitajiet maħsuba tagħhom fuq perjodu ta' massimu ta' 6 xhur lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, 5 ijiem qabel l-ewwel tranżazzjoni jew pussess. Dan l-obbligu ma japplikax għal rappreżentanti doganali diretti u għal trasportaturi oħra li	2. Operaturi li beħsiebhom iqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, ikollhom fil-pussess tagħhom, jużaw jew iwettqu attivitajiet intermedjarji li jinvolvu prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 għar-riċerka u l-innovazzjoni fi kwantitajiet li ma jaqbżux il-limitu massimu tal-kwantità stabbilit fil-Parti I tal-Anness III, għandhom jinnotifikaw l-attivitajiet maħsuba tagħhom fuq perjodu ta' massimu ta' 6 xhur lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, 5 ijiem qabel l-ewwel tranżazzjoni jew pussess. Dan l-obbligu ma japplikax għal rappreżentanti doganali diretti u għal trasportaturi oħra li

jaġixxu biss f'dik il-kapaċità.	jaġixxu biss f'dik il-kapaċità. ***Għal tali tranżazzjonijiet, il-proċedura ta' notifika minn qabel għandha tiġi ssimplifikata, razzjonalizzata u kompletament diġitalizzata sabiex jiġi evitat piż amministrattiv u burokratiku eċċessiv fuq l-operaturi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li t-traċċar tal-prekursuri sintetiċi huwa appoġġjat ħafna biex jiġu indirizzati s-swieq tad-drogi illeċiti li qed jevolvu, it-tranżazzjonijiet minuri ma għandhomx jikkawżaw ostakli burokratiċi kbar li jippenalizzaw lil dawn l-operaturi żgħar.

Emenda 182
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità kompetenti tista' titlob informazzjoni addizzjonali u twettaq spezzjonijiet biex tivverifika l-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta, inkluż l-użu ta' prekursuri tad-droga għar-riċerka u l-innovazzjoni.	4. L-awtorità kompetenti tista' titlob informazzjoni addizzjonali u twettaq spezzjonijiet biex tivverifika l-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta, inkluż l-użu ta' prekursuri tad-droga għar-riċerka u l-innovazzjoni. ***Tali kontrolli jridu jkunu proporzjonati għall-ambitu tal-attivitajiet notifikati u l-livell ta' riskju identifikat.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tħalli s-setgħat tal-kontroll meħtieġa f'idejn l-awtoritajiet kompetenti, iżda fl-istess ħin tiżgura li l-ambitu tal-kontrolli jikkorrispondi għar-riskju reali u l-iskala tal-attivitajiet imwettqa.

Emenda 183
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-operatur tista' tordna lill-operatur jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti min-notifika minn qabel, meta n-notifika minn qabel ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament***;*** il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati; jew, hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni tal-prekursur tad-droga tal-Kategorija 3 lejn il-manifattura illeċita tad-drogi.	5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-operatur tista' tordna lill-operatur jissospendi jew iwaqqaf l-attivitajiet koperti min-notifika minn qabel, meta n-notifika minn qabel ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament***,*** il-kundizzjonijiet iddikjarati ma jibqgħux issodisfati; jew, hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li hemm riskju ta' devjazzjoni tal-prekursur tad-droga tal-Kategorija 3 lejn il-manifattura illeċita tad-drogi. ***Qabel ma tittieħed tali deċiżjoni, l-operatur għandu jingħata l-opportunità li jikkummenta, ħlief meta tali posponiment jista' jipperikola serjament l-iskop tal-miżura.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-istess garanziji proċedurali għandhom japplikaw għar-reġim ta' notifika minn qabel fir-rigward tar-reġim ta' reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Emenda 184
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga ulterjuri mill-Artikolu 16(1), l-operaturi jistgħu jagħmlu disponibbli fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, ikollhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 għar-riċerka u l-innovazzjoni fi kwantitajiet li jaqbżu l-limitu massimu tal-kwantità stabbilit fil-Parti I tal-Anness III jew għal użu leġittimu ieħor, dment li jiksbu liċenzja f'konformità	B'deroga ulterjuri mill-Artikolu 16(1), l-operaturi jistgħu jagħmlu disponibbli fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, ikollhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 għar-riċerka u l-innovazzjoni fi kwantitajiet li jaqbżu l-limitu massimu tal-kwantità stabbilit fil-Parti I tal-Anness III jew għal użu leġittimu ieħor, dment li jiksbu liċenzja f'konformità

mal-Artikolu 9(1), (2) u (3). L-Artikolu 9(5), (6) u (8) għandu japplika wkoll għal dik il-liċenzja.	mal-Artikolu 9(1), (2) u (3). L-Artikolu 9(5), (6) u (8) għandu japplika wkoll għal dik il-liċenzja. ***Meta jivvalutaw l-applikazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-iskop xjentifiku, ta' riċerka, farmaċewtiku jew industrijali tal-użu maħsub.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament innifsu jippermetti l-użu leġittimu ta' sustanzi tal-Kategorija 3. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li dawn l-iskopijiet leġittimi għandhom jitqiesu fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni.

Emenda 185
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga ulterjuri mill-Artikolu 16(1), l-operaturi jistgħu jagħmlu disponibbli fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, ikollhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 għar-riċerka u l-innovazzjoni fi kwantitajiet li jaqbżu l-limitu massimu tal-kwantità stabbilit fil-Parti I tal-Anness III ***jew għal użu leġittimu ieħor***, dment li jiksbu liċenzja f'konformità mal-Artikolu 9(1), (2) u (3). L-Artikolu 9(5), (6) u (8) għandu japplika wkoll għal dik il-liċenzja.	B'deroga ulterjuri mill-Artikolu 16(1), l-operaturi jistgħu jagħmlu disponibbli fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, ikollhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 għar-riċerka u l-innovazzjoni fi kwantitajiet li jaqbżu l-limitu massimu tal-kwantità stabbilit fil-Parti I tal-Anness III, dment li jiksbu liċenzja f'konformità mal-Artikolu 9(1), (2) u (3). L-Artikolu 9(5), (6) u (8) għandu japplika wkoll għal dik il-liċenzja.

Or. en

Emenda 186
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi msemmija fl-Artikolu 17 jew fl-Artikolu 18 għandhom jagħmlu disponibbli fis-suq prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 biss wara li jkunu vverifikaw li l-operaturi involuti fit-tranżazzjoni jkunu għamlu notifika minn qabel jew ikollhom liċenzja f'konformità mal-Artikolu 17 jew l-Artikolu 18 rispettivament.	1. L-operaturi msemmija fl-Artikolu 17 jew fl-Artikolu 18 għandhom jagħmlu disponibbli fis-suq prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 biss wara li jkunu vverifikaw ***permezz ta' verifika awtomatizzata fis-sistema elettronika ċentralizzata tal-Unjoni Ewropea*** li l-operaturi involuti fit-tranżazzjoni jkunu għamlu notifika minn qabel jew ikollhom liċenzja f'konformità mal-Artikolu 17 jew l-Artikolu 18 rispettivament.

Or. en

Emenda 187
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Negozjanti esterni li jimportaw, li jesportaw jew li jwettqu attivitajiet intermedjarji bi prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 f'konformità mal-Artikolu 17 u l-Artikolu 18 għandhom jiżguraw li l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness III ***jiġi indikat*** fuq l-imballaġġ jew fuq it-tikketta tiegħu, jew, fil-każ ta' prodotti fornuti bl-ingrossa, fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament.	4. Negozjanti esterni li jimportaw, li jesportaw jew li jwettqu attivitajiet intermedjarji bi prekursuri tad-droga tal-Kategorija 3 f'konformità mal-Artikolu 17 u l-Artikolu 18 għandhom jiżguraw li l-isem tas-sustanza koperta mill-Anness III ***u n-numru CAS tiegħu jew formula strutturali standardizzata jiġu indikati b'mod ċar*** fuq l-imballaġġ jew fuq it-tikketta tiegħu, jew, fil-każ ta' prodotti fornuti bl-ingrossa, fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament.

Or. en

Emenda 188
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-importatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-importazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II matul perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel importazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi importati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantitajiet innotifikati.	1. L-importatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-importazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II matul perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel importazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi importati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantitajiet innotifikati. ***L-awtorità kompetenti għandha tippermetti aġġornament xieraq tal-kwantitajiet notifikati matul il-perjodu rilevanti, meta l-bidliet ikunu debitament ġustifikati minn ħtiġijiet kummerċjali jew ta' produzzjoni leġittimi.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-ħtiġijiet tan-negozju, l-iskedi tal-produzzjoni, u l-ktajjen tal-provvista jistgħu jinbidlu matul is-sena. Il-possibbiltà li jiġu aġġornati l-kwantitajiet notifikati żżid il-flessibbiltà tas-sistema mingħajr ma ddgħajjef il-kontroll mill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 189
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-importatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-importazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II matul perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel importazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi importati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantitajiet innotifikati.	1. L-importatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-importazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II matul perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel importazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi importati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantitajiet innotifikati***, meqjusa għall-varjazzjonijiet li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet tat-trasport u mill-proċessi tal-użin industrijali***.

Or. en

Emenda 190
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-esportazzjonijiet kollha ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 u l-esportazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 lejn ċerti pajjiżi tad-destinazzjoni, kif imsemmi fil-Kapitolu 2 tal-Anness VII, għandhom ikunu preċeduti minn notifika ta' qabel l-esportazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni.	1. L-esportazzjonijiet kollha ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 1 u l-esportazzjonijiet ta' prekursuri tad-droga tal-Kategorija 2 lejn ċerti pajjiżi tad-destinazzjoni, kif imsemmi fil-Kapitolu 2 tal-Anness VII, għandhom ikunu preċeduti minn notifika ta' qabel l-esportazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni. ***Il-pajjiż ta' destinazzjoni għandu jingħata perjodu ta' 7 ijiem tax-xogħol biex iwieġeb, li fit-tmiem tiegħu, l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tiġi awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' esportazzjoni, jekk huma ma jkunu irċevew l-ebda avviż mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni li jindika li din l-operazzjoni ta' esportazzjoni tista' tkun maħsuba għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.***

Or. en

Emenda 191
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-	1. L-esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-

esportazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II f'perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel esportazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi esportati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantità nnotifikata.	esportazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II f'perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel esportazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi esportati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantità nnotifikata. ***L-awtorità kompetenti għandha tippermetti aġġornament xieraq tal-kwantitajiet notifikati matul il-perjodu rilevanti, meta l-bidliet ikunu debitament ġustifikati minn ħtiġijiet kummerċjali jew ta' produzzjoni leġittimi.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-istess regoli għandhom japplikaw kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet. Il-permess għall-aġġornament tal-kwantitajiet notifikati jqis il-funzjonament reali tal-kummerċ internazzjonali filwaqt li jżomm traċċabbiltà sħiħa tal-moviment tal-prekursuri.

Emenda 192
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-esportazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II f'perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel esportazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi esportati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantità nnotifikata**.**	1. L-esportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-kwantità totali tal-esportazzjonijiet maħsuba għal kull sustanza koperta mill-Anness I jew l-Anness II f'perjodu ta' żmien speċifikat qabel l-ewwel esportazzjoni. Il-kwantità ta' sustanzi esportati matul dak il-perjodu ta' żmien ma għandhiex taqbeż il-kwantità nnotifikata***, meqjusa għall-varjazzjonijiet li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet tat-trasport u mill-proċessi tal-użin industrijali;***

Or. en

Emenda 193
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-esportazzjonijiet ta' sustanzi koperti mill-Anness III, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 jew fl-Artikolu 18.	2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-esportazzjonijiet ta' sustanzi koperti mill-Anness III, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 jew fl-Artikolu 18. ***Madankollu, l-esportazzjonijiet minn istituti tar-riċerka pubbliċi u ċentri universitarji li jinvolvu kwantitajiet ta' riċerka taħt il-limiti stabbiliti fl-Anness III huma eżentati minn dan ir-rekwiżit ta' notifika doppja.***

Or. en

Emenda 194
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 21(1) u fl-Artikolu 21(2), l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jipprevjenu l-esportazzjoni jekk tasal oġġezzjoni, li tindika li din l-esportazzjoni tista' tkun maħsuba għall-manifattura illeċita tad-drogi, mingħand l-awtoritajiet kompetenti jew mingħand l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tad-destinazzjoni.	6. Wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 21(1) u fl-Artikolu 21(2), l-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jipprevjenu l-esportazzjoni jekk tasal oġġezzjoni, li tindika li din l-esportazzjoni tista' tkun maħsuba għall-manifattura illeċita tad-drogi, mingħand l-awtoritajiet kompetenti jew mingħand l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tad-destinazzjoni ***fl-iskadenza stretta ta' 7 ijiem tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 21(5)***.

Or. en

Emenda 195

Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-importatur, l-esportatur jew id-detentur ta' proċedura ta' tranżitu kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi jew iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali jew: prova tal-pussess ta' liċenzja valida kif imsemmi fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 18; reġistrazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9(7) jew fl-Artikolu 15; jew notifika minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 17, inkluża, meta applikabbli, il-prova tan-notifika tal-kwantitajiet f'konformità mal-Artikoli 20 u 22.	2. L-importatur, l-esportatur jew id-detentur ta' proċedura ta' tranżitu kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi jew iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali ***b'mod elettronika permezz tal-ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana,*** jew: prova tal-pussess ta' liċenzja valida kif imsemmi fl-Artikolu 9 jew fl-Artikolu 18; reġistrazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 9(7) jew fl-Artikolu 15; jew notifika minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 17, inkluża, meta applikabbli, il-prova tan-notifika tal-kwantitajiet f'konformità mal-Artikoli 20 u 22.

Or. en

Emenda 196
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Minbarra l-paragrafu 3, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw li l-kwantitajiet ikunu fil-limiti nnotifikati fl-Artikolu 20 u fl-Artikolu 22 qabel ma jirrilaxxaw sustanzi għaċ-ċirkolazzjoni libera, ammissjoni temporanja, użu aħħari, ipproċessar passiv, esportazzjoni jew riesportazzjoni meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni.	4. Minbarra l-paragrafu 3, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw li l-kwantitajiet ikunu fil-limiti nnotifikati fl-Artikolu 20 u fl-Artikolu 22 ***meqjusa għall-varjazzjonijiet li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet tat-trasport u mill-proċessi tal-użin industrijali*** qabel ma jirrilaxxaw sustanzi għaċ-ċirkolazzjoni libera, ammissjoni temporanja, użu aħħari, ipproċessar passiv, esportazzjoni jew riesportazzjoni meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni.

Or. en

Emenda 197
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-verifika msemmija fil-paragrafu 3 u fil-paragrafu 4 għandha ssir b'mod elettroniku u awtomatiku permezz tal-interkonnessjoni msemmija fl-Artikolu 35(5) mid-data li fiha l-interkonnessjoni tkun operazzjonali.	6. Il-verifika msemmija fil-paragrafu 3 u fil-paragrafu 4 għandha ssir b'mod elettroniku u awtomatiku permezz tal-interkonnessjoni msemmija fl-Artikolu 35(5) mid-data li fiha l-interkonnessjoni tkun operazzjonali. ***Sakemm l-interkonnessjoni msemmija fl-Artikolu 35 tkun operazzjonali, jew meta s-sistema elettronika jew dik l-interkonnessjoni ma tkunx disponibbli temporanjament, il-verifiki msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jitwettqu permezz tas-sistema elettronika b'mezzi elettroniċi siguri oħra jew, fejn meħtieġ, permezz ta' proċeduri ta' riżerva stabbiliti mill-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 35(…). Dawk il-proċeduri ta' riżerva għandhom jiżguraw il-kontinwità tal-operat, it-traċċabbiltà tal-kontrolli u livell ekwivalenti ta' kontroll.***

Or. en

Emenda 198
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta prekursur tad-droga skedat jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni għat-trażbord, it-tqegħid f'ħażna temporanja jew il-ħżin f'żona ħielsa għal finijiet leċiti, l-operatur għandu juri dawk il-finijiet leċiti f'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Anness	Meta prekursur tad-droga skedat jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni għat-trażbord, it-tqegħid f'ħażna temporanja jew il-ħżin f'żona ħielsa għal finijiet leċiti, l-operatur għandu juri dawk il-finijiet leċiti f'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Anness

VII, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet doganali.	VII, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet doganali. ***Din it-talba primarjament tiġi ġġenerata awtomatikament abbażi tal-analiżi tar-riskju mibnija fis-sistema elettronika ċentralizzata tal-Unjoni, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-kontrolli fil-fruntieri u biex tiġi pprevenuta kwalunkwe strateġija loġistika ta' ċirkomvenzjoni.***

Or. en

Emenda 199
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta prekursur tad-droga skedat jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni għat-trażbord, it-tqegħid f'ħażna temporanja jew il-ħżin f'żona ħielsa għal finijiet leċiti, l-operatur għandu juri dawk il-finijiet leċiti f'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Anness VII, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet doganali.	Meta prekursur tad-droga skedat jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni għat-trażbord, it-tqegħid f'ħażna temporanja jew il-ħżin f'żona ħielsa għal finijiet leċiti, l-operatur għandu juri dawk il-finijiet leċiti f'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Anness VII, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-awtoritajiet doganali. ***Tali talba trid tkun proporzjonata u bbażata fuq fatti oġġettivi li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' verifika.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-obbligu li jintwera skop leġittimu huwa ġġustifikat, iżda għandu jiġi applikat abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Dan jevita li jitqiegħed piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi leġittimi.

Emenda 200
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***3 snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija għandha tistabbilixxi Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga ("Repożitorju").	1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il xahar*** wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija għandha tistabbilixxi Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga ("Repożitorju").

Or. en

Emenda 201
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) deskrizzjoni ġenerali tas-sustanza u l-proprjetajiet kimiċi tagħha;	(a) deskrizzjoni ġenerali tas-sustanza u l-proprjetajiet kimiċi tagħha ***inkluż, fejn disponibbli, in-numru CAS tagħha u, fil-każ ta' sustanzi mfassla ġodda, il-formula kimika strutturali standardizzata tagħhom***;

Or. en

Emenda 202
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) informazzjoni dwar kif jintgħarfu u jiġu notifikati tranżazzjonijiet suspettużi;

Or. en

Emenda 203
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) informazzjoni dwar il-volumi preżenti fis-suq;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Barra minn hekk, ir-reġistru għandu jkun fih funzjonalità awtomatizzata biex jiġu aggregati u traċċati l-volumi totali ta' kull sustanza skedata preżenti, importata, esportata, jew imqiegħda fis-suq intern. Dawn l-aggregati tad-data dwar il-volum għandhom jiġu aġġornati fuq bażi kontinwa biex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi jkunu jistgħu jwettqu analiżi tar-riskju fil-livell makro u jimmonitorjaw ix-xejriet fil-ktajjen tal-provvista tas-sustanzi kimiċi.

Emenda 204
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) informazzjoni dwar theddid emerġenti, xejriet ta' devjazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-monitoraġġ u l-immaniġġjar ta' tali sustanza;

Or. en

Emenda 205
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) informazzjoni relatata ma' inċidenti ta' produzzjoni tad-droga, inklużi laboratorji klandestini, drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda, miġbura permezz ta' bażi ta' data Ewropea li għandha tiġi żviluppata mill-Aġenzija f'kooperazzjoni mal-Istati Membri affettwati;

Or. en

Emenda 206
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) informazzjoni oħra li tista' titqies utli.

Or. en

Emenda 207
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk is-sustanzi jkunu bħala grupp ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku f'konformità mal-Artikolu 37(1), ir-Repożitorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi lista ***indikattiva*** tas-sustanzi individwali l-aktar rilevanti koperti mill-grupp ta' sustanzi u funzjoni speċifika li tippermetti lill-operaturi jivverifikaw jekk sustanza speċifika għandhiex titqies bħala parti mill-grupp.	3. Jekk is-sustanzi jkunu bħala grupp ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku f'konformità mal-Artikolu 37(1), ir-Repożitorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi lista ***eżawrjenti*** tas-sustanzi individwali l-aktar rilevanti koperti mill-grupp ta' sustanzi ***flimkien man-numri CAS korrispondenti tagħhom fejn disponibbli*** u funzjoni speċifika li tippermetti lill-operaturi jivverifikaw jekk sustanza speċifika għandhiex titqies bħala

parti mill-grupp.

Or. en

Emenda 208
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk is-sustanzi jkunu bħala grupp ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku f'konformità mal-Artikolu 37(1), ir-Repożitorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi lista indikattiva tas-sustanzi individwali l-aktar rilevanti koperti mill-grupp ta' sustanzi u funzjoni speċifika li tippermetti lill-operaturi jivverifikaw jekk sustanza speċifika għandhiex titqies bħala parti mill-grupp.	3. Jekk is-sustanzi jkunu bħala grupp ta' sustanzi identifikati b'mod ġeneriku f'konformità mal-Artikolu 37(1), ir-Repożitorju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi lista indikattiva tas-sustanzi individwali l-aktar rilevanti koperti mill-grupp ta' sustanzi ***flimkien man-numri tar-reġistru CAS rispettivi tagħhom*** u funzjoni speċifika li tippermetti lill-operaturi jivverifikaw jekk sustanza speċifika għandhiex titqies bħala parti mill-grupp.

Or. en

Emenda 209
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) ***u l-funzjoni*** speċifika msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku ***u*** mingħajr ħlas.	4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b)***, meta d-divulgazzjoni ma tikkompromettix is-sigurtà pubblika, l-investigazzjonijiet kriminali, il-kunfidenzjalità kummerċjali jew il-prevenzjoni tad-devjazzjoni, il-punt (c), kif ukoll il-funzjoni*** speċifika msemmija fil-paragrafu 3***,*** għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku***,*** mingħajr ħlas ***u aċċessibbli f'format faċli għall-utent***. ***L-***

Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u s-servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara dežinjati jew rikonoxxuti mill-Istati Membri jkollhom aċċess iffaċilitat għall-informazzjoni mhux sensittiva msemmija fil-punt (c) għall-finijiet ta' monitoraġġ tas-saħħa pubblika u twissija bikrija.

Or. en

Emenda 210
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) ***u (b)*** u l-funzjoni speċifika msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas.	4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a)***, (b) u (c) rigward xejriet u riskji,*** u l-funzjoni speċifika msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 211
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandha żżomm u taġġorna r-Repożitorju.	6. L-Aġenzija għandha żżomm u taġġorna r-Repożitorju ***fil-pront u mingħajr dewmien żejjed***. ***Il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija kimika, u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluża l-Europol, jistgħu jappoġġaw lill-Aġenzija fl-iżvilupp u l-aġġornament ta' tali informazzjoni.***

Or. en

Emenda 212
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Aġenzija għandha żżomm u taġġorna r-Repożitorju.	6. L-Aġenzija għandha żżomm u taġġorna r-Repożitorju. ***L-Aġenzija se tiżgura aġġornament regolari tal-informazzjoni u indikazzjoni trasparenti tad-data tal-aħħar reviżjoni tagħha.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-bażi tad-data hija maħsuba biex isservi bħala sors ta' referenza kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, huwa importanti li l-utenti jkunu jistgħu jivverifikaw li l-informazzjoni li jibbażaw fuqha meta jissodisfaw l-obbligi tagħhom tkun aġġornata.

Emenda 213
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Aġenzija għandha tiżgura l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija tal-kimika, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-Repożitorju ta' Informazzjoni dwar il-Prekursuri tad-Droga.

Or. en

Emenda 214
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'taħriġ, bħal taħriġ fil-ġestjoni tar-riskju, biex jidentifikaw, matul id-dmirijiet tagħhom, prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati li jistgħu jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal attività suspettuża.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'taħriġ, bħal taħriġ fil-ġestjoni tar-riskju, biex jidentifikaw, matul id-dmirijiet tagħhom, prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati li jistgħu jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal attività suspettuża. ***Tali taħriġ għandu jinkludi wkoll, fejn xieraq, informazzjoni dwar xejriet emerġenti ta' devjazzjoni, inklużi prekursuri ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda oħra, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa pubblika assoċjati mal-manifattura u mal-użu illeċiti tad-drogi. Barra minn hekk, tali taħriġ għandu jinkludi, fejn rilevanti, indikaturi tax-xogħol furzat u tal-isfruttament tax-xogħol marbuta mal-produzzjoni illeċita tad-droga jew mal-ktajjen tal-provvista.***

Or. en

Emenda 215
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'taħriġ, bħal taħriġ fil-ġestjoni tar-riskju, biex jidentifikaw, matul id-dmirijiet tagħhom, prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati li jistgħu jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal attività suspettuża.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'taħriġ ***regolari u aġġornat, tagħmir ta' detezzjoni, kapaċitajiet ta' valutazzjoni tar-riskju u l-użu tal-aħħar teknoloġiji***, bħal taħriġ fil-ġestjoni tar-riskju, biex jidentifikaw, matul id-dmirijiet tagħhom, prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati li jistgħu jintużaw fil-manifattura

illeċita tad-drogi, u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal attività suspettuża. ***Is-CEPOL għandu jappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp u t-twassil ta' tali taħriġ.***

Or. en

Emenda 216
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'taħriġ, bħal taħriġ fil-ġestjoni tar-riskju, biex jidentifikaw, matul id-dmirijiet tagħhom, prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati li jistgħu jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal attività suspettuża.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'taħriġ, bħal taħriġ fil-ġestjoni tar-riskju, biex jidentifikaw, matul id-dmirijiet tagħhom, prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati li jistgħu jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal attività suspettuża. ***It-taħriġ għandu jkun ibbażat, fost l-oħrajn, fuq l-esperjenza u l-għarfien espert tal-Aġenzija.***

Or. en

Emenda 217
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-materjali rilevanti ta' apprendiment elettroniku u taħriġ relatati mal-prekursuri tad-droga jiġu aġġornati regolarment u jsiru disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet

doganali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Or. en

Emenda 218
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw, mill-inqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga.	2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw, mill-inqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni***, ibbażati fuq id-data xjentifika u l-prinċipji tat-tnaqqis tal-ħsara,*** għall-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga. ***Dawn l-azzjonijiet għandhom jitfasslu biex iqisu l-ispeċifiċitajiet tas-setturi differenti kkonċernati, inklużi s-servizzi tas-saħħa u soċjali li jaħdmu fil-qasam tad-dipendenzi u tat-tnaqqis tal-ħsara.***

Or. it

Emenda 219
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw, mill-inqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga.	2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw, mill-inqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga ***bil-parteċipazzjoni,***

fejn xieraq, tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija tal-kimika u setturi rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 220
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw, mill-inqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga.	2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw, mill-inqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għall-operaturi li jqiegħdu fis-suq, jimportaw, jesportaw, iwettqu attivitajiet intermedjarji, għandhom fil-pussess tagħhom jew jużaw prekursuri tad-droga. ***Tali attivitajiet għandhom jindirizzaw ukoll ir-riskji ta' devjazzjoni lejn is-swieq tad-drogi illeċiti u l-impatti usa' tagħhom fuq is-soċjetà u s-saħħa pubblika.***

Or. en

Emenda 221
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni kollha, l-Aġenzija, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, għandha tiżviluppa qafas ta' taħriġ Ewropew armonizzat. Dak il-qafas għandu jinkludi kurrikuli

standardizzati, linji gwida tal-aħjar prattika, u moduli ta' taħriġ operazzjonali konġunti. Dawk il-moduli għandhom jindirizzaw b'mod speċifiku d-detezzjoni ta' prekursuri sintetiċi u designer emerġenti, metodoloġiji ta' spezzjoni bbażati fuq ir-riskju, u l-użu tas-sistema tal-IT ċentrali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traffikanti tas-sustanzi kimiċi jisfruttaw il-perkorsi tal-inqas reżistenza. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed ma jkollhomx l-għarfien tekniku speċjalizzat biex jidentifikaw metodi sofistikati ta' devjazzjoni, dak l-istat isir punt ta' aċċess fil-mira għall-kummerċ illeċitu. L-istandardizzazzjoni tat-taħriġ tiżgura protezzjoni bażi qawwija fil-fruntieri esterni u ż-żoni tas-suq intern kollha tal-UE.

Emenda 222
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, mal-Europol u mas-CEPOL, għandha tiffaċilita l-iskambju ta' gwida, għarfien espert u l-aħjar prattiki relatati mad-detezzjoni u ż-żarmar ta' laboratorji klandestini, inklużi t-trattament, it-trasport u r-rimi sikuri ta' sustanzi kimiċi u tagħmir sekwestrati.

Or. en

Emenda 223
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu informazzjoni lill-persunal tagħhom dwar l-obbligi tal-operaturi skont dan ir-Regolament u biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-persunal f'dan ir-rigward.	3. L-operaturi għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu informazzjoni lill-persunal tagħhom dwar l-obbligi tal-operaturi skont dan ir-Regolament u biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-persunal f'dan ir-rigward. ***Sabiex jimminimizzaw il-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-awtoritajiet rilevanti jipprovdu lill-operaturi għodod u moduli ta' taħriġ online standardizzati u mingħajr ħlas.***

Or. en

Emenda 224
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Kooperazzjoni msaħħa u sinerġiji
	1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom, fil-limiti tal-mandati rispettivi tagħhom, jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib u jippromwovu s-sinerġiji sabiex jipprevjenu d-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga mill-kummerċ leċitu.
	Tali kooperazzjoni għandha tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien espert rilevanti dwar xejriet emerġenti, xejriet suspettużi u metodi ta' devjazzjoni, kif ukoll mekkaniżmi ta' feedback, bl-għan li tissaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskju, tittejjeb l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet fil-katina tal-provvista u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.
	L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-Europol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi għandhom, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom,

jippromwovu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif xieraq, biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki relatati mal-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga mill-kummerċ leċitu. Tali kooperazzjoni għandha tiġi segwita b'mod koerenti u kkoordinat, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni, il-ftehimiet internazzjonali u l-attivitajiet tal-korpi tal-Unjoni involuti.

Or. en

Emenda 225
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 26a
	Linji gwida
	1. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u, fejn xieraq, mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni, tiżviluppa u tippubblika linji gwida sa Ġunju 2027 biex tappoġġa l-applikazzjoni konsistenti, effettiva u proporzjonata ta' dan ir-Regolament.
	2. Il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan li jiffaċilitaw livell għoli ta' armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni prattika tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet operazzjonali nazzjonali u l-metodoloġiji kriminali li qed jevolvu.
	3. Il-linji gwida jistgħu jinkludu, fejn xieraq, eżempji prattiċi, indikaturi u rakkomandazzjonijiet relatati, b'mod partikolari, ma':

(a) il-valutazzjoni ta' raġunijiet raġonevoli għal suspett skont dan ir-Regolament;

(b) kriterji u limiti indikattivi għall-identifikazzjoni ta' sekwestri sinifikanti u tranżazzjonijiet suspettużi;

(c) eżempji ta' finijiet leġittimi għall-introduzzjoni fis-suq, il-pussess, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-użu ta' sustanzi u taħlitiet skedati li fihom tali sustanzi;

(d) "użi leġittimi oħra" li jippermettu l-użu ta' prekursuri tal-Kategorija 3 u ta' prekursuri sintetiċi barra mill-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni;

(e) eżempji ta' mġiba li tista' tikkostitwixxi ksur jew ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament;

(f) il-livell xieraq ta' pieni;

(g) miżuri operazzjonali relatati mad-detenzjoni, is-sekwestru u r-rimi ta' sustanzi u taħlitiet skedati li fihom tali sustanzi;

(h) miżuri operazzjonali u l-aħjar prattiki biex jiġu żgurati l-postijiet, il-faċilitajiet u l-postijiet tal-ħżin li jinvolvu sustanzi u taħlitiet skedati li fihom tali sustanzi;

(i) valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' ġestjoni tar-riskju;

(j) l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi;

(k) l-aħjar prattiki għall-attivitajiet ta' monitoraġġ, identifikazzjoni u infurzar.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina perjodikament u, fejn xieraq, taġġorna l-linji gwida, filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi, ix-xejriet emerġenti tat-traffikar, il-ġurisprudenza rilevanti u l-esperjenza operazzjonali miksuba mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 226
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 26a
	Linji gwida
	1. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u, fejn xieraq, mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni, tiżviluppa u tippubblika linji gwida biex tappoġġa applikazzjoni konsistenti, effettiva u proporzjonata ta' dan ir-Regolament.
	2. Il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan li jiffaċilitaw livell għoli ta' armonizzazzjoni fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni prattika tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet operazzjonali nazzjonali u l-metodoloġiji kriminali li qed jevolvu.
	3. Il-linji gwida jistgħu jinkludu, fejn xieraq, eżempji prattiċi, indikaturi u rakkomandazzjonijiet relatati, b'mod partikolari, ma':
	(a) gwida speċifika biex jiġi żgurat li l-kontrolli previsti f'dan ir-Regolament ma joħolqux ostakli sproporzjonati għas-servizzi tas-saħħa, għas-servizzi ta' tnaqqis tal-ħsara, għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u għall-istituti tar-riċerka li jużaw prekursuri għal finijiet ta' interess pubbliku;
	(b) il-proporzjonalità tal-miżuri ta' kontroll fir-rigward tal-operaturi bi profil tar-riskju baxx, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-iskop tal-attivitajiet tagħhom.
	4. Fl-iżvilupp tal-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha

	tikkonsulta b'mod strutturat, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fl-oqsma tas-saħħa pubblika, it-trattament tad-dipendenzi u t-tnaqqis tal-ħsara, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-konsultazzjoni ssir b'mod trasparenti u f'waqtu u fuq l-istess livell mal-partijiet ikkonsultati l-oħra.
	5. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami b'mod regolari u, fejn xieraq, taġġorna l-linji gwida.

Or. it

Emenda 227
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Aġenzija b'dan.	1. Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Aġenzija b'dan. ***Kull Stat Membru għandu jikkoopera mal-Aġenzija.***

Or. en

Emenda 228
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 515/97 għandhom japplikaw bl-adattamenti meħtieġa. L-awtoritajiet kompetenti nnominati skont il-paragrafu 1 għandhom jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 515/97.	2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 515/97 għandhom japplikaw bl-adattamenti meħtieġa. L-awtoritajiet kompetenti nnominati skont il-paragrafu 1 għandhom jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 515/97. ***Dawn l-awtoritajiet jiskambjaw informazzjoni operazzjonali u profili tar-riskju b'mod awtomatizzat u istantanju permezz tas-sistema elettronika ċentralizzata msemmija f'dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-proċeduri tradizzjonali ta' assistenza reċiproka.***

Or. en

Emenda 229
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sabiex jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tikkoopera u tiskambja informazzjoni, fost l-oħrajn, ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ma' organizzazzjonijiet tan-negozju u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.
	3b. Il-kooperazzjoni internazzjonali mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għandha sseħħ b'mod strutturat, pereżempju fil-kuntest ta' korpi internazzjonali bħall-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi (INCB), l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO) u permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-kontroll tal-prekursuri.
	3c. Il-kooperazzjoni internazzjonali tista'

tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki, ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet għall-kontroll tal-prekursuri u ta' għarfien espert operazzjonali.

Or. en

Emenda 230
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. 1. L-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea (EUCA), stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 2023/0156, għandha teżerċita l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni li ġejjin fir-rigward tal-kontrolli tal-prekursuri tad-droga:
	(a) il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar transfruntieri li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti u l-amministrazzjonijiet doganali ta' żewġ Stati Membri jew aktar f'każijiet ta' devjazzjoni suspettata jew ikkonfermata tal-prekursuri tad-droga;
	(b) il-monitoraġġ u l-analiżi tar-rekords tas-sanzjonijiet miżmuma fis-sistema elettronika tal-prekursuri tad-droga skont l-Artikolu 31 u r-rapportar annwali lill-Kummissjoni; (c) il-ħruġ ta' gwida dwar l-interpretazzjoni konsistenti taċ-ċirkostanzi mitiganti u aggravanti skont l-Artikolu 31 biex titnaqqas id-diverġenza fl-infurzar bejn l-Istati Membri;
	(d) l-iffaċilitar u l-appoġġ ta' task forces operazzjonali konġunti mal-Europol u l-EUDA.
	2. L-EUCA għandha taġixxi bħala l-punt fokali tal-Unjoni għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-prekursuri tad-droga mal-awtoritajiet doganali ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali inklużi

d-WCO u l-INCB.

3. Għandhom jiġu żgurati riżorsi finanzjarji u umani xierqa għall-EUCA għall-implimentazzjoni ta' dawn il-kompiti kif previst fir-Regolament (KE) Nru 2023/0156

Or. en

Emenda 231
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Bil-ħsieb li jintlaħaq l-objettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali, u l-Awtorità Doganali tal-UE jistgħu jiskambjaw u jikkondividu data pproċessata, b'mod sistematiku u awtomatizzat, f'konformità ma' dan ir-Regolament [...] mal-awtoritajiet doganali u ma' awtoritajiet oħrajn ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' kooperazzjoni doganali. L-iskambju se jsir f'konformità mal-Artikolu 244 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u jista' jikkonċerna, b'mod partikolari, il-kategoriji ta' data li ġejjin:* ***(a) l-elementi tad-data inklużi fid-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet doganali jew f'deċiżjonijiet simili meħuda f'pajjiżi terzi; ***(b) l-elementi tad-data inklużi fid-dikjarazzjonijiet, fil-liċenzji u fin-notifiki;*** ***(c) data dwar ir-riskji identifikati, is-sejbiet li saru u r-riżultati miksuba mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jew mill-Kummissjoni, minn naħa waħda, u mill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kompetenti f'materji doganali, min-naħa l-oħra, waqt li jkunu qegħdin iwettqu l-analiżi tar-riskju u l-kontrolli tagħhom.***

Or. en

Emenda 232
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Bil-ħsieb li jintlaħaq l-objettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija baġitarja tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-applikazzjoni effettiva tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 233
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jiddeterminaw jekk l-operaturi jissodisfawx l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li prekursur tad-droga jista' jiġi ddevjat lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli addizzjonali mingħajr dewmien skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 u fl-Artikolu 30.	1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jiddeterminaw jekk l-operaturi jissodisfawx l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li prekursur tad-droga jista' jiġi ddevjat lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli addizzjonali mingħajr dewmien skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 u fl-Artikolu 30. ***Il-kontrolli għandhom jitwettqu abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju u għandhom ikunu proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-profil tar-riskju tal-attivitajiet ikkonċernati.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa element standard ta' regolamentazzjoni moderna u jippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi filwaqt li jillimita l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa għal entitajiet b'riskju baxx.

Emenda 234
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jiddeterminaw jekk l-operaturi jissodisfawx l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta jkun hemm ***raġuni biex wieħed jemmen*** li prekursur tad-droga jista' jiġi ddevjat lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli addizzjonali mingħajr dewmien skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 u fl-Artikolu 30.	1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli biex jiddeterminaw jekk l-operaturi jissodisfawx l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta jkun hemm ***bażijiet raġonevoli, ibbażati fuq elementi oġġettivi u fattwali*** li prekursur tad-droga jista' jiġi ddevjat lejn il-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli addizzjonali mingħajr dewmien skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 u fl-Artikolu 30.

Or. en

Emenda 235
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. It-tisħiħ tal-kontrolli huwa essenzjali, dment li tali kontrolli għandhom ikunu strettament ibbażati fuq ir-riskju u kkoordinati b'mod sistematiku bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiġu evitati duplikazzjonijiet amministrattivi u operazzjonali. L-

awtoritajiet għandhom jużaw is-sistema ċentrali tal-IT u għal kontroreferenza tad-data qabel ma jibdew l-ispezzjonijiet fuq il-post. L-operaturi ma għandhomx ikunu soġġetti għal talbiet duplikati għal informazzjoni jew proċeduri ta' verifika minn awtoritajiet domestiċi jew tal-Unjoni differenti għall-istess tranżazzjoni jew perjodu ta' żmien sottostanti, sakemm dan ma jkunx iġġustifikat minn riskju immedjat u sostanzjat ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk intrapriża tkun diġà ssottomettiet id-data tal-volum tagħha, il-fatturi kummerċjali, u l-informazzjoni tal-operatur fis-sistema tal-IT Ċentrali, dan huwa użu ineffiċjenti tar-riżorsi pubbliċi għal żewġ entitajiet separati (eż., l-Ispettorati tas-Sigurtà Doganali u Kimika) li jitolbu l-istess dokumentazzjoni eżatta f'awditi separati.

Emenda 236
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' kunfidenzjalità u ta' segretezza professjonali u kummerċjali u għandhom jipproteġu d-data personali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' kunfidenzjalità u ta' segretezza professjonali u kummerċjali u għandhom jipproteġu d-data personali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali***, b'mod partikolari meta jaċċessaw, jikkupjaw, jew jipproċessaw id-data tal-kompjuter tal-operatur waqt l-ispezzjonijiet***.

Or. en

Emenda 237
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jiżguraw l-amministrazzjoni xierqa tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi ***— finanzjarji, umani u teknoloġiċi —*** meħtieġa biex jiżguraw l-amministrazzjoni xierqa tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 238
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 28a
	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata b'mod dirett u negattiv minn deċiżjoni jew miżura adottata skont dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva indipendenti kompetenti, f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-UE. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni jew miżura ta' dan it-tip tkun motivata, proporzjonata u nnotifikata mingħajr dewmien żejjed lill-persuna kkonċernata. L-informazzjoni dwar ir-rimedji disponibbli u l-limiti ta' żmien applikabbli għandha tiġi kkomunikata flimkien mad-deċiżjoni jew il-miżura.

Or. en

Emenda 239

Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissekwestraw prekursuri tad-droga skedati sa ***30 jum*** soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, biex jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-prekursuri tad-droga u l-konformità ma' dan ir-Regolament.	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissekwestraw prekursuri tad-droga skedati sa ***7 ijiem*** soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, biex jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-prekursuri tad-droga u l-konformità ma' dan ir-Regolament. ***Meta ġġustifikat mill-kumplessità tal-verifika jew mill-ħtieġa li jiġi pprevenut riskju imminenti ta' devjazzjoni, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi estiż darba għal perjodu addizzjonali li ma jaqbiżx il-15-il jum, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-dritt nazzjonali.***

Or. en

Emenda 240
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissekwestraw prekursuri tad-droga skedati sa 30 jum soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont ***il-liġi*** nazzjonali, biex jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-prekursuri tad-droga u l-konformità ma' dan ir-Regolament.	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissekwestraw prekursuri tad-droga skedati sa 30 jum soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti skont ***id-dritt*** nazzjonali, biex jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-prekursuri tad-droga u l-konformità ma' dan ir-Regolament. ***Jekk ir-raġunijiet għall-qbid ma jibqgħux jeżistu qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi hawn fuq, il-prekursuri tad-droga maqbuda għandhom jiġu rilaxxati mingħajr dewmien.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-qbid għandu jservi biss għat-twettiq tal-kontrolli meħtieġa. Jekk ir-raġunijiet għad-durata tagħha ma jibqgħux jeżistu, ma jkunux ġustifikati restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-immaniġġar tal-oġġetti.

Emenda 241
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni, inkluż meta tali dewmien ikun minħabba konsultazzjonijiet li jkunu għaddejjin ma' awtoritajiet kompetenti jew korpi internazzjonali oħra, huma għandhom jgħarrfu lill-applikant b'dan il-fatt qabel ma jiskadi dak il-limitu ta' żmien, fejn jagħtu r-raġunijiet u jindikaw il-perjodu ulterjuri ta' żmien li jikkunsidraw meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni. Ħlief meta jkun stipulat mod ieħor, dak il-perjodu ta' żmien ulterjuri ma għandux jaqbeż it-30 jum tal-kalendarju.

Or. en

Emenda 242
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni ta' prekursuri tad-droga mhux skedati fit-territorju doganali tal-	2. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jipprojbixxu l-introduzzjoni ta' prekursuri tad-droga mhux skedati fit-territorju doganali tal-

Unjoni jew it-tluq tagħhom minnu meta jkun hemm evidenza biżżejjed li dawk il-prekursuri tad-droga jkunu maħsuba għall-manifattura illeċita tad-drogi.	Unjoni jew it-tluq tagħhom minnu meta jkun hemm evidenza biżżejjed li dawk il-prekursuri tad-droga jkunu maħsuba għall-manifattura illeċita tad-drogi. ***Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw il-kriterji u l-indikaturi li għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat jekk teżistix biżżejjed evidenza skont dan il-paragrafu.***

Or. en

Emenda 243
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-perjodu ta' detenzjoni temporanja msemmi fil-paragrafu 4 ma għandux jaqbeż it-30 jum.	5. Il-perjodu ta' detenzjoni temporanja msemmi fil-paragrafu 4 ma għandux jaqbeż it-30 jum. ***Meta l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni, inkluż meta tali dewmien ikun minħabba konsultazzjonijiet li jkunu għaddejjin ma' awtoritajiet kompetenti jew korpi internazzjonali oħra, huma għandhom jgħarrfu lill-applikant b'dan il-fatt qabel ma jiskadi dak il-limitu ta' żmien, fejn jagħtu r-raġunijiet u jindikaw il-perjodu ulterjuri ta' żmien li jikkunsidraw meħtieġ biex tittieħed deċiżjoni. Ħlief meta jkun stipulat mod ieħor, dak il-perjodu ta' żmien ulterjuri ma għandux jaqbeż it-30 jum tal-kalendarju.***

Or. en

Emenda 244
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-perjodu ta' detenzjoni temporanja msemmi fil-paragrafu 4 ma għandux jaqbeż ***it-30 jum***.	5. Il-perjodu ta' detenzjoni temporanja msemmi fil-paragrafu 4 ma għandux jaqbeż ***is-7 ijiem***. ***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, il-perjodu ta' detenzjoni temporanja jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' detenzjoni temporanja meta l-awtoritajiet doganali jkollhom bażi raġonevoli biex jagħmlu dan. Il-perjodu addizzjonali ta' detenzjoni temporanja ma għandux jaqbeż il-15-il jum.***

Or. en

Emenda 245
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-perjodu ta' detenzjoni temporanja msemmi fil-paragrafu 4 ma għandux jaqbeż it-30 jum.	5. Il-perjodu ta' detenzjoni temporanja msemmi fil-paragrafu 4 ma għandux jaqbeż it-30 jum***; f'każijiet debitament ġustifikati, il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż għal 30 jum addizzjonali.***

Or. en

Emenda 246
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dħul fil-bini tan-negozju tal-operaturi sabiex tinkiseb evidenza ta' irregolaritajiet;	(b) id-dħul fil-bini tan-negozju tal-operaturi sabiex tinkiseb evidenza ta' irregolaritajiet ***f'konformità stretta mas-***

sigrieti kummerċjali u l-proċeduri legali nazzjonali;

Or. en

Emenda 247
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta jiġi ddeterminat jekk hemmx suspett li l-prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati huma maħsuba biex jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 5 tal-Anness VII. Jekk il-kriterji stabbiliti fil-kapitolu 5, il-punt 8(b), tal-Anness VII jiġu ssodisfati, in-negozjant estern li jimporta, li jesporta jew li jwettaq attivitajiet intermedjarji bis-sustanza mhux skedata għandu jkun meħtieġ juri li s-sustanza hija ddestinata għal użu leġittimu.	7. Meta jiġi ddeterminat jekk hemmx suspett li l-prekursuri tad-droga skedati jew mhux skedati huma maħsuba biex jintużaw fil-manifattura illeċita tad-drogi, l-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 5 tal-Anness VII. Jekk il-kriterji stabbiliti fil-kapitolu 5, il-punt 8(b), tal-Anness VII jiġu ssodisfati, in-negozjant estern li jimporta, li jesporta jew li jwettaq attivitajiet intermedjarji bis-sustanza mhux skedata għandu jkun meħtieġ juri li s-sustanza hija ddestinata għal użu leġittimu. ***Din il-prova tingħata b'mod simplifikat permezz tat-trażmissjoni elettronika, bl-użu tas-sistema ċentralizzata tal-Unjoni, tad-dikjarazzjoni tal-użu ċċertifikata tal-utent finali jew kwalunkwe dokument kummerċjali ekwivalenti.***

Or. en

Emenda 248
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Għall-finijiet tal-prevenzjoni ta'	8. Għall-finijiet tal-prevenzjoni ta'

riskji speċifiċi ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga maħżuna f'żoni ħielsa u taħt ħżin temporanju kif ukoll f'żoni sensittivi oħra, bħall-imħażen doganali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati kontrolli effettivi għal attivitajiet imwettqa f'dawn iż-żoni f'kull stadju, u li l-kontrolli ma jkunux inqas stretti minn dawk applikati fil-partijiet l-oħra tat-territorju doganali.	riskji speċifiċi ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga maħżuna f'żoni ħielsa u taħt ħżin temporanju kif ukoll f'żoni sensittivi oħra, bħall-imħażen doganali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati kontrolli effettivi għal attivitajiet imwettqa f'dawn iż-żoni f'kull stadju, u li l-kontrolli ma jkunux inqas stretti minn dawk applikati fil-partijiet l-oħra tat-territorju doganali. ***Meta jorganizzaw dawn il-kontrolli, l-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipji tal-effettività, tal-proporzjonalità u tal-ġestjoni tar-riskju.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-istess livell ta' protezzjoni ma jirrikjedix l-istess intensità ta' kontrolli fil-każijiet kollha. Approċċ ibbażat fuq ir-riskju jippermetti immirar aktar effettiv tal-kapaċitajiet ta' kontroll fuq l-operazzjonijiet tal-ogħla riskju.

Emenda 249
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Klawżola ta' salvagwardja
	Meta Stat Membru jidentifika sustanza emerġenti, inkluż prekursur tad-droga mhux skedat jew taħlita ta' sustanzi, li tista' tintuża għall-manifattura illeċita tad-drogi u tagħti lok għal thassib serju dwar ir-riskju ta' devjazzjoni, huwa jista', sakemm jiġu adottati miżuri fil-livell tal-Unjoni, jieħu miżuri ta' prekawzjoni proporzjonati u temporanji f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.
	L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi dwar il-miżuri meħuda u jipprovdi

r-raġunijiet li jappoġġaw il-valutazzjoni tiegħu, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni xjentifika, teknika jew operazzjonali rilevanti disponibbli.

Il-Kummissjoni għandha teżamina, mingħajr dewmien żejjed, jekk hijiex xierqa azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, inkluż, fejn meħtieġ, permezz tal-użu tas-setgħat mogħtija lilha minn dan ir-Regolament.

Kwalunkwe miżura adottata skont dan l-Artikolu għandu jkollha kamp ta' applikazzjoni u durata limitati għal dak strettament meħtieġ u ma għandhiex tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-suq intern.

Or. en

Emenda 250
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 30a
	Klawżola ta' salvagwardja
	1. Meta Stat Membru jidentifika sustanza emerġenti, inkluż prekursur tad-droga mhux skedat jew taħlita ta' sustanzi, li jistgħu jintużaw għall-manifattura illeċita tad-drogi u li joħolqu theddida serja jew imminenti għas-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew is-sikurezza pubblika, u meta l-ebda att delegat adottat skont dan ir-Regolament ma jkun għadu daħal fis-seħħ fir-rigward ta' dik is-sustanza, l-Istat Membru jista' jadotta miżuri nazzjonali temporanji li jkunu meħtieġa u proporzjonati biex jipprevjenu d-devjazzjoni, it-traffikar jew l-użu illeċitu ta' dik is-sustanza.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu restrizzjonijiet li jikkonċernaw il-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-introduzzjoni fis-suq, il-pussess, id-distribuzzjoni, it-trasport jew l-użu tas-sustanza kkonċernata, kif ukoll obbligi msaħħa ta' monitoraġġ, rapportar jew reġistrazzjoni għall-operaturi.

3. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija dwar il-miżuri adottati skont dak il-paragrafu, flimkien mar-raġunijiet li jiġġustifikaw dawk il-miżuri u kwalunkwe informazzjoni xjentifika, teknika jew ta' intelligence disponibbli li tappoġġa l-valutazzjoni tat-theddida.

4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tivvaluta jekk is-sustanza kkonċernata għandhiex tkun soġġetta għal miżuri fil-livell tal-Unjoni, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' att delegat skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika kif xieraq lill-Istati Membri l-oħra sabiex ikunu jistgħu wkoll jistabbilixxu minnufih miżuri temporanji.

5. Il-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' natura temporanja u għandhom jibqgħu applikabbli biss sakemm il-miżuri rilevanti tal-Unjoni jidħlu fis-seħħ jew sakemm l-Istat Membru jiddetermina li t-theddida ma għadhiex tiġġustifika ż-żamma tagħhom. Tali miżuri għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-suq intern.

Or. en

Emenda 251
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 30a
	Ġestjoni ta' prekursuri tad-droga sekwestrati u miżmuma
	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-ġestjoni adegwata tal-prekursuri tad-droga sekwestrati jew miżmuma skont l-Artikolu 29 jew l-Artikolu 30, inklużi l-ħżin sigur u l-katina tal-kustodja, sabiex jipprevjenu d-devjazzjoni, is-serq u r-riskji għall-ħaddiema, għas-saħħa pubblika u għall-ambjent.
	2. Il-prekursuri tad-droga li ma jinżammux skont deċiżjoni amministrattiva finali skont id-dritt nazzjonali mal-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 29 jew l-Artikolu 30 għandhom jintbagħtu lura minnufih. Il-persuna kkonċernata għandu jkollha l-possibbiltà effettiva li tikkontesta s-sekwestru, iż-żamma jew kwalunkwe deċiżjoni skont dan l-Artikolu quddiem qorti, f'konformità mal-Artikolu 28a.
	3. Il-prekursuri tad-droga miżmuma skont deċiżjoni amministrattiva finali għandhom jinqerdu, jiġu kkonvertiti b'mod irriversibbli jew inkella jintremew b'mod ambjentalment korrett, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar l-iskart, sakemm iż-żamma ulterjuri tagħhom ma tkunx meħtieġa għal finijiet ta' evidenza, forensika, riċerka jew għal finijiet oħra ta' interess pubbliku.
	Or. en

Emenda 252
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-penali msemmija fil-paragrafu 1 iqisu kif xieraq dan li ġej, kif applikabbli:*** ***(a) il-gravità u d-durata tal-ksur;*** ***(b) kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti mill-operatur ekonomiku;*** ***(c) il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti;*** ***(d) kwalunkwe fattur mitiganti jew aggravanti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, bħall-gwadann ta' benefiċċji finanzjarji, jew telf evitat, direttament jew indirettament, mill-ksur.***

Or. en

Emenda 253
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-penali għandhom jinkludu l-esklużjoni temporanja għal perjodu massimu ta' 12-il xahar mill-proċessi tal-akkwist pubbliku u mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri tal-offerti, l-għotjiet u l-konċessjonijiet, u l-projbizzjoni temporanja mill-introduzzjoni jew mid-disponibbiltà fis-suq jew mill-esportazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet rilevanti.***

Or. en

Emenda 254
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi***, mal-Istati Membri, meta jiddeterminawhom, filwaqt li jitqiesu n-natura, il-gravità, id-durata u r-rikorrenza tal-ksur, kif ukoll il-grad ta' kooperazzjoni tal-entità kkonċernata mal-awtoritajiet kompetenti***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-abbozz ta' regolament jistabbilixxi rekwiżit ġenerali ta' proporzjonalità tas-sanzjonijiet, iżda ma jipprovdi l-ebda kriterju għall-applikazzjoni tiegħu. Iż-żieda ta' fatturi essenzjali se tappoġġa applikazzjoni aktar konsistenti u prevedibbli tar-reġimi tas-sanzjonar madwar l-Istati Membri.

Emenda 255
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-penali ***previsti*** għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.	Il-penali ***msemmija fil-paragrafu 1*** għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Or. en

Emenda 256
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu jekk jimponux piena u jiddeċiedu dwar it-tip jew is-severità tagħha, għandha tingħata attenzjoni xierqa lil dawn li ġejjin: (a) jekk il-ksur ikunx sar intenzjonalment jew b'negliġenza;
	(b) in-natura, il-gravità, ir-repetizzjoni u d-durata tal-ksur;
	(c) l-impatt fuq l-interessi finanzjarji u interessi oħra tas-sigurtà u tas-sikurezza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;
	(d) il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiġi rimedjat il-ksur u jiġu mmitigati l-effetti avversi possibbli tal-ksur;
	(e) kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti;
	(f) kwalunkwe ċirkostanza mitiganti jew aggravanti oħra tal-każ, f'konformità mad-dritt nazzjonali.
	4. L-atti jew l-ommissjonijiet li ġejjin għandhom jikkostitwixxu ksur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, soġġetti għal sanzjonijiet:
	(a) in-nuqqas minn operatur liċenzjat li jissottometti notifika ta' qabel l-esportazzjoni, tal-esportazzjoni jew tal-importazzjoni kif meħtieġ skont dan ir-Regolament;
	(b) is-sottomissjoni minn operatur ta' informazzjoni falza, mhux kompluta jew materjalment qarrieqa f'notifika ta' prekursur, applikazzjoni għal liċenzja jew reġistrazzjoni;
	(c) il-kummerċ fi prekursuri skedati jew designer mingħajr liċenzja jew reġistrazzjoni valida meħtieġa skont dan ir-Regolament;
	(d) nuqqas minn operatur li jirrapporta tranżazzjoni suspettuża jew l-għajbien ta'

sustanzi skedati jew serq fejn huwa meħtieġ rapportar;

5. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu ksur addizzjonali relatat mal-obbligi skont dan ir-Regolament lil hinn minn dak elenkat fil-paragrafu 3, soġġett għal notifika lill-Kummissjoni.

6. Żbalji klerikali u minuri ma għandhomx jikkostitwixxu ksur skont il-paragrafu 3 sakemm ma jsirux intenzjonalment jew bħala riżultat ta' negliġenza ovvja. Il-ksur attribwibbli għal force majeure, inklużi ħsarat dokumentati fis-sistema tal-IT lil hinn mill-kontroll tal-operatur jew tat-trasportatur, ma għandux jagħti lok għal sanzjonijiet.

7. Meta jkun xieraq, il-pieni għandhom jinkludu:

(a) imposta monetarja;

(b) ir-revoka, is-sospensjoni jew l-emendar ta' liċenzja jew reġistrazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament;

(c) il-konfiska tal-oġġetti kkonċernati;

(d) twissija.

Or. en

Emenda 257
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet pekunarji u miżuri amministrattivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkunu qed jiddeterminaw it-tip u l-livell tas-sanzjonijiet pekunarji jew tal-miżuri

amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż fejn applikabbli:

(a) il-gravità u d-durata tal-ksur;

(b) l-għadd ta' każijiet li fihom il-ksur ikun ġie ripetut;

(c) il-livell ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli;

(d) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli, inkluż fid-dawl tal-fatturat totali jew tal-introjtu annwali tagħha;

(e) il-benefiċċju li jirrizulta mill-ksur mill-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli, sa fejn dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(f) it-telf lil partijiet terzi kkaġunat mill-ksur, meta jkun jista' jiġi stabbilit;

(g) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika miżmuma responsabbli mal-awtorità kompetenti;

(h) ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet pekunarji massimi li jistgħu jiġu imposti jammontaw għal mill-inqas id-doppju tal-ammont tal-benefiċċju derivat mill-ksur meta dak il-benefiċċju jkun jista' jiġi ddeterminat, jew mill-inqas EUR 1 000 000, skont liem ikun l-ogħla. Għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, il-valur imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 258
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom***, inkluż billi jirreġistraw id-deċiżjonijiet tagħhom permezz tas-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 35. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħarsa ġenerali komparattiva tar-reġimi ta' penali tal-Istati Membri u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konverġenza tal-infurzar kull 3 snin.***

Or. en

Emenda 259
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	L-Istati Membri għandhom, ***sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal: [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli ***dwar penali flimkien mal-bażi legali tagħhom u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien,*** u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Or. en

Emenda 260
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni tista' toħroġ linji gwida dwar id-determinazzjoni ta' pieni u livelli minimi applikabbli għal ksur serju skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 261
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar is-sekwestri ta' prekursuri tad-droga u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VIII.	L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jirrapportaw informazzjoni ***mingħajr dewmien żejjed*** dwar is-sekwestri ta' prekursuri tad-droga ***permezz ta' mezzi elettroniċi permezz tas-sistema elettronika ċentralizzata tal-Unjoni*** u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VIII. ***Din il-kondiviżjoni awtomatizzata sseħħ mingħajr dewmien żejjed f'ħin reali hekk kif jiġi identifikat ir-reat jew is-sekwestru sinifikanti, biex tippermetti l-konfigurazzjoni immedjata ta' profili ta' riskju komuni fil-fruntieri tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 262
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar is-sekwestri ta' prekursuri tad-droga u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VIII.	L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar is-sekwestri ta' prekursuri tad-droga u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VIII. ***In-notifika għandha tiżgura l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u tad-data personali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-iskambju ta' informazzjoni huwa essenzjali għall-infurzar effettiv tar-Regolament. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li tiġi żgurata b'mod espliċitu l-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u ta' data personali li tista' tkun parti mid-data rrapportata.

Emenda 263
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni, fuq bażi annwali, informazzjoni aggregata dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, abbażi tad-data rrapportata skont l-Anness VIII. Il-Kummissjoni għandha tuża dik l-informazzjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tagħmel disponibbli ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni kollha ta' dik id-data.

Or. en

Emenda 264
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tikkonċerna sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga mhux skedati, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità doganali għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.	1. Meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tikkonċerna sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga mhux skedati, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità doganali għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien ***żejjed u b'mezzi elettroniċi permezz tas-sistema elettronika ċentralizzata tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 265
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tikkonċerna sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga mhux skedati, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità doganali għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.	1. Meta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tikkonċerna sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga mhux skedati, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità doganali għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. ***Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija, se toħroġ linji gwida biex tippromwovi interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' "sinifikanti".***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-terminu "sinifikanti" ma huwiex definit ulterjorment fil-proposta. Il-linji gwida komuni jgħinu biex tiġi żgurata prattika ta' applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri mingħajr il-ħtieġa li jiġu introdotti limiti riġidi fir-Regolament innifsu.

Emenda 266
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-limiti u l-kriterji għad-determinazzjoni ta' sekwestri sinifikanti ta' prekursuri tad-droga mhux skedati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 267
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tinforma lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra mingħajr dewmien, jekk tirċievi talba għal liċenzja għal prekursur tad-droga tal-Kategorija 3 f'konformità mal-Artikolu 18.	2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha ***mingħajr dewmien żejjed u permezz tas-sistema elettronika ċentralizzata tal-Unjoni*** tinforma lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra mingħajr dewmien, jekk tirċievi talba għal liċenzja għal prekursur tad-droga tal-Kategorija 3 f'konformità mal-Artikolu 18 ***jew jekk tirrifjuta, tissospendi jew tirrevoka tali liċenzja, li tipprevjeni kwalunkwe strateġija ta' ċirkomvenzjoni jew għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni***.

Or. en

Emenda 268
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tibgħat dan ir-rapport finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 269
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-rapport jitħejja fuq bażi konsolidata bl-użu ta' data u statistika operazzjonali ċentralizzati awtomatikament fis-sistema elettronika tal-Unjoni mill-awtoritajiet kompetenti, u b'hekk jiġu żgurati l-kompletezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta mingħajr ma jiġi impost piż ta' rapportar annwali addizzjonali fuq l-operaturi.

Or. en

Emenda 270
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm sistema elettronika ċentralizzata għas-sottomissjoni, għall-ħżin, għall-ipproċessar, għat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-iskambju ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u għall-	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm sistema elettronika ċentralizzata għas-sottomissjoni, għall-ħżin, għall-ipproċessar, għat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-iskambju ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u għall-

kontroll tal-prekursuri tad-droga, f'konformità ma' dan ir-Regolament.	kontroll tal-prekursuri tad-droga, f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll proċeduri ta' kontinġenza li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u l-operaturi jkunu jistgħu jkomplu jwettqu l-obbligi tagħhom ta' prevenzjoni tad-diversifikazzjoni f'każ ta' qtugħ fis-sistema, inċident ċibernetiku jew attività ta' theddid ibridu mmirata lejn is-sistema.***

Or. en

Emenda 271
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – punt a – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) jirreġistraw l-attivitajiet ta' ġbir, qerda u trattament downstream u jtellgħu jew jagħmlu disponibbli evidenza dokumentarja tagħhom f'konformità mal-Artikolu propost ġdid;

Or. en

Emenda 272
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – punt a – punt vib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(vib) Is-sistema elettronika għandha tiġi ddisinjata b'mod proporzjonat u faċli għall-utent biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 273
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Sabiex il-fornituri tas-swieq online jkunu jistgħu jivverifikaw f'konformità mal-Artikolu 13a li l-operaturi involuti fi tranżazzjoni għandhom liċenzja valida;

Or. en

Emenda 274
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jipprovdu funzjonalitajiet diġitali faċli għall-utent li jiffaċilitaw il-konformità u l-proċeduri amministrattivi, inklużi mudelli standardizzati, kontrolli awtomatizzati tal-kompletezza u tal-konsistenza, il-possibbiltà li jiġu mehmuża dokumenti ta' sostenn, għodod għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-użu finali, dashboards li jippermettu lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-istatus tat-talbiet u tal-liċenzji, u funzjonalitajiet ta' komunikazzjoni siguri għall-iskambju ta' mistoqsijiet ta' segwitu u informazzjoni addizzjonali.

Or. en

Emenda 275
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i), (ii), (iii), (iv) u (v), il-punti (b), (c) u (d) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***18-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.	3. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i), (ii), (iii), (iv) u (v), il-punti (b), (c) u (d) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 276
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i), (ii), (iii), (iv) u (v), il-punti (b), (c) u (d) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***18-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.	3. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a)(i), (ii), (iii), (iv) u (v), il-punti (b), (c) u (d) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 277
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(vi) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***6 snin*** wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.	4. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(vi) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 278
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(vi) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***6*** snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.	4. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(vi) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***3*** snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 279
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(vi) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***6*** snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.	4. Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)(vi) għandhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard minn ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 280
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-	5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-

paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn ***6*** snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.	paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn ***3*** snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu. ***Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sad-data msemmija fil-paragrafu 3.***
	Or. en

Emenda 281
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn 6 snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.	5. ***Sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4),*** il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn 6 snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu ***u mal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE stabbilit bir-Regolament (KE) 2023/0156 sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ fejn possibbli***.
	Or. en

Emenda 282
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn ***6*** snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn ***3*** snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 283
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn ***6 snin*** mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.	5. Il-Kummissjoni għandha tgħaqqad is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/2399 bl-għan li tippermetti t-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 23(4) sa mhux aktar tard minn ***sentejn*** mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 284

Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni tista', f'kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, ***tgħaqqad*** is-sistema msemmija fil-paragrafu 1 ***mas-sistemi*** tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti ***jew ma' sistemi oħra tan-Nazzjonijiet Uniti għall-prekursuri*** tad-droga.	6. Il-Kummissjoni ***għandha tiżgura***, f'kooperazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti, ***l-interoperabbiltà effettiva u, fejn ikun teknikament fattibbli, l-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali bejn*** is-sistema msemmija fil-paragrafu 1 ***u s-sistemi rilevanti*** tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar ta' inċidenti ***tal-prekursuri*** tad-droga ***sabiex jiġi evitat dewmien fit-trażmissjoni ta' informazzjoni azzjonabbli***. ***L-aċċess għandu jkun ibbażat fuq ir-rwol u limitat għad-data strettament meħtieġa għat-twettiq ta' dawk il-kompiti.***

Or. en

Emenda 285
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-awtoritajiet kompetenti ***u*** l-operaturi għandu jkollhom aċċess għad-data fis-sistema elettronika meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.	7. Il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-awtoritajiet kompetenti***,*** l-operaturi***, u l-fornituri ta' swieq online*** għandu jkollhom aċċess għad-data fis-sistema elettronika meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 286
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-varar tas-sistema ċentrali tal-IT għandu jsegwi skeda ta' żmien realistika u gradwali. L-implimentazzjoni sħiħa għandha tkun kundizzjonali fuq l-ittestjar operazzjonali komprensiv u interoperabbiltà vverifikata mal-infrastrutturi nazzjonali eżistenti, filwaqt li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ma tikkawżax tfixkil operazzjonali għall-awtoritajiet jew għall-operaturi nazzjonali kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasformazzjoni diġitali għandha tottimizza l-flussi tax-xogħol, mhux tkissirhom. Hemm riskju li l-migrazzjoni furzata tad-data lejn sistemi mhux ittestjati tfixkil serju għall-kummerċ estern u s-sorveljanza tas-suq intern.

Emenda 287
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-iżvilupp u għall-operazzjoni tas-sistema elettronika, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8, 9, 13, 15, 17, 18, 19(1), 20, 21, 22, 23, 32, 33 u 34.	8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-iżvilupp u għall-operazzjoni tas-sistema elettronika, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8, 9, 13, 15, 17, 18, 19(1), 20, 21, 22, 23, 32, 33 u 34. ***Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi wkoll proċeduri ta' riżerva fil-każ ta' ħsara fis-sistema jew fl-interkonnessjoni, il-ġestjoni tal-utenti u d-drittijiet ta' aċċess, il-kategoriji tad-data,***

	il-perjodi ta' żamma, ir-rekwiżiti tal-illoggjar, ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.

Or. en

Emenda 288
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-iżvilupp u għall-operazzjoni tas-sistema elettronika, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8, 9, 13, 15, 17, 18, 19(1), 20, 21, 22, 23, 32, 33 u 34.	8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-iżvilupp u għall-operazzjoni tas-sistema elettronika, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8, 9, 13, 15, 17, 18, 19(1), 20, 21, 22, 23, 32, 33 u 34.

Or. en

Emenda 289
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 9 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10. Is-sistema għandha tkun iddisinjata biex tkun kompletament interoperabbli ma' sistemi elettroniċi oħra, inklużi s-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (ICS2), is-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES), il-Pjattaforma tad-

Data Doganali tal-UE, l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u s-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS). Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi standards ta' interoperabbiltà għas-sistemi nazzjonali u għall-interfaċċa bejn is-sistema elettronika tal-prekursuri tad-droga u dawn is-sistemi paralleli fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

11. Matul il-perjodu tranżizzjonali msemmi fl-Artikoli 41 sa 45 u fl-Anness VII, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-użu tal-infrastruttura diġitali doganali eżistenti tal-Unjoni, inklużi s-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (ICS2) u s-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES), kif ukoll is-sistemi elettroniċi li se jibdew jiġu implimentati fi stadju aktar bikri, bħall-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, biex jiġu antiċipati wħud mir-rekwiżiti għall-kummerċ estern għar-reġistrazzjoni, is-sottomissjoni u l-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-kunsinni tal-prekursuri tad-droga biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

12. Sakemm issir l-interkonnessjoni tas-sistema elettronika tal-prekursuri tad-droga mal-Ambjent ta' Tieqa Unika għad-Dwana, l-Istati Membri li jkunu varaw sistemi elettroniċi nazzjonali funzjonali għan-notifiki tal-prekursuri għandhom ikunu awtorizzati joperaw dawk is-sistemi mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dment li jissodisfaw l-istandards ta' interoperabbiltà stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

13. Il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja għall-istabbiliment tas-sistema elettronika u l-interoperabbiltà tagħha ma' sistemi elettroniċi oħra,

inkluż fil-livell tal-esperti inkluż il-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Kummerċ. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Or. en

Emenda 290
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 35a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 35a
	Sovranità diġitali
	1. Is-sistema elettronika għandha tiġi ddisinjata sabiex tiżgura li d-data disponibbli fiha tkun protetta minn aċċess mhux awtorizzat u minn theddid ieħor għall-integrità u għas-sigurtà tagħha, li jikkostitwixxi interess pubbliku. Is-sistema elettronika, minbarra l-infrastruttura tat-trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni, għandha tkun ikkontrollata u amministrata biss mill-Kummissjoni jew mill-Awtorità Doganali tal-UE u mill-Aġenzija skont arranġament ta' ħidma li jistabbilixxi kooperazzjoni operazzjonali. Għandha tkun tinsab fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.
	2. Fil-kuntest ta' kompiti relatati mal-iżvilupp, l-ospitar, it-tħaddim u l-manutenzjoni, u kwalunkwe pproċessar ta' data relatat fis-sistema elettronika:
	(a) Kwalunkwe fornitur u fornitur ta' servizzi ieħor, u kwalunkwe sottokuntrattur, għandhom jiżguraw l-affidabbiltà, is-sigurtà u l-indipendenza mill-influwenza tal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi u ma għandhomx ikunu soġġetti

direttament jew indirettament għal kwalunkwe liġi, inklużi ordnijiet eżekuttivi, ta' pajjiż terz li jista' jirrikjedi d-divulgazzjoni tad-data tas-sistema elettronika lil kwalunkwe awtorità ta' dak il-pajjiż. Għal servizzi kritiċi, inkluż kwalunkwe attività relatata mad-data, l-awtorità kontraenti tista' tirrikjedi approvazzjoni tas-sigurtà.

(b) Kwalunkwe fornitur, fornitur ta' servizz ieħor, u kwalunkwe sottokuntrattur għandu jkun legalment stabbilit fl-Unjoni u mhux ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn kwalunkwe impriża ta' pajjiż terz kif definit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) 2019/452.

3. L-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika tista' fi kwalunkwe ħin tirrikjedi li kwalunkwe fornitur, offerent, sottokuntrattur u kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor, jipprovdi evidenza tal-miżuri li għandhom stabbiliti biex jipprevjenu kwalunkwe divulgazzjoni mhux awtorizzat ta' data mis-sistema elettronika, inkluża dokumentazzjoni li turi li huma jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2a fir-rigward tal-indipendenza u tan-nuqqas ta' divulgazzjoni, u tal-fatt li huma jiggarantixxu l-affidabbiltà, is-sigurtà u l-indipendenza mill-influwenza ta' gvernijiet ta' pajjiżi terzi.

4. Is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-komponenti, l-hardware u s-software kollha tal-IT għandha tiġi żgurata kemm jista' jkun. Kwalunkwe fornitur, sottokuntrattur u kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor jistgħu jintalbu mill-awtorità kontraenti biex is-sistema elettronika tipprovdi evidenza f'dan ir-rigward.

5. Meta l-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika jkollha raġuni biex temmen li l-miżuri meħuda minn kwalunkwe fornitur, offerent, sottokuntrattur jew kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor

skont il-paragrafi 2-4 ta' dan l-Artikolu, ma jkunux biżżejjed, jew li l-evidenza pprovduta minnhom skont dan l-Artikolu ma tkunx kompletament affidabbli, l-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika tista' tieħu l-miżuri skont il-kuntratt jew fi proċess ta' akkwist li hija tqis meħtieġa biex tirrimedja s-sitwazzjoni, inkluża s-sospensjoni jew it-terminazzjoni parzjali jew sħiħa tal-kuntratt u l-esklużjoni mill-proċess ta' akkwist. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal drittijiet ta' rimedju addizzjonali oħra li l-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika setgħet stabbiliet skont il-kuntratt rilevanti jew skont dispożizzjonijiet oħra fis-seħħ.

6. Sakemm ma jkunx previst f'dan ir-Regolament jew fi ftehim internazzjonali li bih hija marbuta l-Unjoni, id-data pproċessata fis-sistema elettronika ma għandhiex tiġi ttrasferita jew titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' pajjiż terz, ta' organizzazzjoni internazzjonali jew ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti barra mit-territorju tal-Unjoni.

7. Is-sistema elettronika għandha kemm jista' jkun tiġi ddisinjata b'mod li jiġu evitati ostakli prekummerċjali, kummerċjali, tekniċi, kuntrattwali u organizzazzjonali li jiskoraġġixxu, jimpedixxu jew jipprevjenu lill-awtorità kontraenti milli tittrasferixxi data, applikazzjonijiet jew assi diġitali lil fornitur ieħor ta' servizzi, jew l-użu tagħhom f'ambjent interoperabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi ta' artikolu tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Emenda 291
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-aċċess għad-data personali għandu jkun limitat għal persunal debitament awtorizzat tal-Kummissjoni u korpi tal-Unjoni oħra, awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet doganali sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawk il-korpi u l-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità ta' tali data u jipproteġuhom kontra aċċess, użu jew divulgazzjoni mhux awtorizzatia, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.	3. L-aċċess għad-data personali għandu jkun limitat għal persunal debitament awtorizzat tal-Kummissjoni u korpi tal-Unjoni oħra, awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet doganali sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawk il-korpi u l-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità ta' tali data u jipproteġuhom kontra aċċess, użu jew divulgazzjoni mhux awtorizzatia, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. ***Is-sistema elettronika għandha tiżgura r-reġistrazzjoni tal-aċċess u l-bidliet, it-traċċabbiltà tal-azzjonijiet, l-integrità tad-data, il-kontinwità tal-operat u l-iskambju sigur ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u l-operaturi.***

Or. en

Emenda 292
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-aċċess għad-data personali għandu jkun limitat għal persunal debitament awtorizzat tal-Kummissjoni u korpi tal-Unjoni oħra, awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet doganali sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawk	3. L-aċċess għad-data personali għandu jkun limitat għal persunal debitament awtorizzat tal-Kummissjoni u korpi tal-Unjoni oħra, awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet doganali sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawk

il-korpi u l-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità ta' tali data u jipproteġuhom kontra aċċess, użu jew divulgazzjoni mhux awtorizzatia, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.	il-korpi u l-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità u l-integrità ta' tali data u jipproteġuhom kontra aċċess, użu jew divulgazzjoni mhux awtorizzatia, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. ***Kull aċċess għad-data personali jrid jiġi rreġistrat u jrid ikun jista' jiġi vverifikat b'mod retrospettiv.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

F'sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati kbar, huwa meħtieġ li tiġi żgurata mhux biss ir-restrizzjoni fuq l-aċċess, iżda wkoll it-traċċabbiltà sħiħa. Tali soluzzjoni żżid il-protezzjoni tas-suġġetti tad-data u tappoġġa l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Emenda 293
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sovranità diġitali
	1. Is-sistema elettronika għandha tiġi ddisinjata sabiex tiżgura li d-data disponibbli fiha tkun protetta minn aċċess mhux awtorizzat u minn theddid ieħor għall-integrità u għas-sigurtà tagħha, li jikkostitwixxi interess pubbliku. L-infrastruttura tas-sistema elettronika, minbarra l-infrastruttura tat-trażmissjoni tat-telekomunikazzjoni, għandha tkun ikkontrollata u amministrata biss mill-Kummissjoni u għandha tkun fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.
	2. Fil-kuntest ta' kompiti relatati mal-iżvilupp, l-ospitar, it-tħaddim u l-manutenzjoni, u kwalunkwe pproċessar ta' data relatat fis-sistema elettronika:
	(a) Kwalunkwe fornitur u fornitur ta' servizzi ieħor, u kwalunkwe sottokuntrattur, għandhom jiżguraw l-

affidabbiltà, is-sigurtà u l-indipendenza mill-influwenza tal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi u ma għandhomx ikunu soġġetti direttament jew indirettament għal kwalunkwe liġi, inklużi ordnijiet eżekuttivi, ta' pajjiż terz li jista' jirrikjedi d-divulgazzjoni tas-sistema elettronika lil kwalunkwe awtorità ta' dak il-pajjiż. Għal servizzi kritiċi, inkluż kwalunkwe attività relatata mad-data, l-awtorità kontraenti tista' tirrikjedi approvazzjoni tas-sigurtà.

(b) Kwalunkwe fornitur, fornitur ta' servizz ieħor, u kwalunkwe sottokuntrattur għandu jkun legalment stabbilit fl-Unjoni u mhux ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn kwalunkwe impriża ta' pajjiż terz kif definit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) 2019/452.

3. L-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika tista' fi kwalunkwe ħin tirrikjedi li kwalunkwe fornitur, offerent, sottokuntrattur u kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor, jipprovdi evidenza tal-miżuri li għandhom stabbiliti biex jipprevjenu kwalunkwe divulgazzjoni mhux awtorizzat ta' data mis-sistema elettronika, inkluża dokumentazzjoni li turi li huma jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2a fir-rigward tal-indipendenza u tan-nuqqas ta' divulgazzjoni, u tal-fatt li huma jiggarantixxu l-affidabbiltà, is-sigurtà u l-indipendenza mill-influwenza ta' gvernijiet ta' pajjiżi terzi.

4. Is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-komponenti, l-hardware u s-software kollha tal-IT għandha tiġi żgurata kemm jista' jkun. Kwalunkwe fornitur, sottokuntrattur u kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor jistgħu jintalbu mill-awtorità kontraenti biex is-sistema elettronika tipprovdi evidenza f'dan ir-rigward.

5. Meta l-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika jkollha raġuni biex temmen li l-miżuri meħuda minn kwalunkwe

fornitur, offerent, sottokuntrattur jew kwalunkwe fornitur ta' servizzi ieħor skont il-paragrafi 2-4 ta' dan l-Artikolu, ma jkunux biżżejjed, jew li l-evidenza pprovduta minnhom skont dan l-Artikolu ma tkunx kompletament affidabbli, l-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika tista' tieħu l-miżuri skont il-kuntratt jew fi proċess ta' akkwist li hija tqis meħtieġa biex tirrimedja s-sitwazzjoni, inkluża s-sospensjoni jew it-terminazzjoni parzjali jew sħiħa tal-kuntratt u l-esklużjoni mill-proċess ta' akkwist. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal drittijiet ta' rimedju addizzjonali oħra li l-awtorità kontraenti għas-sistema elettronika setgħet stabbiliet skont il-kuntratt rilevanti jew skont dispożizzjonijiet oħra fis-seħħ.

6. Id-data pproċessata fis-sistema elettronika ma għandhiex tiġi ttrasferita jew titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' pajjiż terz, ta' organizzazzjoni internazzjonali jew ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti barra mit-territorju tal-Unjoni.

7. Is-sistema elettronika għandha kemm jista' jkun tiġi ddisinjata b'mod li jiġu evitati ostakli prekummerċjali, kummerċjali, tekniċi, kuntrattwali u organizzazzjonali li jiskoraġġixxu, jimpedixxu jew jipprevjenu lill-awtorità kontraenti milli tittrasferixxi data, applikazzjonijiet jew assi diġitali lil fornitur ieħor ta' servizzi, jew l-użu tagħhom f'ambjent interoperabbli.

Or. en

Emenda 294
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 li jemendaw l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III biex tadatta dawk l-Annessi għal xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga jew biex tallinjahom ma' kwalunkwe emenda għat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU, billi żżid jew tneħħi s-sustanzi u tadatta l-entrati eżistenti. Il-Kummissjoni tista' żżid biss sustanzi identifikati individwalment fl-Anness I jew fl-Anness II, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor li dawk l-Annessi jiġu allinjati mat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU. Il-Kummissjoni tista' żżid sustanzi fl-Anness III jew identifikati individwalment jew b'mod ġeneriku. Meta żżid sustanzi b'mod ġeneriku, il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-grupp ta' sustanzi u, jekk applikabbli, is-sustanzi individwali li għandhom jiġu eżentati mill-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għall-prekursuri tad-droga skedati.	1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 li jemendaw l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III biex tadatta dawk l-Annessi għal xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga jew biex tallinjahom ma' kwalunkwe emenda għat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU, billi żżid jew tneħħi s-sustanzi u tadatta l-entrati eżistenti. Il-Kummissjoni tista' żżid biss sustanzi identifikati individwalment fl-Anness I jew fl-Anness II, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor li dawk l-Annessi jiġu allinjati mat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU. Il-Kummissjoni ***għandha tidentifika n-numru CAS applikabbli għal kull sustanza elenkata fl-Anness I jew fl-Anness II, fejn disponibbli. Meta numru CAS ikun għadu ma ġiex assenjat, il-Kummissjoni għandha titlob l-assenjazzjoni tiegħu qabel ma jiġi adottat l-att delegat. Il-Kummissjoni*** tista' żżid sustanzi fl-Anness III jew identifikati individwalment jew b'mod ġeneriku. Meta żżid sustanzi b'mod ġeneriku, il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-grupp ta' sustanzi u, jekk applikabbli, is-sustanzi individwali li għandhom jiġu eżentati mill-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għall-prekursuri tad-droga skedati.

Or. en

Emenda 295
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 li jemendaw l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III biex tadatta dawk	1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 li jemendaw l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III biex tadatta dawk

l-Annessi għal xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga jew biex tallinjahom ma' kwalunkwe emenda għat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU, billi żżid jew tneħħi s-sustanzi u tadatta l-entrati eżistenti. Il-Kummissjoni tista' żżid biss sustanzi identifikati individwalment fl-Anness I jew fl-Anness II, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor li dawk l-Annessi jiġu allinjati mat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU. Il-Kummissjoni tista' żżid sustanzi fl-Anness III jew identifikati individwalment jew b'mod ġeneriku. Meta żżid sustanzi b'mod ġeneriku, il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-grupp ta' sustanzi u, jekk applikabbli, is-sustanzi individwali li għandhom jiġu eżentati mill-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għall-prekursuri tad-droga skedati.

l-Annessi għal xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga jew biex tallinjahom ma' kwalunkwe emenda għat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU, billi żżid jew tneħħi s-sustanzi u tadatta l-entrati eżistenti***. Għal kull sustanza miżjuda fl-Anness I jew l-Anness II, il-Kummissjoni għandha tindika n-numru CAS korrispondenti, fejn disponibbli***. Il-Kummissjoni tista' żżid biss sustanzi identifikati individwalment fl-Anness I jew fl-Anness II, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor li dawk l-Annessi jiġu allinjati mat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU. Il-Kummissjoni tista' żżid sustanzi fl-Anness III jew identifikati individwalment jew b'mod ġeneriku. Meta żżid sustanzi b'mod ġeneriku, il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-grupp ta' sustanzi u, jekk applikabbli, is-sustanzi individwali li għandhom jiġu eżentati mill-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għall-prekursuri tad-droga skedati.

Or. en

Emenda 296
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni ***għandha*** s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 li jemendaw l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III biex tadatta dawk l-Annessi għal xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga jew biex tallinjahom ma' kwalunkwe emenda għat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU, billi żżid jew tneħħi s-sustanzi u tadatta l-entrati eżistenti. Il-Kummissjoni tista' żżid biss sustanzi identifikati individwalment fl-Anness I jew fl-Anness	1. ***Sa mhux aktar tard minn [6 xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament],*** il-Kummissjoni ***għandu jkollha*** s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 li jemendaw l-Anness I, l-Anness II u l-Anness III biex tadatta dawk l-Annessi għal xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga jew biex tallinjahom ma' kwalunkwe emenda għat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU, billi żżid jew tneħħi s-sustanzi u tadatta l-entrati eżistenti. Il-

II, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor li dawk l-Annessi jiġu allinjati mat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU. Il-Kummissjoni tista' żżid sustanzi fl-Anness III jew identifikati individwalment jew b'mod ġeneriku. Meta żżid sustanzi b'mod ġeneriku, il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-grupp ta' sustanzi u, jekk applikabbli, is-sustanzi individwali li għandhom jiġu eżentati mill-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għall-prekursuri tad-droga skedati.	Kummissjoni tista' żżid biss sustanzi identifikati individwalment fl-Anness I jew fl-Anness II, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor li dawk l-Annessi jiġu allinjati mat-tabelli annessi mal-Konvenzjoni tan-NU. Il-Kummissjoni tista' żżid sustanzi fl-Anness III jew identifikati individwalment jew b'mod ġeneriku. Meta żżid sustanzi b'mod ġeneriku, il-Kummissjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-grupp ta' sustanzi u, jekk applikabbli, is-sustanzi individwali li għandhom jiġu eżentati mill-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ għall-prekursuri tad-droga skedati.

Or. en

Emenda 297
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6. Jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA), skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/1322, fil-valutazzjoni tal-prekursuri tad-droga u fit-tħejjija tar-rapporti ta' valutazzjoni tat-theddid. Jinnota li tali valutazzjonijiet jistgħu jipprovdu l-bażi biex il-Kummissjoni tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 298
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness IV, l-Anness V, l-Anness VI, l-Anness VII, l-Anness VIII u l-Anness IX biex tadatta ***l-kundizzjonijiet ġenerali u regoli*** tekniċi ***oħra*** għal: liċenzji; reġistrazzjonijiet; notifiki minn qabel; notifiki ta' kwantità għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni; notifiki ta' qabel l-esportazzjoni; il-kriterji biex jiġu ddeterminati l-finijiet leċiti tat-tranżazzjoni msemmija fl-Artikolu 24; id-determinazzjoni tal-kriterji għal suspett dwar l-intenzjoni tal-użu fil-manifattura illeċita tad-drogi kif imsemmi fl-Artikolu 30(7); obbligi ta' rapportar; u miżuri tranżizzjonali.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness IV, l-Anness V, l-Anness VI, l-Anness VII, l-Anness VIII u l-Anness IX biex tadatta ***eskluživament l-elementi*** tekniċi ***u ta' implimentazzjoni*** għal: liċenzji; reġistrazzjonijiet; notifiki minn qabel; notifiki ta' kwantità għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni; notifiki ta' qabel l-esportazzjoni; il-kriterji biex jiġu ddeterminati l-finijiet leċiti tat-tranżazzjoni msemmija fl-Artikolu 24; id-determinazzjoni tal-kriterji għal suspett dwar l-intenzjoni tal-użu fil-manifattura illeċita tad-drogi kif imsemmi fl-Artikolu 30(7); obbligi ta' rapportar; u miżuri tranżizzjonali. ***L-atti delegati ma jistgħux ibiddlu l-obbligi essenzjali tal-kontrolluri jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-atti delegati huma maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' att legali. Huwa xieraq li jiġi kkonfermat b'mod espliċitu li ma jistgħux jiġu introdotti obbligi sostantivi ġodda jew li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament jiġi estiż permezz ta' atti delegati mingħajr proċess leġiżlattiv xieraq.

Emenda 299
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta tadotta atti delegati f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis kemm ir-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga għall-produzzjoni u l-manifattura ta' drogi illeċiti kif ukoll l-impatt fuq il-kummerċ leġittimu.	5. Meta tadotta atti delegati f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis kemm ir-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga għall-produzzjoni u l-manifattura ta' drogi illeċiti kif ukoll l-impatt fuq il-kummerċ leġittimu. ***Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni preliminari tal-impatt***

ekonomiku u għandha tikkonsulta, f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-gruppi ta' esperti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija kimika u l-istituzzjonijiet tar-riċerka akkademika.

Or. en

Emenda 300
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta tadotta atti delegati f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis kemm ir-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga għall-produzzjoni u l-manifattura ta' drogi illeċiti kif ukoll l-impatt fuq il-kummerċ leġittimu.	5. Meta tadotta atti delegati f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis kemm ir-riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga għall-produzzjoni u l-manifattura ta' drogi illeċiti kif ukoll l-impatt fuq il-kummerċ leġittimu***, il-kompetittività tal-operaturi ekonomiċi u l-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Ir-regolamentazzjoni tal-prekursuri trid tiżgura livell għoli ta' protezzjoni kontra l-użu ħażin, iżda fl-istess ħin ma tridx timponi piż żejjed fuq l-attivitajiet ekonomiċi leġittimi. Il-valutazzjoni tal-impatti fuq l-SMEs hija konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar.

Emenda 301
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	5a. L-ebda dispożizzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ma għandha ċċaħħad lill-Istati Membri mid-dritt li jiskeda sustanzi kimiċi bħala prekursuri tad-droga fil-livell nazzjonali.

Or. fi

Emenda 302
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-abbozz tal-att delegat u l-ġustifikazzjoni teknika u xjentifika sottostanti disponibbli għall-Istati Membri fi żmien xieraq qabel ma tibda l-konsultazzjoni.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Konsultazzjoni effettiva tippreżumi li l-Istati Membri għandhom żmien biżżejjed biex jivvalutaw il-proposta u jkollhom aċċess għall-evidenza li fuqha l-Kummissjoni tibbaża d-deċiżjoni tagħha.

Emenda 303
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Atti delegati li jemendaw l-Anness	1. Atti delegati li jemendaw l-Anness

I, l-Anness II u l-Anness III adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.	I, l-Anness II u l-Anness III adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza. ***Il-Kummissjoni għandha turi b'mod partikolari l-eżistenza ta' riskju imminenti u serju għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika li jiġġustifika l-użu tal-proċedura ta' urġenza.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura ta' urġenza tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-eżerċizzju standard tas-setgħat delegati. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi li fihom tista' tintuża din il-proċedura.

Emenda 304
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) tipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat bħala osservatur u għandha tipprovdi għarfien espert tekniku. Rappreżentanti mill-industrija tal-kimika, minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u minn ċentri tar-riċerka universitarji jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw bħala osservaturi jew esperti, kif xieraq, biex jipprovdu kontribut dwar il-valutazzjoni tal-impatt operattiv u ekonomiku tal-miżuri li jkunu qed jiġu kkunsidrati.

Or. en

Emenda 305
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rieżami	***Evalwazzjoni u*** rieżami

Or. en

Emenda 306
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 10 snin ***mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih ***valutazzjoni*** ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu.	***Sal-31 ta' Diċembru 2030 u kull 3*** snin ***wara***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih ***evalwazzjoni*** ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu***, f'termini tas-saħħa pubblika u l-użu leġittimu tal-prekursuri tad-droga***. ***L-evalwazzjoni għandha b'mod partikolari tinkludi valutazzjoni:*** ***(a) tal-evoluzzjoni tal-manifattura, tal-kummerċ u tal-użu leċiti u illeċiti tal-prekursuri tad-droga u tad-designers tad-droga;*** ***(b) tal-kategorizzazzjoni tas-sustanzi u tat-taħlitiet; tal-kwalità tal-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;*** ***(c) tal-adegwatezza tas-sanzjonijiet;*** ***(c) tal-miżuri ta' salvagwardja meħuda mill-Istati Membri;*** ***(d) tar-rwol tal-pjattaformi tas-suq online;*** ***(e) tar-riżorsi finanzjarji u umani tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.***

Meta l-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, mar-rapport għandha tinthemeż proposta leġiżlattiva għall-emenda tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 307
Evin Incir, Brando Benifei

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa ***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 10*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***]***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu.	Sa 5 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***u kull 5 snin wara***. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu ***u dwar l-applikazzjoni uniformi tiegħu madwar l-Unjoni***. ***L-effettività ta' dan ir-Regolament fil-prevenzjoni tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga tista' wkoll tkun indikatur fil-valutazzjoni.***

Or. en

Emenda 308
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa ***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 10*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***]***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport	Sa ***5*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun

dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu.	fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu***, l-impatt tiegħu fuq il-ġlieda kontra l-produzzjoni illeċita tad-droga, il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u l-funzjonament tas-sistema elettronika msemmija fl-Artikolu 35***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Perjodu ta' 10 snin huwa twil wisq, minħabba l-iżviluppi rapidi fid-drogi sintetiċi, fil-prekursuri designer u fl-għodod diġitali. Valutazzjoni aktar bikrija se tippermetti l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali u rispons xieraq għall-iżvilupp tas-sitwazzjoni.

Emenda 309
Brando Benifei, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa ***[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 10*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***]***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu.	Sa ***5*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***u wara dan kull 5 snin***. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu ***u dwar l-applikazzjoni uniformi tiegħu madwar l-Unjoni***.

Or. en

Emenda 310
Sophie Wilmès, Benoit Cassart, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk

jogħġbok żid id-data: ***10*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu.	jogħġbok żid id-data: ***5*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament qiegħed jilħaq l-objettivi tiegħu.
	Or. en

Emenda 311
Benoit Cassart, Sophie Wilmès, Dan Barna, Hilde Vautmans, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din l-evalwazzjoni għandha, b'mod partikolari, tivvaluta kemm l-effettività tal-kontrolli doganali kif ukoll l-interkonnettività diġitali fit-tnaqqis tad-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga, u l-impatt ekonomiku u amministrattiv tar-Regolament fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-kummerċ leġittimu, u l-attivitajiet ta' riċerka xjentifika u innovazzjoni. B'deroga mill-paragrafu 1, fi żmien 3 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni interim lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'enfasi partikolari fuq il-varar operazzjonali tas-sistema elettronika ċentralizzata, l-interoperabbiltà tal-għodod tas-sistemi doganali nazzjonali, u l-adegwatezza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni amministrattiva mogħtija lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll liċ-ċentri ta' riċerka universitarji.
	Or. en

Emenda 312
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Liċenzji, liċenzji speċjali, reġistrazzjonijiet u reġistrazzjonijiet speċjali maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 jew ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***3 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu validi sad-data ta' skadenza tagħhom jew sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont liema tkun l-ewwel waħda.	1. Liċenzji, liċenzji speċjali, reġistrazzjonijiet u reġistrazzjonijiet speċjali maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 jew ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu validi sad-data ta' skadenza tagħhom jew sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] skont liema tkun l-ewwel waħda.

Or. en

Emenda 313
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Liċenzji u liċenzji speċjali li għalihom issir applikazzjoni qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***3 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] abbażi tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 għandhom jingħataw f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti u jkunu validi sa massimu ta' [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	2. Liċenzji u liċenzji speċjali li għalihom issir applikazzjoni qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] abbażi tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 għandhom jingħataw f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti u jkunu validi sa massimu ta' [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 314
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u l-esportazzjoni maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***3 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu validi sad-data ta' skadenza tagħhom.	4. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u l-esportazzjoni maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu validi sad-data ta' skadenza tagħhom.

Or. en

Emenda 315
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni li għalihom saret applikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 iżda li ma nħarġux qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***3 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jitqiesu li ġew applikati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX.	5. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni li għalihom saret applikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 111/2005 iżda li ma nħarġux qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom jitqiesu li ġew applikati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX.

Or. en

Emenda 316
Saskia Bricmont

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***3 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	Dan għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok żid id-data: ***18-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 317
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Anness VII – subintestatura 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Swieq online ***1. L-operaturi tas-swieq online, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), li jiffaċilitaw il-bejgħ ta' prekursuri skedati jew tad-designers minn bejjiegħa terzi għandhom:*** ***(a) jivverifikaw, qabel l-elenkar, li l-bejjiegħa għandhom liċenzja jew reġistrazzjoni valida meħtieġa skont dan ir-Regolament;*** ***(b) jissospendu jew ineħħu l-elenki meta bejjiegħ ma jkunx jista' juri awtorizzazzjoni valida; u (c) jirrapportaw lill-awtorità kompetenti kwalunkwe bejjiegħ elenkat mingħajr awtorizzazzjoni valida li jinstab li offra sustanzi skedati għall-bejgħ.*** ***L-operaturi tas-swieq online li jonqsu milli jikkonformaw ma' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għall-penali applikabbli għall-operaturi skont dan ir-Regolament.*** ***2. Meta l-fornituri ta' postijiet tas-suq online jsiru konxji ta' kwalunkwe informazzjoni dwar tranżazzjonijiet suspettużi, għajbien sinifikanti u serq ta'***

prekursuri tad-droga skedati, huma għandhom jirrapportaw minnufih dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 318
Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Anness VII – punt 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwantità tas-sustanza u, fil-każ ta' taħlita, jew ta' organiżmu jew ta' sustanza li tinsab fin-natura, il-kwantità, u, jekk disponibbli, il-perċentwal ta' kwalunkwe sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III li tinsab fiha;	(b) il-kwantità tas-sustanza u, fil-każ ta' taħlita, jew ta' organiżmu jew ta' sustanza li tinsab fin-natura, il-kwantità, u, jekk disponibbli, il-perċentwal ta' kwalunkwe sustanza koperta mill-Anness I, mill-Anness II jew mill-Anness III li tinsab fiha; ***l-esportaturi jistgħu jindikaw, f'notifika waħda, il-firxa ta' konċentrazzjoni tat-taħlitiet kollha li fihom sustanza skedata speċifika esportata matul perjodu ta' 180 jum kalendarju, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti li dan mhux se jirriżulta fl-ebda riskju ta' devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga skedati.***

Or. en